IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 2.12.2011
KUMM(2011) 804 finali

2011/0380 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata

SEG(2011) 1416 finali
SEG(2011) 1417 finali

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) 2014-2020 adottata fid-29 ta' Ġunju, stabbilixxiet il-qafas baġitarju u l-orjentazzjonijiet ewlenin għall-finanzjament tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Politika Marittima Integrata (PMI).

Barra minn hekk, fit-13 ta' Lulju 2011 il-Kummissjoni adottat pakkett li jistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għall-PKS. Fis-snin 2008-2010, il-Politika Marittima Integrata (PMI) kienet iffinanzjata permezz ta' serje ta' skemi pilota u azzjonijiet preparatorji. Il-Kummissjoni pproponiet li jiġi stabbilit strument finanzjarju ġdid għall-perjodu bejn l-2012 u l-2013. Bit-tnedija tal-QFM il-ġdid, sar neċessarju li jiġi adottat strument fit-tul għall-appoġġ finanzjarju tal-PMI.

Fis-6 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar "Dispożizzjonijiet Komuni" li jistabbilixxi regoli komuni għall-fondi b'ġestjoni konġunta, bl-għan ewlieni ta' simplifikazzjoni tat-twassil tal-politika. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew tal-ġejjieni għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-Fondi tas-CSF - Common Strategic Framework) isegwu għanijiet komplimentari u jħaddnu l-istess modalità amministrattiva. Ir-Regolament dwar "id-Dispożizzjonijiet Komuni" jistabbilixxi serje ta' regoli komuni għal dawn il-fondi. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw il-prinċipji ġenerali bħas-sħubija, il-governanza f'diversi livelli, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, is-sostenibbiltà u l-konformità mal-liġi nazzjonali u tal-UE applikabbli. Il-proposta fiha wkoll elementi komuni ta' ppjanar u pprogrammar strateġiku, inklużi lista ta' għanijiet tematiċi miġjuba mill-Istrateġija Ewropa 2020, dispożizzjoniijet dwar il-Qafas Strateġiku Komuni fil-livell tal-Unjoni u dwar Kuntratti ta' Sħubija li għandhom jiġu konklużi ma' kull Stat Membru. Tintroduċi kundizzjonalitajiet makroekonomiċi u tistabbilixxi approċċ komuni għall-orjentazzjoni tal-prestazzjoni tal-fondi tas-CSF. Għalhekk, din tinkludi kundizzjonalitajiet u analiżi tal-prestazzjoni ex ante, iżda anki l-arranġamenti għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni. Huma stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet komuni fir-rigward tar-regoli ta' eliġibbiltà, u huma definiti arranġamenti speċjali għall-istrumenti finanzjarji u għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità. Xi arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll huma wkoll komuni għall-Fondi kollha tas-CSF.

Il-proposta attwali għar-Regolament dwar il-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** (FEMS) timmira li jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS u l-PMI riformati. Hija bbażata fuq dawn l-għanijiet, definiti mill-ġdid f'termini ta' finanzjament:

(1) il-promozzjoni ta' sajd u akkwakultura kompetittivi u sostenibbli;

(2) it-trawwim tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni, b'mod komplimentari għall-politika ta' koeżjoni u għall-PKS;

(3) il-promozzjoni ta' żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd (inkluża l-akkwakultura u s-sajd intern);

(4) kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-PKS.

In-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tad-dixxiplini ġodda dwar is-sussidji għas-sajd għadhom għaddejjin. In-natura preliminarja tagħhom ma tippermettix li jkun antiċipat ir-riżultat. Madankollu, jekk ikun hemm obbligi ġodda tal-UE b'riżultat ta' dawn in-negozjati, il-kompatibbiltà tal-proposta tal-FEMS għandha tkun żgurata. Għal dan il-għan, tista' tkun meħtieġa analiżi tal-kompatibbiltà tal-miżuri rilevanti tal-FEMS.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni ex post tal-SFGS, l-evalwazzjoni interim tal-FES u l-valutazzjoni tal-impatt għar-riforma tal-PKS, il-valutazzjoni tal-impatt tal-FEMS tivvaluta tliet xenarji alternattivi: (i) il-"FES+", li huwa kontinwazzjoni tal-FES attwali mingħajr ħafna mis-sussidji diretti tal-flotta u l-appoġġ iffokat fuq l-għanijiet tar-riforma tal-PKS (ii) il-"FES+ Integrazzjoni", fejn l-istrumenti ta' finanzjament l-oħrajn tal-PKS huma integrati f'fond ta' wara l-FES, iżda jżommu l-istess modalità amministrattiva bħal-lum u (iii) u l-"FES+ Konverġenza" fejn l-appoġġ għall-PMI huwa integrat ukoll taħt il-fond uniku l-ġdid u sa fejn huwa possibbli, l-istrumenti kollha jinġiebu taħt il-ġestjoni konġunta.

Dawn it-tliet xenarji ta' politika ġew allinjati max-xenarju ppreferut għar-riforma tal-PKS u evalwati bl-istess xenarju bażi. Ikkunsidraw ukoll ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet imnedija bl-adozzjoni tal-Green Paper f'April 2009. Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet jinġabru fil-qosor hawn taħt:

– Bosta kontribuzzjonijiet jitolbu għall-kontinwazzjoni tal-finanzjament pubbliku għas-sajd, għalkemm xi ftit Stati Membri u l-maġġoranza tal-NGOs jargumentaw li huma jippriservaw l-istrutturi li mhumiex vijabbli, jikkontribwixxu għall-kapaċità eċċessiva u jżommu d-dipendenza tal-industrija fuq is-sussidji.

– Hemm ftehim li kwalunkwe appoġġ fil-ġejjieni għandu jakkumpanja l-implimentazzjoni tar-riforma tal-PKS u jiffaċilita l-ispejjeż ta' aġġustament tal-industrija.

– Il-finanzjament tal-UE għandu jiffoka fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-titjib tal-protezzjoni tal-baħar, u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-iżvilupp lokali.

– Ir-rabta mal-PMI titqies importanti: il-politiki marittimi ma jistgħux jibqgħu jaġixxu f'iżolazzjoni, filwaqt li jeħtieġ li tissaħħaħ il-koerenza tal-PKS mal-PMI.

– Hija meħtieġa aktar kondizzjonalità bejn il-finanzjament tal-UE u l-issodisfar tal-għanijiet tal-PKS. Il-konformità mar-regoli/il-miri għandu jkollha effett fuq id-disponibbiltà tal-fondi.

– Approċċ aktar settorjali għall-allokazzjoni tal-finanzjament (marbut mad-daqs tas-settur tas-sajd minflok mal-livell ta' żvilupp ekonomiku, kif inhu l-każ bħalissa) huwa appoġġjat ħafna minn grupp ta' Stati Membri, filwaqt li huwa oppost mill-PE.

– Hemm qbil ġenerali fir-rigward tal-importanza tal-flotot kostali fuq skala żgħira li jibqgħu sors sinifikanti ta' impjiegi fil-komunitajiet kostali. Xi Stati Membri jridu aċċess privileġġjat ta' dawn il-flotot għal finanzjament, filwaqt li oħrajn mhumiex favur approċċ speċifiku.

– Il-maġġoranza l-kbira tal-industrija u l-Istati Membri jikkunsidraw li s-servizzi komuni (bħall-kontroll u l-ġbir tad-dejta) għandhom ikomplu jiġu appoġġjati taħt finanzjament tal-UE.

Minbarra l-konsultazzjoni pubblika, ġew organizzati madwar 200 laqgħa mal-partijiet interessati. Fl-2010 u l-2011 saru laqgħat li matulhom ġew diskussi r-riforma u l-finanzjament tal-PKS. B'mod partikolari: (i) fit-13 ta' April 2010 ġie organizzat fi Brussell seminar iddedikat dwar il-FES fil-ġejjieni, mal-partijiet interessati mill-industrija, mat-trejdjunjins, mal-PE u l-Istati Membri; (ii) f'Gand (12-14 ta' Settembru 2010) u Noordwijk (9-11 ta' Marzu 2011) saru żewġ laqgħat mal-Istati Membri (iii) bejn it-12 u t-13 ta' April 2011 saret konferenza fi Brussell dwar il-ġejjieni tal-iżvilupp lokali fiż-żoni tas-sajd. Finalment, il-validità tal-approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi u l-ħtieġa ta' finanzjament tal-PMI ġew ikkonfermati mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-PE.

Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-"FES+ Konverġenza" għandu prestazzjoni aħjar miż-żewġ għażliet l-oħrajn fir-rigward tat-tliet indikaturi tal-impatt magħżula għall-analiżi: it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent, l-għeluq tad-distakk fl-innovazzjoni fis-sajd u fl-akkwakultura u n-numru ta' impjiegi maħluqa barra mis-settur tas-sajd f'komunitajiet li huma dipendenti fuq is-sajd.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Qed jiġi propost li l-maġġoranza tal-istrumenti finanzjarji attwali tal-PKS u tal-PMI jiġu integrati f'fond wieħed, bl-eċċezzjoni tal-Ftehimiet dwar Sajd Sostenibbli (Sustainable Fisheries Agreements - SFAs) u l-kontribuzzjoni obbligatorja għall-RFMOs. Il-FEMS huwa strutturat madwar 4 pilastri:

- **Sajd Ekoloġiku u Intelliġenti** (ġestjoni konġunta) - sabiex titrawwem it-tranżizzjoni għas-sajd sostenibbli, li huwa aktar selettiv, ma jipproduċix rimi, jagħmel inqas ħsara lill-ekosistemi tal-baħar u għalhekk jikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar; u sabiex jiġi pprovdut appoġġ li jkun iffokat fuq l-innovazzjoni u l-valur miżjud, tant li jagħmel is-settur tas-sajd ekonomikament vijabbli u reżistenti għal xokkijiet esterni u għall-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi.

- **Akkwakultura Ekoloġika u Intelliġenti** (ġestjoni konġunta) - sabiex tinkiseb akkwakultura ekonomikament vijabbli, kompetittiva u ekoloġika, li tkun kapaċi tiffaċċja l-kompetizzjoni globali u tipprovdi prodotti tajbin għas-saħħa u b'valur nutrittiv għoli lill-konsumaturi tal-UE.

- **Żvilupp Territorjali Sostenibbli u Inklużiv** (ġestjoni konġunta) - sabiex jitreġġa' lura t-tnaqqis ta' ħafna komunitajiet kostali u interni li jiddependu fuq is-sajd, permezz taż-żieda ta' aktar valur lis-sajd u l-attivitajiet relatati mas-sajd u permezz ta' diversifikazzjoni għal setturi oħrajn tal-ekonomija marittima.

- **Politika Marittima Integrata** (ġestjoni ċentralizzata diretta) - sabiex jiġu appoġġjati dawk il-prijoritajiet trasversali li jiġġeneraw frankar u tkabbir, iżda li l-Istati Membri mhumiex ser imexxu 'l quddiem weħidhom – bħal għarfien dwar il-baħar, l-ippjanar spazjali marittimu, il-ġestjoni integrata taż-żoni kostali u s-sorveljanza marittima integrata, il-protezzjoni tal-ambjent marittimu, b'mod partikolari l-bijodiversità tiegħu, kif ukoll l-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni kostali.

Minbarra l-erba' pilastri, il-FEMS ser jinkludi miżuri ta' akkumpanjament: il-ġbir tad-dejta u l-konsulenza xjentifika, il-kontroll, it-tmexxija, is-swieq tas-sajd (inklużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda), il-ħlasijiet volontarji lill-RFMOs u l-assistenza teknika.

Il-proposta hija **konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà**. L-għan ġenerali tal-FEMS huwa li **jappoġġja l-għanijiet tal-PKS**, politika li fuqha l-UE għandha kompetenza esklussiva, u li jkompli jiżviluppa l-Politika Marittima Integrata tal-UE. Billi jaġixxu weħidhom, l-Istati Membri mhumiex f'pożizzjoni li jilħqu dawn l-għanijiet li jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE permezz ta' finanzjament multiannwali ffokat fuq il-prijoritajiet relevanti.

## 4. Tagħlimiet miksuba u karatteristiċi ġodda tal-FEMS

Kontribuzzjoni għall-Ewropa 2020

Il-FEMS se jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 taħt tliet inizjattivi ewlenin: i) Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza, ii) unjoni tal-innovazzjoni u iii) l-aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi.

Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn sajd sostenibbli, ibbażat fuq l-ogħla rendimenti sostenibbli, l-eliminazzjoni tal-iskart u t-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent marittimu, il-promozzjoni ta' akkwakultura b'livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali u koordinazzjoni akbar mal-politiki marittimi li jwasslu għal użu aktar sostenibbli tar-riżorsi se jkunu kontribuzzjoni ewlenija tal-FEMS għal "Ewropa b'Użu Effiċjenti ta' Riżorsi".

Taħt l-"Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi", il-prijorità tal-FEMS se tkun li jiżdiedu l-impjiegi, il-koeżjoni territorjali u l-inklużjoni soċjali fil-komunitajiet li jiddependu fuq is-sajd. Id-diversifikazzjoni tal-ekonomiji lokali, b'mod partikolari lejn setturi oħra tal-ekonomija marittima, se toħloq impjiegi ġodda u opportunitajiet ta' tkabbir f'żoni kostali.

Il-FEMS se jikkontribwixxi għall-"Unjoni tal-Innovazzjoni" wkoll permezz tal-appoġġ għall-innovazzjoni tal-prodotti u l-proċessi fil-livelli kollha tal-produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni u katini ta' distribuzzjoni tas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, żieda fil-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, appoġġ għall-ekoinnovazzjoni u żvilupp ulterjuri ta' għodod politiċi ġodda, innovattivi u trażversali bħall-Għarfien dwar il-Baħar, l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u s-Sorveljanza Marittima Integrata.

Dimensjoni soċjali msaħħa

Il-FEMS ser jippromwovi l-koeżjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi fil-komunitajiet dipendenti fuq is-sajd billi jżid aktar il-valur tas-sajd u permezz tad-diversifikazzjoni f'setturi marittimi oħrajn. L-approċċ immexxi mill-komunità lejn żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd għandu jissaħħaħ. Għall-ewwel darba, il-FEMS jirrikonoxxi wkoll li r-rwol li l-konjuġi – l-aktar in-nisa - spiss ikollhom fin-negozju familjari tas-sajd, f'ħafna każijiet mingħajr ebda rikonoxximent. Dawn jistgħu jibbenifikaw *inter alia* minn appoġġ mill-FEMS għal taħriġ, b'mod partikolari għall-kisba ta' ħiliet marbuta mal-imprenditorija u l-ġestjoni tan-negozju.

Il-FEMS għandu jippromwovi wkoll il-kapital uman u jrawwem id-diversifikazzjoni billi jippermetti lill-komunitajiet lokali jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jidħlu f'attivitajiet ġodda li qed jemerġu f'setturi marittimi oħrajn. Dan l-approċċ se jibni wkoll il-wirt naturali u kulturali, u jibdilhom f'assi importanti għall-iżvilupp lokali.

Minħabba l-importanza ta' flotot kostali fuq skala żgħira għall-komunitajiet kostali, il-FEMS jipproponi li japplika għalihom rata ogħla ta' intensità tal-għajnuna u jintroduċi xi miżuri speċjali eliġibbli biss għal dawk il-flotot. Dawk il-miżuri jinkludu pariri professjonali dwar l-istrateġiji ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni, dwar il-bidu ta' negozju barra mis-settur tas-sajd u appoġġ speċjali għall-innovazzjoni; dan tal-aħħar huwa partikolarment importanti meta wieħed iqis li l-maġġoranza ta' dawn in-negozji tas-sajd huma impriżi mikro b'aċċess ristrett għal finanzjament.

Ser tingħata prijorità lill-istrateġiji kollettivi, inter alia minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, li jibnu fuq il-kapital soċjali u jippermettu l-kisba ta' massa kritika ta' investiment. Dawn l-istrateġiji kollettivi ser jibbenifikaw ukoll minn rata ogħla ta' intensità tal-għajnuna.

Is-sostenibbiltà ambjentali

Il-miżuri eżistenti ġew issimplifikati u riveduti sabiex tiġi stabbilita rabta qawwija għas-sostenibbiltà ambjentali. Il-kapaċità eċċessiva tibqa' l-problema ewlenija tal-PKS u hija waħda mill-fatturi ewlenin li jwasslu għas-sajd eċċessiv. It-tneħħija tal-kapaċità eċċessiva permezz tal-għajnuna pubblika bħall-iskrappjar uriet bil-provi li ma kinitx effettiva; minkejja l-EUR 1.7 biljun minfuqa sa mill-1994, il-kapaċità attwali tas-sajd ma naqsitx f'ħafna mill-flotot tal-UE. Għalhekk, l-FEMS mhuwiex se jibqa' jappoġġja l-iskrappjar u jalloka r-riżorsi finanzjarji li jiffranka minn dan lil forom aktar effettivi ta' assistenza għas-sajd sostenibbli.

Il-FEMS ser jappoġġja t-tranżizzjoni għall-Ogħla Rendiment Sostenibbli (MSY - Maximum Sustainable Yield) u jiffaċilita l-introduzzjoni gradwali ta' projbizzjoni fuq ir-rimi permezz tal-approċċ integrali, li jinvolvi miżuri bħal appoġġ għal tagħmir u tekniki tas-sajd aktar selettivi, investiment fit-tagħmir abbord u l-faċilitajiet tal-port meħtieġa għall-użu ta' qabdiet mhux mixtieqa, miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar. Bl-istess għan, l-allokazzjoni finanzjarja żdiedet b'mod sostanzjali għall-ġbir tad-dejta u parir xjentifiku (sabiex jiżdied in-numru ta' stokkijiet li għalihom huwa disponibbli parir xjentifiku) u għall-kontroll tan-nefqa (sabiex tiġi żgurata konformità aħjar).

Għandu jkun hemm ukoll enfasi fuq l-iżvilupp ta' akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u appoġġ għal akkwakultura li jkollha effett pożittiv fuq l-ekosistemi.

L-attività tas-sajd madwar id-dinja tirrappreżenta madwar 1.2 % tal-konsum globali tal-fjuwil. Jeħtieġ li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u li jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur tal-qbid tal-ħut u, sa ċertu punt, fl-akkwakultura, sabiex dawn jikkontribwixxu għall-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 dwar it-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, l-FEMS ser jappoġġja xi miżuri maħsuba biex itaffu t-tibdil fil-klima.

Enfasi fuq sajd u akkwakultura innovattivi, vijabbli u kompetittivi

Kemm is-sajd kif ukoll l-akkwakultura għandhom diffikultajiet fir-rigward tal-innovazzjoni. Il-provvista, it-tqegħid fis-suq u l-kummerċjalizzazzjoni bħalissa qegħdin jiġu organizzati b'tali mod li n-negozji tas-sajd u tal-akkwakultura rarament huma involuti fil-bejgħ u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tagħhom.

1. Miżuri ġodda b'enfasi qawwija fuq l-innovazzjoni ġew inklużi fil-FEMS sabiex jippromwovu l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u sistemi ta' ġestjoni u ta' organizzazzjoni ġodda jew imtejba matul il-katina kollha tal-valur sabiex is-sajd l-akkwakultura jiġu megħjuna sabiex iżidu l-valur mal-prodotti tagħhom, inaqqsu l-

impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħhom u jbaxxu l-ispejjeż tal-produzzjoni. L-innovazzjoni ser titrawwem ukoll permezz ta' miżuri li jistimolaw il-kooperazzjoni bejn ix-xjentisti u s-sajjieda. Anki l-appoġġ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità għandu jxerred l-innovazzjoni fil-livell lokali, meta wieħed iqis li din l-innovazzjoni spiss hija definita fil-kuntest lokali, u tista' tkun teknoloġika jew mhux teknoloġika, u bbażata fuq prattiki ġodda jew tradizzjonali.

2. Għall-ewwel darba, il-FEMS ser ifittex ukoll li jippromwovi forom ġodda ta' akkwakultura b'potenzjal għoli ta' tkabbir, bħall-akkwakultura 'il barra mill-kosta u l-akkwakultura mhux relatata mal-ikel u sabiex jinkoraġġixxi bidu ta' negozji. Il-karatteristiċi l-ġodda jinkludi wkoll appoġġ għall-akkwakultura multifunzjonali, li jippermetti li jiġi diversifikat id-dħul tal-impriżi fis-settur tal-akkwakultura permezz ta' attivitajiet bħas-sajd bil-qasba, il-bejgħ dirett, l-ekoturiżmu jew attivitajiet edukattivi relatati mal-akkwakultura. Huma proposti wkoll appoġġ għall-użu ta' servizzi konsultattivi minn ditti tal-akkwakulturi u miżuri li jkabbru l-potenzjal ta' siti ta' akkwakulturi (fost l-oħrajn permezz ta' finanzjament għall-ippjanar tal-ispazju marittmu u titjib ta' infrastrutturi).

Se jiġu inkoraġġiti komplimentarjetà u sinerġija ma' programmi ta' riċerka u innovazzjoni previsti mal-programm Kwadru għar-Riċerka li qed jitħejja (Orizzont 2020).

<u>Impetu ġdid għall-iżvilupp tal-Politika Marittima Integrata (PMI)</u>

Il-PMI ġiet imnedija fl-2007 sabiex tiffaċilita l-koordinazzjoni marittima tul il-fruntieri u s-setturi (it-trasport marittimu, l-industrija, ir-reġjuni kostali, l-enerġija offshore, is-sajd jew l-ambjent tal-baħar). Il-koordinazzjoni bejn il-politiki li qabel kienu maqsuma f'kategoriji tirriżulta fit-tnaqqis ta' spejjeż u aktar effiċjenza.

Il-finanzjament għall-PMI fil-FEMS ser jiffoka fuq l-iżvilupp ta' għodod ta' politika transsettorjali: inizjattivi li minnhom jibbenifikaw setturi differenti, iżda li ma jistgħux jintlaħqu fi ħdan oqsma ta' politika individwali. L-<u>Ippjanar Spazjali Marittimu</u> jipprovdi qafas legali stabbli għall-ġestjoni taż-żoni tal-baħar, riżorsi u servizzi tal-ekosistema b'mod sostenibbli. Intwera li dan jaċċellera l-investimenti marittimi u jbaxxi l-ispejjeż legali u amministrattivi għall-kumpaniji. <u>Is-Sorveljanza Marittima Integrata</u> tippermetti lill-atturi pubbliċi jaqsmu d-dejta bejniethom sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu b'mod effiċjenti mal-avvenimenti li jsiru f'ħin reali fuq il-baħar. Hija tevita d-duplikazzjonijiet għaljin tal-attivitajiet ta' sorveljanza marittima li jikkonsmaw ir-riżorsi. Is-sorveljanza integrata tfisser sinerġiji kosteffettivi għall-użu aħjar tal-flus pubbliċi. <u>L-Għarfien dwar il-Baħar 2020</u> għandu l-għan li jiġbor flimkien l-għarfien frammentat tal-Ewropa dwar il-baħar f'riżorsa li tkun aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas. Id-<u>Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li hija pilastru ambjentali tal-PMI</u>, se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li għandhom impatt fuq l-ambjent marittimu.

Il-ġestjoni tal-affarijiet marittimi b'mod integrat tfisser li l-flus pubbliċi jintefqu aħjar u jiġi massimizzat l-effett tad-diversi politiki li jaffettwaw il-baħar. Fuq dik il-linja, il-finanzjament għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp tat-tmexxija marittima integrata fil-livell tal-baċini tal-baħar. Il-koordinazzjoni fil-livell tal-baċini tal-baħar tiżgura li l-fondi jintefqu fi ħdan qafas politiku konsistenti, li jgħaqqad sorsi differenti ta' finanzjament. L-inklużjoni tal-PMI fil-FEMS tappoġġja wkoll l-integrazzjoni tal-għanijiet marittimi f'fondi oħrajn billi tippermetti lill-politiki marittimi jagħmlu kontribuzzjoni aktar b'saħħitha għall-istrateġija Ewropa 2020.

Simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv

L-integrazzjoni ta' ħames strumenti finanzjarji tal-PKS u tal-PMI f'fond wieħed għandha twassal għal simplifikazzjoni kbira minħabba regoli u proċeduri simplifikati u magħquda. Barra minn hekk, il-ġbir tad-dejta, il-kontroll u l-miżuri tas-suq, inkluż il-kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, ser jiġu ġestiti flimkien ma' eks miżuri tal-FES taħt il-ġestjoni konġunta. Dan ifisser li erba' settijiet ta' deċiżjonijiet, rapportar, monitoraġġ u proċeduri ta' evalwazzjoni finanzjarji se jiġu sostitwiti minn sett wieħed.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni interim tal-FES turi li l-piż amministrattiv ewlieni kien dovut għat-twaqqif tas-Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll. Il-proposta għar-Regolament dwar id-"Dispożizzjonijiet Komuni" tipprevedi sistema ta' ġestjoni u kontroll li hija simili għall-fondi tas-CSF u hija bbażata fuq prinċipji komuni. Sistema ta' akkreditazzjoni nazzjonali hija implimentata sabiex tenfasizza l-impenn tal-Istati Membri għal ġestjoni finanzjarja tajba. Ġew armonizzati l-arranġamenti li huma l-bażi tal-garanzija tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regolarità tan-nefqa u ġew introdotti elementi komuni ġodda bħal dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-ġestjoni u approvazzjoni annwali tal-kontijiet. Dan l-approċċ għandu jnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' żmien neċessarju sabiex jiġu stabbiliti sistemi ta' ġestjoni u kontroll u sabiex titħaffef l-implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-allinjament tal-mekkaniżmu ta' konsenja ma' dak tal-fond għall-iżvilupp rurali, se jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri sabiex jużaw l-istess korpi għall-ġestjoni tal-Programmi Operazzjonali tal-FAEŻR u l-FEMS. Dan se jkompli jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi minħabba approċċ unifikat f'termini tal-ġestjoni u l-kontroll, inklużi r-rappurtar, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

Regoli komuni dwar l-użu tal-istrumenti finanzjarji jipprovdu qafas aktar ċar u jiċċaraw il-fatt li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jintużaw għat-tipi kollha ta' investimenti u benefiċjarji. Dan jippermetti li l-kontribuzzjoni tal-FEMS tasal għal istituzzjonijiet finanzjarji li diġà jeżistu, fejn il-ftehimiet dwar il-kollaborazzjoni jkunu diġà ġew żviluppati għal fondi oħra tal-UE, u għaldaqstant, jiġu evitati l-piż amministrattiv u d-duplikazzjoni u dan irendi l-inġinerija finanzjarja alternattiva aktar attraenti għall-kofinanzjament permezz ta' għotjiet.

L-approċċ integrat għall-iżvilupp lokali immexxi mill-komunità (attwalment l-Ass 4) jiffaċilita l-impriżi konġunti ffinanzjati mill-fondi tal-CSF, billi jippermetti li ssir valutazzjoni konġunta u approvazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali, u b'hekk jippermetti li l-finanzjament tal-ispejjeż ta' ġestjoni jista' jsir minn sors wieħed biss u li jiġi evitat ir-rapportar ta' dawn l-ispejjeż lil korpi differenti.

L-użu ta' indikaturi komuni se jiffaċilita r-rapportar mill-Istati Membri, billi dan jiġi ffokat fuq dejta kwantifikata dwar il-progress u jitnaqqsu l-elementi deskrittivi.

Barra minn hekk, l-FEMS jiċċara r-regoli dwar il-konformità mal-PKS, b'mod partikolari mal-qafas dwar il-ġbir tad-dejta, il-kontroll u r-Regolamenti dwar l-IUU (Illegal, Unregulated and Unreported fishing), u għaldaqstant jagħti ċertezza legali akbar lill-Istati Membru u lill-benefiċjarji.

Sabiex l-implimentazzjoni tal-FEMS tiġi simplifikata ulterjorment, ir-regoli dwar l-eliġibbiltà huma armonizzati ma' fondi oħra tal-UE. Dan se jiffaċilita l-ġestjoni tal-proġetti kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali u se jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni ta' proġetti integrati. Se jkun jista' jsir użu aktar wiesa' ta' għażliet simplifikati ta' spejjeż għall-parti ta' ġestjoni konġunta tal-FEMS (spejjeż standard, ħlasijiet ta' somma f'daqqa u

finanzjament b'rata fissa għal għotjiet) u għaldaqstant, jonqsu l-ispejjeż ta' kontroll u r-rata ta' żball.

Approċċ strateġiku:

Is-CSF u l-Kuntratti ta' Sħubija jkopru ħames fondi taħt ġestjoni konġunta skont ir-Regolament dwar id-"Dispożizzjonijiet Komuni". Dan il-qafas jippermetti qbil strateġiku aħjar bejn dawn il-fondi fil-livell tal-Unjoni. Is-CSF se jiġi implimentat permezz ta' Kuntratt ta' Sħubija, li jikkoordina l-fondi tas-CSF fil-livell nazzjonali.

Bħalissa, il-koordinazzjoni tal-FES ma' linji oħrajn ta' finanzjament tal-UE ssir bl-użu tal-prinċipju ta' "linji ta' demarkazzjoni" bejn il-fondi, li wassal għal koinċidenzi u nuqqasijiet fil-kopertura tal-politika. Għalhekk, huwa meħtieġ mekkaniżmu ta' koordinazzjoni aħjar u l-mekkaniżmu ġdid ta' twassil li jsaħħaħ l-approċċ strateġiku għandu jwieġeb għal dawk il-problemi. Is-CSF u l-Kuntratti ta' Sħubija se jieħdu post l-approċċ strateġiku (Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali) introdott fil-FES attwali, li għandu limitazzjonijiet serji u li kien jeħtieġ sforz sproporzjonat għall-Istati Membri li jirċievu finanzjament limitat mill-FES.

Programmar strateġiku

Il-FEMS jiffoka fuq l-għanijiet strateġiċi fit-tul tal-PKS u tal-PMI li jinkludu s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u kompetittivi, qafas politiku konsistenti għall-iżvilupp ulterjuri tal-PMI u żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd. Skont l-istrateġija Ewropa 2020, dawn l-għanijiet wiesgħa għall-2014-2020 huma tradotti fis-sitt prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS li ġejjin:

– Iż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali;

– It-trawwim ta' sajd innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien;

– It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva u kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien;

– Il-promozzjoni ta' sajd sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

– Il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

– It-trawwim tal-implimentazzjoni tas-CFP.

Dawn il-prijoritajiet se jifformaw il-bażi tal-ipprogrammar finanzjarju, inkluża d-definizzjoni tal-indikaturi fil-mira fir-rigward ta' kull wieħed minnhom.

Kondizzjonalità

Ir-Regolament dwar id-"Dispożizzjonijiet Komuni" jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda tal-kondizzjonalità sabiex ikun żgurat li l-finanzjament tal-Unjoni joħloq inċentivi qawwija għall-Istati Membri sabiex iwasslu l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020. Il-kondizzjonalità ser tieħu l-forma ta' kondizzjonijiet 'ex ante' li għandhom ikunu fis-seħħ qabel jinħarġu l-fondi u kondizzjonijiet 'ex post' li għandhom jagħmlu r-rilaxx ta' 5 % tal-allokazzjoni tal-FEMS kontinġenti fuq il-prestazzjoni. Il-kondizzjonalità 'ex post' ser tkun ibbażata fuq il-kisba ta' għanijiet importanti relatati mal-miri għall-produzzjoni u r-riżultati marbuta mal-għanijiet tal-Ewropa 2020 stabbiliti għall-programmi fil-Kuntratt ta' Sħubija.

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni taħt l-FEMS ser issir kondizzjonali hekk kif ikun hemm konformità tal-Istati Membri u l-operaturi mal-għanijiet u r-regoli tal-PKS, b'mod partikolari l-obbligi ta' kontroll, ir-Regolament IUU u l-obbligi tal-ġbir tad-dejta. Barra minn hekk, il-kondizzjonalità 'ex ante' ser tapplika għall-akkwakultura, li teħtieġ li l-Istati Membri jħejju pjanijiet strateġiċi nazzjonali multiannwali fuq il-bażi tal-linji gwida strateġiċi tal-Unjoni. Kif previst mir-Regolament tal-PKS, l-għanijiet ta' dawn il-pjanijiet, ibbażati fuq il-linji gwida strateġiċi, se jkunu li jiġi faċilitat l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura fir-rigward tas-sigurtà tan-negozju, aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju, u s-simplifikazzjoni amministrattiva tal-liċenzjar. Dawn il-kondizzjonalitajiet għandhom irawmu l-konformità mar-regoli tal-PKS u jżidu l-konsistenza tal-politika kollha.

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni interim tal-FES ikkonkludiet li l-indikaturi eżistenti huma ffokati fuq il-produzzjoni u huma wisq numerużi. Barra minn hekk, huma nieqsa minn approċċ komuni u minn definizzjoni komuni tal-unitajiet li jridu jitkejlu.

Għaldaqstant, l-FEMS jipproponi Qafas Strateġiku Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF - Common Strategic Monitoring and Evaluation Framework) fejn għandhom jiġu definiti sett ta' indikaturi komuni tal-produzzjoni, ir-riżultati u l-impatt b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u adottati f'att ta' implimentazzjoni. Dawn l-indikaturi se jintrabtu mal-prijoritajiet tal-FEMS, sabiex jippermettu l-aggregazzjoni tad-dejta fil-livell tal-Unjoni u l-valutazzjoni tal-progress, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-politika neċessarja, fost l-oħrajn, għall-allokazzjoni tar-riżerva tal-prestazzjoni. L-evalwazzjoni ex ante ser tintuża biex tiffissa linja bażi, punti ta' referenza u valuri ta' indikaturi tal-miri li se jiġu integrati fil-Kuntratti ta' Sħubija u fl-OPs (Programmi Operattivi). Żewġ rapporti annwali speċjali fl-2017 u fl-2019 ser iħarsu lejn l-istat tat-twassil u t-tagħlimiet għall-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-MFF tistabbilixxi li parti sinifikanti mill-baġit tal-UE għandha tkompli tkun iddedikata lill-politiki dwar is-sajd u l-affarijiet marittimi. Il-pakkett finanzjarju għall-perjodu 2014-2020, bil-prezzijiet attwali, huwa stabbilit għal EUR 7,535 biljun, inklużi l-FPAs u l-kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-RFMOs, li se jiġu ffinanzjati b'mod separat. Il-baġit tal-FEMS, bil-prezzijiet attwali, jammonta għal EUR 6567 miljun. Id-dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-proposta tal-FEMS huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta.

2011/0380 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Wara li aġixxew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-"Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd" (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni tal-PKS") stabbilixxiet l-isfidi potenzjali, l-għanijiet u l-orjentazzjonijiet għall-Politika Komuni tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem "il-PKS") wara l-2013. Fid-dawl tad-dibattitu dwar dik il-Komunikazzjoni, il-PKS għandha tiġi rriformata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Dik ir-riforma għandha tkopri l-elementi ewlenin kollha tal-PKS, inklużi l-aspetti finanzjarji tagħha. Sabiex jiġu indirizzati l-għanijiet tar-riforma, huwa xieraq li jitħassru r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd[3], ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar[4], id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Fond ta' Garanzija dwar il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura[5], ir-Regolament (KE) Nru 791/2007 li jintroduċi skema bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali magħmula fil-kummerċjalizzazzjoni

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1
4 ĠU L 160, 14.6.2006, p.1.
5 ĠU L 209, 11.8.2005, p.1.

ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda l-Azores, il-Madeira, il-Gżejjer Kanari, il-Guiana Franċiża u r-Réunion[6] u li dawn jiġu sostitwiti minn Regolament ġdid dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). Billi huwa rikonoxxut li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oċeani u l-ibħra tal-Ewropa huma interkonnessi, ir-Regolament il-ġdid għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata (PMI) kopert fir-[Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata].

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ għall-PKS li jestendi sal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma frisk u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn dawn l-attivitajiet seħħew fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, anki minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjizi terzi, u li huma rreġistrati fihom, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, dejjem fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

(3) Is-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd tiddependi fuq sistema effettiva ta' kontroll, spezzjoni u infurzar kif ukoll fuq dejta sħiħa affidabbli, kemm għal finijiet ta' parir xjentifiku kif ukoll għal finijiet ta' implimentazzjoni u kontroll; għaldaqstant, il-FEMS għandu jappoġġja dawn il-politiki.

(4) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS għandu jkopri l-appoġġ lill-PMI li jestendi sal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet koordinati u t-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi li jikkomplimentaw il-politiki differenti tal-UE li jmissu magħhom, l-aktar il-Politika Komuni tas-Sajd, it-trasport, l-industrija, il-koeżjoni territorjali, l-ambjent, l-enerġija u t-turiżmu. Il-konsistenza u l-integrazzjoni għandhom jiġu żgurati fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fil baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta Iberika, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

(5) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħhom ġiet adottata l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw it-twassil ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jippromwovu l-iżvilupp armonjuż tal-Unjoni. B'mod partikolari, ir-riżorsi għandhom ikunu kkonċentrati biex jilħqu l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020 u l-effettività għandha tittejjeb permezz ta' enfasi akbar fuq ir-riżultati. L-inklużjoni tal-PMI fil-FEMS il-ġdid tikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet politiċi ewlenin stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020 – Strateġija għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv"[7] ("L-Istrateġija Ewropa 2020") u hija konformi mal-għanijiet ġenerali li tiżdied il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msemmija fit-Trattat.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-FEMS jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-PKS, tal-PMI u tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li ssir enfasi fuq numru limitat ta' prijoritajiet

---

6 ĠU L 176, 6.7.2007, p 1.

7 COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010.

prinċipali relatati mat-trawwim tal-innovazzjoni u l-għarfien ibbażat fuq is-sajd u l-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u ż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali permezz tal-ftuħ tal-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi tal-komunitajiet tas-sajd kostali u interni u l-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima.

(7) Fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Fond, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li telimina n-nuqqas ta' ugwaljanza u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

(8) L-għan ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura li l-attivitajiet ta' sajd u tal-akkwakultura jikkontribwixxu għal kondizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul, li huma neċessarji għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal produttività akbar, livell ta' għixien tajjeb għas-settur tas-sajd, swieq stabbli, tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.

(9) Huwa ta' importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat aħjar fil-PKS li għandha tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-politika ambjentali tal-Unjoni u tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-PKS hija mmirata lejn użu tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar li jreġġa' lura u jżomm l-istokkijiet tal-ħut fil-livelli li jistgħu joħolqu l-ogħla rendiment possibbli, mhux aktar tard mill-2015. Il-PKS għandha timplimenta approċċi prekawzjonali u tal-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd. Konsegwentement, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru [qafas]dwar l-Istrateġija Marina)[8].

(10) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-effetti tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati fil-kuntest tal-programmi operazzjonali u l-problemi strutturali li nstabu fl-iżvilupp tas-setturi tas-sajd u dak marittimu kif ukoll minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati tal-Istati Membri, dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jipprovdu assistenza finanzjarja multiannwali ffokata fuq il-prijoritajiet relevanti, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità ma' dan il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dak it-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jilħaq dak l-għan.

(11) Il-finanzjament tan-nefqa tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta' fond waħdieni, il-FEMS, għandu jindirizza l-ħtieġa għal simplifikazzjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-integrazzjoni taż-żewġ politiki. L-estensjoni tal-ġestjoni konġunta għall-Organizzazzjonijiet tas-Swieq Komuni, inkluż il-kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta' ġbir tad-dejta għandhom ikomplu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni u jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, kif ukoll jiksbu konsistenza u effiċjenza akbar tal-appoġġ mogħti.

8 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19

(12) Il-baġit tal-Unjoni għandu jiffinanzja l-ispejjeż tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata permezz ta’ fond waħdieni, il-Federazzjoni Ewropea tas-Swieq Finanzjarji (European Financial Markets Federation - EFMF), direttament jew fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri. Il-ġestjoni konġunta mal-Istati Membri għandha tapplika mhux biss għal miżuri li jappoġġjaw is-sajd, l-akkwakultura u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, iżda anki għall-Organizzazzjonijiet Komuni tas-Swieq, inkluż il-kumpens għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, il-kontroll u l-attivitajiet ta’ ġbir tad-dejta. Il-ġestjoni diretta għandha tapplika għall-konsulenza xjentifika, il-kontribuzzjonijiet volontarji lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, il-kunsilli konsultattivi u l-azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta’ Politika Marittima Integrata. Għandhom jiġu speċifikati t-tipi ta’ miżuri li jistgħu jiġu ffinanzjati bl-użu ta’ dan il-Fond.

(13) Huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn il-kategoriji ta’ miżuri ta' kontroll u ta’ infurzar li jridu jiġu kofinanzjati fi ħdan il-qafas tal-ġestjoni konġunta u dawk fi ħdan il-qafas ta’ ġestjoni diretta. Huwa kruċjali li ssir delimitazzjoni tar-riżorsi li għandhom jiġu allokati lill-kontroll taħt il-ġestjoni kondiviża.

(14) Skont l-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] (hawn ’il quddiem ir-Regolament PKS) l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS għandha ssir kondizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri kif ukoll mill-operaturi mar-regoli tal-PKS. Din il-kondizzjonalità hija maħsuba sabiex tirrefletti r-responsabbiltà tal-Unjoni sabiex fl-interess pubbliku tiġi żgurata l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-PKS, kif inhu enfasizzat fl-Artikolu 3 tat-TFUE.

(15) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tkun imxekkla jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt il-FEMS tingħata lil operaturi li, *ex ante*, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta’ konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Għaldaqstant għandhom ikunu ammissibbli biss l-operaturi li, f'perjodu ta' żmien partikolari qabel ma jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, ma kinux involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-Unjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat , li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999[9] u li ma wettqux ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006[10] jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li b'mod partikolari jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u huma theddida serja għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawra u jħares popolazzjonijiet ta' speċijiet

---

[9] ĠU L286, 29.10.2008, p.1.

[10] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

maħsuda 'il fuq mil-livelli li jistgħu joħolqu r-Rendiment Massimu Sostenibbli (minn issa 'l quddiem MSY).

(16) Barra minn hekk, il-benefiċjarji għandhom jibqgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti marbuta mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar wara li jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna, matul il-perjodu sħiħ tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni u, għal ċerti tipi ta' operazzjonijiet, anki għal perjodu indefinit ta' żmien wara l-aħħar ħlas. L-appoġġ mogħti lil benefiċjarji jew miżmum minn benefiċjarji li ma jirrispettawx ir-rekwiżiti relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jista' jintrabat mal-ksur imwettaq, u għalhekk jipperikola l-kisbiet tal-għanijiet tal-PKS.

(17) Il-konsegwenzi stabbiliti għan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom japplikaw f'każ li l-benefiċjarji jiksru r-regoli tal-PKS. Sabiex jiġi determinat l-ammont ta' nfiq ineliġibbli, għandhom jkunu kkunsidrati l-gravità tan-nuqqas ta' konformità tal-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

(18) Il-kisba tal-għanijiet tal-PKS tiġi mxekkla wkoll jekk l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt l-FEMS titħallas lill-Istati Membri li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom taħt ir-regoli tal-PKS relatati mal-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, bħall-ġbir ta' dejta u l-implimentazzjoni ta' obbligi ta' kontroll. Barra minn hekk, jekk ma jikkonformawx ma' dawn l-obbligi, hemm ir-riskju li l-Istati Membri ma jidentifikawx lill-benefiċjarji inammissibbli jew l-operazzjonijiet ineliġibbli.

(19) Bħala miżuri ta' prekawzjoni, sabiex jiġi evitat li jseħħu ħlasijiet mhux konformi kif ukoll sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jikkonformaw mar-regoli tal-PKS jew sabiex jeħtieġu konformità mill-benefiċjarji, għandhom jintużaw interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-ħlas u sospensjoni tal-ħlasijiet, li huma limitati biż-żmien fl-ambitu tagħhom ta' applikazzjoni. Sabiex ikun rispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom konsegwenzi definiti u irrevokabbli għandhom japplikaw biss għal infiq relatat b'mod dirett mal-operazzjonijiet li matulhom twettqu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS.

(20) Sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni u tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-Fondi li jipprovdu appoġġ fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), mal-Fondi għall-iżvilupp rurali, jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u għas-settur tal-affarijiet marittimi u s-sajd, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), ġew stabbiliti dispożizzjonijiet komuni għal dawn il-Fondi kollha (il-'Fondi tal-PKS') fir-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni][11]. Minbarra dan ir-Regolament, il-FEMS fih dispożizzjonijiet speċifiċi minħabba l-partikolaritajiet tal-PKS u l-PMI.

(21) Billi jiġi kkunsidrat id-daqs tal-FEMS tal-ġejjieni u fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dispożizzjonijiet relatati mal-ippjanar strateġiku ġew derogati mir-

[11] COM(2011) 615 finali.

Regolament [dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni], u minn issa 'l quddiem, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati għandha ssir tal-inqas darbtejn matul il-perjodu ta' pprogrammar, madanakollu, dan ma għandux ikun obbligatorju darba kull sena għaliex dan ikun jikkostitwixxi piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri.

(22) L-azzjoni meħuda mill-Unjoni għandha tkun komplimentari għall-azzjoni meħuda mill-Istati Membri jew tfittex li tikkontribwixxi għal dik l-azzjoni. Sabiex jiġi żgurat valur miżjud sinifikanti, is-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tissaħħaħ permezz ta' arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' diversi tipi ta' msieħba b'attenzjoni sħiħa għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri. Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata rappreżentanza adegwata għan-nisa u għall-gruppi ta' minoranza. Din is-sħubija tikkonċerna l-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi xierqa oħrajn, inklużi dawk responsabbli għall-ambjent u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u korpi kompetenti oħrajn. L-imsieħba kkonċernati għandhom jiġu involuti fit-tħejjija tal-Kuntratti ta' Sħubija, kif ukoll fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ipprogrammar.

(23) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri jistgħu jvarjaw skont l-ammont totali ta' infiq pubbliku allokat għall-programm operazzjonali. Tali varjazzjoni għandha tapplika b'mod partikolari għall-mezzi użati għall-evalwazzjoni, il-kontroll u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali;

(24) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tqassim annwali skont l-Istati Membri tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli bl-użu ta' kriterji oġġettivi u trasparenti; dawn il-kriterji għandhom jinkludu l-allokazzjonijiet storiċi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-konsum storiku skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 861/2006.

(25) L-issodisfar ta' ċerti kondizzjonalitajiet ex ante huwa importanti ħafna fil-kuntest tal-PKS, speċjalment fir-rigward tas-sottomissjoni ta' Pjan ta' Strateġija Nazzjonali Multiannwali dwar l-Akkwakultura u l-kapaċità amministrattiva pprovata li jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-dejta għall-ġestjoni tas-sajd u li jinfurzaw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni.

(26) F'konformità mal-għan ta' simplifikazzjoni, l-attivitajiet kollha tal-FEMS li jaqgħu taħt il-ġestjoni konġunta, inkluż il-kontroll u l-ġbir tad-dejta, għandhom jieħdu l-forma ta' programm operazzjonali wieħed għal kull Stat Membru, f'konformità mal-istruttura nazzjonali ta' kull wieħed. L-eżerċizzju tal-ipprogrammar għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali wieħed. Kull programm għandu jidentifika strateġija sabiex jintlaħqu l-miri fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS u għażla ta' miżuri. L-ipprogrammar għandu jkun konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li jkun adattat għall-kuntesti nazzjonali u jikkomplimenta l-politiki l-oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tal-iżvilupp rurali u l-politika ta' koeżjoni.

(27) Sabiex jikkontribwixxu għall-għan ta' simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-FEMS u sabiex inaqqsu l-ispejjeż ta' kontroll u r-rata ta' żball, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-akbar użu possibbli mill-possibbiltà offruta fir-[Regolament li jistabbilixxi

Dispożizzjonijiet Komuni] li jużaw somom f'daqqa u forom oħra simplifikati ta' għotjiet.

(28) Għall-iskop tal-infurzar tal-obbligi ta' kontroll taħt il-PKS, l-Istati Membri għandhom ifasslu t-taqsima dwar il-kontroll tal-Programm Operazzjonali skont il-prijoritajiet tal-Unjoni adottati mill-Kummissjoni għal dan il-qasam ta' politika. Sabiex jiġi aġġustat il-programm operazzjonali għall-ħtiġijiet li qed jevolvu f'termini ta' kontroll u infurzar; it-taqsima ta' kontroll tal-programmi operazzjonali jistgħu jiġu reveduti b'mod regolari fuq il-bażi tal-bidliet fil-prijoritajiet tal-Unjoni fil-politika ta' kontroll u infurzar taħt il-PKS. Dawn l-emendi għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni.

(29) Sabiex tinżamm il-flessibbiltà fl-ipprogrammar tal-attivitajiet fil-qasam tal-kontroll, ir-reviżjoni tat-taqsima tal-programm operazzjonali dwar il-kontroll għandha tkun soġġetta għal proċedura simplifikata.

(30) L-Istati Membri għandhom ifasslu t-taqsima dwar il-ġbir tad-dejta tal-Programm Operazzjonali skont programm Multiannwali tal-Unjoni; Sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jelaboraw pjan ta' ħidma annwali li għandu jiġu adattat b'mod annwali taħt il-gwida tal-Kummissjoni u li għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tagħha.

(31) Sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd, huwa vitali li jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-imprenditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp tan-negozju.

(32) L-investiment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tas-sajd u tal-attivitajiet marittimi. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ tul il-ħajja, il-kooperazzjoni bejn ix-xjentisti u s-sajjieda li tistimola t-tixrid tal-għarfien, kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza li jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi.

(33) Fid-dawl tal-importanza tal-irwol li għandhom il-konjugi tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom fis-sajd kostali fuq skala żgħira, il-FEMS għandu jappoġġja t-taħriġ u n-netwerking li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali tagħhom u jagħtuhom il-mezzi biex jissodisfaw aħjar il-kompiti anċillari li jwettqu tradizzjonalment.

(34) Konxju mill-preżenza dgħajfa tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira fid-djalogu soċjali, il-FEMS għandu jappoġġja lill-organizzazzjonijiet li jippromwovu dan id-djalogu fil-fora xierqa.

(35) Konxju mill-potenzjal li toffri d-diversifikazzjoni għal sajjieda tal-kosta fuq skala żgħira u r-rwol kruċjali tagħhom fil-komunitajiet kostali, il-FEMS għandu jgħin id-diversifikazzjoni billi jkopri l-ftuħ ta' negozji u l-investimenti għal rinnovazzjonijiet tal-bastimenti tagħhom, minbarra t-taħriġ relevanti sabiex jiksbu ħiliet professjonali fil-qasam relevanti barra mill-attivitajiet ta' sajd.

(36) Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa u s-sigurtà abbord, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti li jkopru s-sigurtà u l-iġjene abbord.

(37) Minħabba t-twaqqif ta' sistemi ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli previsti fl-Artikolu 27 tar-[Regolament PKS] u sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġjati fl-

implimentazzjoni ta’ dawn is-sistemi l-ġodda, il-FEMS għandu jagħti appoġġ f’termini ta’ bini ta’ kapaċità u skambju tal-aħjar prattiki.

(38) L-introduzzjoni tas-sistemi ta’ konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd għandhom irendu lis-settur aktar kompetittiv. Konsegwentement, jista’ jkun hemm ħtieġa għal opportunitajiet professjonali ġodda barra l-attivitajiet tas-sajd. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja d-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fil-komunitajiet tas-sajd, b’mod partikolari billi jappoġġja l-bidu ta’ negozji u l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti għal attivitajiet marittimi barra l-attivitajiet tas-sajd ta’ bastimenti tas-sajd kostali ta’ skala żgħira. Din l-aħħar operazzjoni tidher li hija adattata hekk kif il-bastimenti tas-sajd kostali ta' skala żgħira mhumiex koperti mis-sistemi ta’ konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd.

(39) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li tiżgura użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Il-kapaċità żejda ġiet identifikata bħala kawża ewlenija ta’ sajd żejjed. Għaldaqstant, huwa ta’ importanza kbira li l-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli. It-tneħħija tal-kapaċità żejda permezz ta’ għajnuna pubblika bħal waqfien temporanju jew permanenti u skemi ta’ skrappjar uriet li hija ineffettiva. Għaldaqstant, il-FEMS se jappoġġja s-sistemi ta’ stabbiliment u ġestjoni ta’ sistemi ta’ konċessjonijiet ta’ sajd trasferibbli li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kapaċità żejda u jżidu l-prestazzjoni ekonomika u l-profitabbiltà tal-operaturi kkonċernati.

(40) Peress li l-kapaċità żejda hija waħda mill-kawżi tas-sajd żejjed, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex il-flotta tas-sajd tal-Unjoni tiġi adattata għar-riżorsi disponibbli; f’dan il-kuntest, il-FEMS għandu jappoġġja l-istabbiliment, il-modifika u l-ġestjoni tas-sistemi ta’ konċessjonijiet ta’ sajd trasferibbli introdotti mill-PKS bħala għodod ta’ ġestjoni għat-tnaqqas tal-kapaċità żejda.

(41) Huwa ta’ importanza kbira li t-tħassib ambjentali jiġi integrat fil-FEMS u li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ konservazzjoni taħt il-PKS, filwaqt li madanakollu, jiġu kkunsidrati d-diversi kundizzjonijiet fost l-ibħra tal-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li jiġi żviluppat approċċ reġjonalizzat għall-miżuri ta’ konservazzjoni.

(42) F’dan il-kuntest, il-FEMS għandu jappoġġja t-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent marittimu b’mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-ekoinnovazzjoni, apparat u tagħmir aktar selettivi kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jipproteġu u jreġġgħu lura l-bijodiversità u l-ekosistemi marittimi u s-servizzi li jipprovdu, b’konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2020.

(43) F’konformità mal-projbizzjoni tar-rimi introdotta mill-PKS, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jagħmlu l-aħjar użu mill-ħut maqbud mhux mixtieq u li jivvalorizzaw il-komponenti li ma jintużawx wisq tal-ħut maqbud. Meta wieħed iqis l-iskarsità tar-riżorsi, sabiex jiġi massimizzat il-valur tal-ħut maqbud, il-FEMS għandha tappoġġja wkoll l-investimenti abbord li għandhom l-għan li jżidu l-valur kummerċjali għall-ħut maqbud.

(44) Konxju mill-importanza tal-portijiet tas-sajd, is-siti ta’ żbark u l-postijiet ta’ kenn, il-FEMS għandu jappoġġja l-investimenti relevanti b’mod partikolari sabiex iżid l-effiċjenza enerġetika, il-protezzjoni ambjentali, il-kwalità tal-prodott imniżżel l-art kif ukoll il-kundizzjonijiet ta’ sikurezza u tax-xogħol.

(45) Huwa ferm importanti għall-Unjoni li jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn ir-riżorsi tal-ilma ħelu u l-isfruttament tagħhom; għalhekk, billi tikkunsidra l-impatt ambjentali filwaqt li tiżgura li dawn is-setturi jżommu l-vijabbiltà ekonomika, l-Unjoni għandu jkollha dispożizzjonijiet xierqa li jappoġġjaw is-sajd intern.

(46) F'konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea[12], l-għanijiet tal-PKS u l-Istrateġija Ewropa 2020, il-FEMS għandu jappoġġja l-iżvilupp ambjentalment, ekonomikament u soċjalment sostenibbli tal-industrija tal-akkwakultura.

(47) L-akkwakultura tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kostali u rurali. Għalhekk, huwa kruċjali li l-FEMS ikun aċċessibbli għall-impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari l-SMEs, u jikkontribwixxi sabiex ikun hemm bdiewa tal-akkwakultura ġodda fin-negozju. Sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura, huwa vitali li jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-imprenditorija. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja l-operazzjonijiet innovattivi u l-iżvilupp tan-negozju, b'mod partikolari l-akkwakultura mhux relatata mal-ikel u l-akkwakultura 'il barra mill-kosta.

(48) Forom ġodda ta' dħul flimkien ma' attivitajiet tal-akkwakultura diġà wrew il-valur miżjud tagħhom għall-iżvilupp tan-negozju. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja dawn l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba u l-attivitajiet edukattivi jew ambjentali.

(49) Forma importanti oħra ta' kif jiżdied id-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura hija li dawn iżidu l-valur lill-prodotti tagħhom billi jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw il-produzzjoni tagħhom stess, kif ukoll billi jintroduċu speċi ġodda bi prospetti tajbin fis-suq u b'hekk jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom.

(50) Konxju mill-ħtieġa li jiġu identifikati l-aktar żoni addattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura billi jiġi kkunsidrat l-aċċess għall-ibħra u l-ispazju, il-FEMS għandu jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu l-għażliet strateġiċi tagħhom fil-livell nazzjonali.

(51) L-investiment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet tal-akkwakultura. Għalhekk, il-FEMS għandu jappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja u n-netwerking li jistimolaw it-tixrid tal-għarfien, kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza li jgħinu sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni globali tal-operaturi.

(52) Sabiex jippromwovi akkwakultura ambjentalment sostenibbli, il-FEMS għandu jappoġġja l-attivitajiet ta' akkwakultura li għandhom rispett kbir lejn l-ambjent, il-konverżjoni tal-impriżi tal-akkwakultura għall-ekoġestjoni, l-użu ta' skemi ta' verifika, kif ukoll il-konverżjoni għall-akkwakultura organika. Bl-istess mod, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali speċjali.

(53) Konxju mill-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-FEMS għandu jiżgura appoġġ adegwat lill-bdiewa sabiex jipprevjenu u jtaffu r-riskji għas-saħħa pubblika u għas-saħħa tal-annimali li tista' tiġġenera t-trobbija fil-qasam tal-akkwakultura.

[12] COM(2002) 511 finali.

(54) Fid-dawl tar-riskju tal-investimenti fl-attivitajiet tal-akkwakultura, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għas-sigurtà tan-negozju billi jkopri l-aċċess għall-assigurazzjoni fuq il-popolazzjoni u għalhekk jissalvagwardja d-dħul tal-produtturi f'każ ta' telf anormali fil-produzzjoni, b'mod partikolari minħabba diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi ħżiena, bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma, mard jew infestazzjonijiet minn insetti u l-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

(55) Meta wieħed iqis li l-approċċ immexxi mill-komunità għall-iżvilupp lokali, fuq numru ta' snin, wera l-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp tas-sajd u ż-żoni rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għall-iżvilupp endoġenu, l-appoġġ għandu jissokta u jissaħħaħ fil-ġejjieni.

(56) Fiż-żoni tas-sajd, l-iżvilupp immexxi mill-komunità għandu jinkoraġġixxi lill-istrateġiji innovattivi biex joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari billi jżidu l-valur lill-prodotti tas-sajd u jiddiversifikaw l-ekonomija lokali lejn attivitajiet ekonomiċi ġodda, inklużi dawk offruti minn tkabbir marittimu ("blue growth") u s-setturi marittimi usa'.

(57) L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-UE2020 tal-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar, u t-trawwim tal-innovazzjoni fil-livell lokali, kif ukoll għall-għan tal-koeżjoni territorjali, prijorità ewlenija fit-Trattat ta' Lisbona.

(58) L-iżvilupp lokali mmexxi mill-Komunità għandu jiġi implimentat permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq minn sħubijiet lokali li huma magħmula minn rappreżentanti tal-pubbliku, setturi privati u tas-soċjetà ċivili u għandu jkun jirrifletti korrettament is-soċjetà lokali; dawn l-atturi lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu u jimplimentaw strateġiji integrati tal-iżvilupp lokali multisettorjali sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żoni tas-sajd lokali tagħhom; dan huwa importanti sabiex tkun żgurata r-rappreżentanza tal-gruppi ta' azzjoni lokali b'mod li l-ebda grupp ta' interess wieħed ma jkollu aktar minn 49% tad-dritt tal-vot fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

(59) In-netwerking bejn is-sħubiji lokali huwa karatteristika essenzjali ta' dan l-approċċ. Il-kooperazzjoni bejn dawn is-sħubiji lokali hija għodda ta' żvilupp importanti li għandha ssir disponibbli mill-FEMS.

(60) L-appoġġ għaż-żoni tas-sajd permezz tal-FEMS għandu jiġi kkoordinat mal-appoġġ għall-iżvilupp lokali offrut minn Fondi oħrajn tal-Unjoni u għandu jkopri l-aspetti kollha tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali u l-operazzjonijiet tal-gruppi ta' azzjoni lokali, kif ukoll l-ispejjeż għall-animazzjoni taż-żona lokali u t-tmexxija tas-sħubija lokali.

(61) Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-sajd u tal-akkwakultura f'suq kompetittiv ħafna, jeħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura][13] kif ukoll għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u pproċessar imwettqa mill-operaturi sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-

[13] ĠU L[..], […],p.;

operazzjonijiet li jintegraw l-attivitajiet tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista. Sabiex jadatta għall-politika ġdida ta' projbizzjoni fuq ir-rimi, il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-ipproċessar ta' qabdiet mhux mixtieqa.

(62) Għandha tingħata prijorità lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi billi dawn jingħataw appoġġ. Il-kumpens għall-għajnuna għall-ħżin u l-għajnuna għall-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandhom jiġu eliminati b'mod gradwali hekk kif l-importanza ta' tip partikolari ta' appoġġ tilef l-interess tiegħu fid-dawl tal-istruttura li qed tevolvi tas-suq tal-Unjoni għal dawn it-tip ta' prodotti u l-importanza li qed tikber ta' organizzazzjonijiet b'saħħithom ta' produtturi.

(63) Billi jirrikonoxxi l-kompetizzjoni li qed tikber li s-sajjieda kostali ta' skala żgħira qed ikollhom jaffaċċjaw, il-FEMS għandu jappoġġja inizjattivi imprenditorjali ta' sajjieda kostali fuq skala żgħira li jżidu l-valur għall-ħut li jaqbdu, b'mod partikolari billi jwettqu l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-ħut li jaqbdu.

(64) L-attivitajiet tas-sajd fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet, b'mod partikolari minħabba l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd, minħabba n-nuqqasijiet partikolari rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(65) Sabiex iżżomm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea mqabbla ma' dik ta' prodotti simili minn reġjuni oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fl-1992 l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali relatati fis-settur tas-sajd. Il-miżuri li japplikaw għall-perjodu 2007-2013 huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007[14]. Huwa neċessarju li jkompli jiġi pprovdut appoġġ sabiex jittaffew l-ispejjeż addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2014.

(66) Fid-dawl tal-kondizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni differenti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda kkonċernati, il-varjazzjonijiet fil-qbid u l-ħażniet u fid-domandi tas-suq, għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati biex jiddeterminaw il-prodotti tas-sajd eliġibbli għal kumpens, il-kwantitajiet massimi rispettivi tagħhom u l-ammonti ta' kumpens fl-allokazzjoni globali għal kull Stat Membru.

(67) L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jiddifferenzjaw il-lista u l-kwantitajiet tal-prodotti tas-sajd ikkonċernati u l-ammont ta' kumpens fl-allokazzjoni globali għal kull Stat Membru. Huma għandhom ikunu awtorizzati wkoll jaġġustaw il-pjanijiet tal-kumpens tagħhom jekk dan ikun ġustifikat mill-kondizzjonijiet li qegħdin jinbidlu.

(68) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kumpens f'livell li jippermetti t-tpaċija xierqa tal-ispejjeż addizzjonali, li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u b'mod partikolari mill-ispejjeż tat-trasportazzjoni tal-prodotti lejn l-Ewropa kontinentali. Sabiex jiġi evitat kumpens eċċessiv, l-ammont għandu jkun proporzjonali għall-ispejjeż addizzjonali li tpatti għalihom l-għajnuna u

[14] ĠU L 176, 6.7.2007, p. 1

fl-ebda każ ma jaqbeż il-100 % tal-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħrajn relatati għall-Ewropa kontinentali. Għal dan il-għan, huwa għandu jikkunsidra wkoll tipi oħrajn ta' interventi pubbliċi li jħallu impatt fuq il-livell ta' spejjeż addizzjonali.

(69) Huwa ferm importanti li l-Istati Membri u l-operaturi jkunu mgħammra b'tali mod li l-kontrolli jkunu jistgħu jitwettqu bi standard għoli u għalhekk jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, filwaqt li jipprovdu għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin; il-FEMS għalhekk għandu jappoġġja lill-Istati Membri u lill-operaturi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Billi joħloq kultura ta' konformità, dan l-appoġġ għandu jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli.

(70) L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni għandu jissokta taħt il-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

(71) F'konformità mal-għanijiet politiċi ta' kontroll u infurzar tal-Unjoni, jidher xieraq li jiġi dedikat ħin minimu għall-kontroll tas-sajd fl-użu ta' bastimenti, inġenji tal-ajru, ħelikopters ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti eżattament sabiex jipprovdu bażi għall-appoġġ taħt il-FEMS.

(72) Meta wieħed iqis l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ għal dak il-għan.

(73) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jappoġġjaw il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta dwar is-sajd kif speċifikat fil-programm multiannwali tal-Unjoni, b'mod partikolari biex jappoġġjaw il-programmi nazzjonali u l-ġestjoni u l-użu tad-dejta għall-analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS. L-appoġġ mogħti lill-Istati Membri fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għall-infiq relatat mal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta dwar is-sajd għandu jissokta fil-kuntest tal-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

(74) Jeħtieġ li tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, kif ukoll ma' pajjiżi terzi, fejn relevanti, fir-rigward tal-ġbir tad-dejta fi ħdan l-istess baċin tal-baħar, kif ukoll mal-korpi xjentifiċi internazzjonali relevanti.

(75) L-għan tal-PMI huwa li tappoġġja l-użu sostenibbli tal-ibħra u l-oċeani u li tiżviluppa proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat, konsistenti u trasparenti fir-rigward tal-politiki li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra, il-gżejjer, ir-reġjuni kostali u l-aktar imbiegħda u s-setturi marittimi, b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Politika Marittima Integrata tal-Unjoni Ewropea[15].

(76) Huwa meħtieġ finanzjament sostnut għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea kif rifless fid-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni[16].

---

[15] COM(2007)575 finali 10.10.2007.

[16] Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2010, riżoluzzjoni tal-PE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Politika Marittima Integrata (PMI) – Evalwazzjoni tal-progress li sar u l-isfidi ġodda; Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar 'L-iżvilupp ta' Politika Marittima Integrata u Tagħrif dwar il-Baħar 2020".

(77) Il-FEMS għandu jappoġġja l-promozzjoni ta' tmexxija marittima integrata fil-livelli kollha, speċjalment permezz ta' skambji tal-aqwa prattiċi u l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar. Dawn l-istrateġiji huma maħsuba biex jistabbilixxu qafas integrat għall-indirizzar tal-isfidi komuni fil-baċini tal-baħar Ewropej u l-kooperazzjoni msaħħa bejn il-partijiet interessati sabiex jimmassimizzaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji u l-fondi tal-Unjoni u jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.

(78) Il-FEMS għandu jappoġġja wkoll l-iżvilupp ulterjuri tal-għodod sabiex jinħolqu sinerġiji bejn l-inizjattivi meħuda f'setturi differenti u li jaffettwaw l-ibħra, l-oċeani u l-kosti. Dan huwa l-każ għas-sorveljanza marittima integrata li hija maħsuba biex ittejjeb l-għarfien dwar is-sitwazzjoni marittima permezz ta' skambji ta' informazzjoni mtejba u sikuri fis-setturi kollha. Madanakollu, l-operazzjonijiet relatati mas-sorveljanza marittima li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx jiġu ffinanzjati permezz tal-FEMS.

(79) L-interkonnessjoni ta' ċerta sistemi ta' informazzjoni mmexxija minn dawk is-setturi tista' tkun teħtieġ il-mobilizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament tagħhom b'mod konsistenti u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat. L-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali u t-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' ġestjoni bbażati fuq l-ekosistemi u l-iżvilupp ta' rabtiet bejn l-art u l-baħar. Dawn l-għodod huma importanti wkoll għall-ġestjoni tal-użi differenti tal-kosti, l-ibħra u l-oċeani tagħna sabiex ikun hemm lok għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom u biex jiġi stimolat l-investiment transkonfinali, filwaqt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima se tiddefinixxi ulterjorment il-limiti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittejjeb l-għarfien dwar id-dinja tal-baħar, u li tiġi stimolata l-innovazzjoni permezz tal-iffaċilitar tal-ġbir, it-tqassim b'xejn, l-użu mill-ġdid u t-tixrid tad-dejta dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra.

(80) Il-FEMS għandu jappoġġja wkoll it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività fis-setturi marittimi u fir-reġjuni kostali. Huwa partikolarment importanti li jiġu identifikati l-ostakoli regolatorji u n-nuqqasijiet fil-ħiliet li jfixklu t-tkabbir f'setturi marittimi emerġenti u prospettivi, kif ukoll l-operazzjonijiet immirati lejn it-trawwim tal-investiment fl-innovazzjoni teknoloġika meħtieġa biex jitjieb il-potenzjal kummerċjali tal-applikazzjonijiet tal-baħar u dawk marittimi.

(81) Il-FEMS għandu jkun komplimentari u konsistenti mal-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri magħmula disponibbli mill-Unjoni u mill-Istati Membri, fil-livell nazzjonali u sottonazzjonali, għall-promozzjoni tal-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u l-kosti, billi jgħin sabiex titrawwem kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri u r-reġjuni kostali, tal-gżejjer u l-aktar imbiegħda tagħhom, u billi jikkunsidra l-prijoritizzazzjoni u l-progress tal-proġetti nazzjonali u lokali. Il-Fond ser jintrabat ma' politiki oħrajn tal-Unjoni li jistgħu jiġbru fihom dimensjoni marittima, b'mod partikolari il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew, kif ukoll il-Programm Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-politika dwar l-enerġija.

(82) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS fil-livell globali, l-Unjoni għandha rwol attiv fil-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, huwa essenzjali li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet li jgħinu sabiex jiżguraw il-konservazzjoni u l-isfruttar b'mod sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra miftuħa u fl-ibħra tal-pajjiżi terzi. L-appoġġ mogħti lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fuq il-bażi tar-Regolament Nru (KE) 861/2006 għandu jissokta taħt l-FEMS billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed.

(83) Sabiex tittejjeb it-tmexxija fil-PKS u jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-Kunsilli Konsultattivi (ACs), huwa essenzjali li l-ACs jiġu pprovduti b'finanzjament suffiċjenti u permanenti sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-irwol konsultattiv tagħhom b'mod effettiv fi ħdan il-PKS. Billi jsegwi l-loġika ta' fond wieħed, l-appoġġ mogħti lill-ACs taħt il-FEMS għandu jieħu post l-appoġġ mogħti lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (Regional Advisory Councils - RACs) fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru. 861/2006.

(84) Permezz ta' assistenza teknika, il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ preparatorju, amministrattiv u tekniku, kif ukoll appoġġ għall-miżuri ta' informazzjoni, in-netwerking, l-evalwazzjonijiet, il-verifiki, l-istudji u l-iskambji ta' esperjenza sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali u għall-promozzjoni ta' strateġiji u prattiċi innovattivi għal implimentazzjoni sempliċi u trasparenti. L-assistenza teknika għandha tinkludi wkoll it-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd immirat lejn il-bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju tal-esperjenza u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali.

(85) Fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha ffinanzjati skont dan ir-Regolament, kemm taħt ġestjoni konġunta kif ukoll taħt ġestjoni diretta, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni li tappartjeni għall-protezzjoni ta' dawk l-interessi, u li jiġi żgurat li jitwettqu l-verifiki xierqa mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

(86) Ir-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u d-dispożizzjonijiet adottati f'konformità miegħu għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, li jaqgħu taħt ġestjoni konġunta. B'mod partikolari, ir-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni][17] jistabbilixxi dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni konġunta tal-fondi tal-Unjoni mal-Istati Membri abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-funzjoni tal-korpi akkreditati, il-prinċipji baġitarji, dispożizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(87) Madankollu, meta wieħed iqis l-ispeċifiċità tal-FEMS, b'mod partikolari d-daqs tiegħu, it-tipi ta' operazzjonijiet iffinanzjati, ir-rabta qawwija mal-PKS u kwalunkwe fatturi relevanti oħrajn, uħud mid-dispożizzjonijiet komuni relatati mal-ġestjoni konġunta għandhom jiġu adattati, idderogati jew miżjuda f'dan ir-regolament. Fejn meħtieġ mid-dispożizzjonijiet tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-FEMS għandu jikkompleta u jissupplimenta dawk id-dispożizzjonijiet komuni.

---

[17] ĠU L[..], […], p.

(88) Konxji mill-importanza tal-iżgurar tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'mod partikolari mis-sajd illegali u fl-ispirtu tal-konklużjonijiet magħmula fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-PKS [18], dawk l-operaturi li ma jkunux konformi mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari dawk li jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati u li għalhekk jikkostitwixxu theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar fil-livell tal-MSY li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jistgħu joħolqu l-MSY u dawk li huma involuti fis-sajd tal-IUU għandhom jiġu esklużi mill-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ebda stadju mill-għażla għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni ma għandu jintuża biex ixekkel l-interess pubbliku ta' konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar espress fl-għanijiet tar-Regolament tal-PKS.

(89) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Għal dak il-għan, għandhom jiġu nnominati awtorità amministrattiva, aġenzija tal-pagamenti u korp ta' ċertifikazzjoni għal kull programm operazzjonali u għandhom jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet tagħhom. Dawn ir-responsabbiltajiet għandhom ikunu relatati primarjament mal-implimentazzjoni finanzjarja tajba, l-organizzazzjoni tal-evalwazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tal-infiq, il-verifika u l-konformità mal-liġi tal-Unjoni. Għandha ssir dispożizzjoni għal laqgħat regolari bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati sabiex jimmonitorjaw l-għajnuna. Fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll, huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jagħtu garanzija li s-sistemi huma implimentati u li qegħdin jiffunzjonaw b'mod sodisfaċenti.

(90) L-interess finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mħares permezz ta' miżuri proporzjonali fiċ-ċiklu kollu tan-nefqa, inkluż il-ħarsien, l-individwazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru tal-fondi mitlufa, imħallsa b'mod ħażin jew użati b'mod mhux korrett u, fejn meħtieġ, penalitajiet.

(91) Is-somom irkuprati mill-Istati Membri wara irregolaritajiet għandhom jibqgħu disponibbli għall-programmi operazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati. Għandha titfassal sistema ta' responsabbiltà finanzjarja fin-nuqqas ta' rkupru totali tal-irregolaritajiet u l-Kummissjoni għandha tkun tista' tissalvagwardja l-interessi tal-baġit tal-Unjoni billi tiddebita lill-Istat Membru kkonċernat dawk is-somom mitlufa minħabba irregolaritajiet u li ma ġewx irkuprati fi żmien dati ta' skadenza raġonevoli.

(92) Fl-interess ta' sħubija ta' ħidma tajba u ta' promozzjoni xierqa tal-assistenza tal-Unjoni, għandhom jiġu pprovduti l-aktar informazzjoni u pubbliċità mifruxa possibbli. L-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-assistenza għandhom ikunu responsabbli għal dan l-aspett u li jżommu lill-Kummissjoni informata bil-miżuri meħuda.

(93) Ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw l-impenji u l-pagamenti għandhom jiġu ssimplifikati sabiex tkun żgurata likwidità regolari. Prefinanzjament ta' 4 % tal-kontribuzzjoni mill-FEMS għandu jgħin sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali.

[18] COM(2009)163 finali 22.4.2009.

(94) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni tajba tar-riżorsi tal-Unjoni, għandu jsir titjib fil-previżjoni u l-implimentazzjoni tal-infiq. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-previżjonijiet tagħhom regolarment lill-Kummissjoni rigward l-użu tar-riżorsi tal-Unjoni, u kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni finanzjarja għandu jagħti lok għall-ħlas lura ta' self bil-quddiem u għal diżimpenji awtomatiċi.

(95) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-PKS imsemmija fl-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament tal-PKS] u ssir kontribuzzjoni għall-konformità mar-regoli tal-PKS, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet addizzjonali għar-regoli dwar l-interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-ħlas [Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Fejn Stat Membru jew operatur jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt il-PKS jew fejn il-Kummissjoni għandha provi li jissuġġerixxu dan in-nuqqas ta' konformità, bħala miżura ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha titħalla tinterrompi l-ħlasijiet.

(96) Minbarra l-possibbiltà ta' interruzzjoni u, sabiex jiġi evitat riskju evidenti ta' ħlas ta' nefqa ineliġibbli, il-Kummissjoni għandha titħalla tissospendi l-pagamenti marbuta ma' nuqqas ta' konformità tar-regoli tal-PKS kif meħtieġ mill-Artikoli 50 u 51 tar-[Regolament PKS].

(97) Sabiex tiġi stabbilita r-relazzjoni finanzjarja bejn l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u l-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tapprova l-kontijiet ta' dawn l-aġenziji tal-pagamenti kull sena. Id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet għandha tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet iżda mhux il-konformità tal-infiq mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(98) Il-programm operazzjonali għandu jkun soġġett għal monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tiegħu u jintwerew il-kisbiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas għal monitoraġġ u evalwazzjoni komuni li jiżgura, fost l-oħrajn, li d-dejta relevanti tkun disponibbli fil-ħin. F'dan il-kuntest, għandha tiġi stabbilita lista ta' indikaturi, filwaqt li jiġi vvalutat l-impatt tal-politika tal-FEMS mill-Kummissjoni fir-rigward ta' għanijiet speċifiċi.

(99) Ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-programm għandha tinqasam bejn l-Awtorità Amministrattiva u Kumitat ta' Monitoraġġ imwaqqaf għal dan il-għan. Għal dan il-għan, għandhom jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet rispettivi. Il-monitoraġġ tal-programm għandu jinvolvi t-tħejjija ta' rapport ta' implimentazzjoni annwali, li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni.

(100) Bil-għan li jissaħħu l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tal-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-benefiċjarji tal-proġetti, f'kull Stat Membru għandhom isiru disponibbli sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku li jipprovdu l-informazzjoni dwar il-programm operazzjonali, inklużi l-listi ta' operazzjonijiet appoġġjati taħt kull programm operazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tagħti idea raġonevoli, tanġibbli u konkreta lill-pubbliku ġenerali u b'mod partikolari lill-kontribwenti tal-Unjoni dwar kif jintefaq il-finanzjament tal-Unjoni f'dan il-qafas tal-FEMs. Minbarra dan l-għan, il-pubblikazzjoni tad-dejta relevanti għandha taqdi l-iskop ta' pubbliċità ulterjuri tal-possibbiltà li wieħed japplika għal finanzjament tal-Unjoni. Madanakollu, bir-rispett sħiħ tad-dritt fundamentali għall-

protezzjoni tad-dejta u f'konformità mas-sentenza tal-Qorti fil-Kawżi Konġunti Schecke[19], ma għandhiex tintalab il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni fiżiċi.

(101) Sabiex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kodiċi ta' kondotta dwar l-identifikazzjoni tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li jistgħu jwasslu għall-inammissibbiltà tal-applikazzjoni u l-limitu ta' żmien tal-applikazzjoni, sabiex tiġi żgurata kundizzjonalità *ex ante* b'mod proporzjonat, identifikazzjoni ta' investimenti eliġibbli abbord sabiex jiġu evitati investimenti li jkunu jwasslu għal żieda fil-kapaċità tas-sajd tal-bastiment, dwar il-metodu ta' kalkolu tad-dħul nett fil-każ tal-ekoinnovazzjoni, dwar id-determinazzjoni tal-operazjonijiet u l-ispejjeż eliġibbli marbuta mal-protezzjoni u r-restawr taż-żoni marittimi protetti, dwar l-identifikazzjoni ta' spejjeż eliġibbli fl-investimenti fl-akkwakultura lil hinn mill-kosta u mhux tal-ikel, id-determinazzjoni tal-kontenut tal-pjan ta' azzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali, id-determinazzjoni tal-ispejjeż ta' eliġibbiltà taħt l-appoġġ preparatorju għall-istrateġiji lokali ta' żvilupp, id-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt l-ispejjeż operazzjonali u l-ispejjeż ta' animazzjoni għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali, l-obbligi tal-aġenziji tal-pagamenti, id-determinazzjoni ta' kompiti ta' korpi ta' ċertifikazzjoni, il-kjarifika tal-proċeduri għal rekord tal-awditjar xieraq, kjarifika tal-obbligi tal-Istati Membri f'każ ta' rkupri ta' pagamenti mhux dovuti, id-determinazzjoni tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-PKS li jistgħu jwasslu għal sospensjoni tal-pagamenti, l-istabbiliment ta' kriterji u metodoloġija sabiex jiġu applikati f'każ ta' rata fissa jew korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati u l-lista ta' każijiet relevanti ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li jistgħu jwasslu għall-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji u dwar il-kontenut u l-bini tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

(102) Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(103) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, deċiżjonijiet dwar it-tqassim annwali ta' allokazzjonijiet, deċiżjonijiet li japprovaw il-programmi operazzjonali u l-emendi tagħhom, deċiżjonijiet dwar il-prijorità tal-Unjoni fil-politika ta' kontroll u infurzar, deċiżjoni li tapprova l-pjanijiet ta' ħidma annwali għall-ġbir tad-dejta, deċiżjonijiet li jistabbilixxu provi ta' nuqqas ta' konformità mal-PKS li jwassal għal interruzzjonijiet possibbli tad-dati ta' skadenza għall-pagamenti, deċiżjonijiet dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li jwassal għal sospensjoni possibbli tal-ħlasijiet, deċiżjonijiet li jissospendu l-ħlasijiet u li jirrevokaw is-sospensjoni tal-ħlasijiet, deċiżjonijiet dwar korrezzjonijiet finanzjarji u deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' kontijiet.

(104) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-format tal-programm operazzjonali, il-proċeduri sabiex jiġi adottat programm operazzjonali, il-proċeduri relatati mal-adozzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali għall-ġbir tad-dejta, l-applikazzjoni konkreta tal-punti perċentwali ta' intensità tal-għajnuna tal-Anness I, il-perjodu ta' żmien sabiex tintbagħat dikjarazzjoni intermedja tal-infiq, regoli dwar l-obbligu tal-

19 Sentenza tal-Qorti tad-9.11.2010, Kawżi Konġunti C-92/09 u C-93/09, Schecke.

aġenziji ta' pagamenti fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll, kompiti speċifiċi tal-korpi ta' ċertifikazzjoni, ir-regoli għall-ġestjoni u l-kontroll effiċjenti, regoli dwar id-determinazzjoni tal-ħlasijiet li għandhom jiġu sospiżi, dwar il-proċeduri għall-interruzzjoni ta' data ta' skadenza għall-pagamenti, dwar il-proċedura għal verifiki addizzjonali fuq il-post mill-Kummissjoni, il-format tar-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali, l-elementi li għandhom jiġu inklużi fl-evalwazzjonijiet ex ante u ex post u dwar l-elaborazzjoni tal-elementi tekniċi għall-miżuri ta' pubbliċità għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[20].

(105) Fid-dawl tan-natura proċedurali tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bl-atti ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 24, l-Artikolu 98, l-Artikolu 120 u l-Artikolu 143, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva meta jiġu adottati dawn tal-aħħar.

(106) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bla xkiel mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet tranżitorji.

(107) L-iskema ġdida ta' appoġġ stabbilita minn dan ir-Regolament tissostitwixxi l-iskema ta' appoġġ stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1198/2006, ir-Regolament (KE) Nru 861/2006, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata, ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 il-Fond ta' Garanzija, ir-Regolament (KE) Nru 791/2007 u l-Artikolu 103 tar-Regolament 1224/2009. Għaldaqstant, dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet għandhom jitħassru mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[20] ĠU L55, 28.2.2011, p.13.

# TITOLU I
# GĦANIJIET

## KAPITOLU I
## Kamp ta' applikazzjoni u Definizzjonijiet

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-miżuri finanzjarji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta':

(a) il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS),

(b) miżuri relevanti marbuta mal-Liġi tal-Baħar,

(c) l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd u s-sajd intern,

(d) u l-Politika Marittima Integrata (PMI).

*Artikolu 2*

**Ambitu ġeografiku**

Dan ir-Regolament għandu japplika għal operazzjonijiet imwettqa fit-territorju tal-Unjoni sakemm ma jkunx stabbilit esplicitament b'mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] [21] , fl-Artikolu 5 tar-[Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura] u fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru [Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni][22].

2. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (1) 'Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni' (Common Information Sharing Environment - CISE) tfisser netwerk ta' sistemi b'setup deċentralizzat żviluppat għall-iskambju ta' informazzjoni dwar utenti minn setturi differenti sabiex jittejjeb l-għarfien dwar is-sitwazzjoni tal-attivitajiet fuq il-baħar;

---

[21] COM(2011) 425 finali.

[22] COM(2011) 615 finali.

(2) 'operazzjonijiet transsettorjali' tfisser inizjattivi li minnhom jistgħu jibbenifikaw b’mod reċiproku setturi u/jew politiki settorjali differenti, kif imsemmi fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u li ma jistgħux jitwettqu kompletament permezz ta’ miżuri inklużi fl-oqsma ta’ politika rispettivi;

(3) 'sistema elettronika ta’ reġistrazzjoni u ta’ rappurtar' (electronic recording and reporting system - ERS) tfisser sistema għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniċi tad-dejta kif imsemmi fl-Artikoli 15, 24 u 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

(4) 'Netwerk Ewropew ta’ Dejta u Osservazzjoni dwar il-Baħar' tfisser netwerk li jintegra l-programmi nazzjonali ta’ dejta u osservazzjoni dwar il-baħar f’riżorsa Ewropea komuni u aċċessibbli;

(5) 'żona tas-sajd' tfisser żona b’xatt tal-baħar jew ta’ lag jew li tinkludi għadajjar jew estwarju ta’ xmara b’livell sinifikanti ta’ impjieg fis-settur tas-sajd jew tal-akkwakultura u magħżula bħala tali mill-Istat Membru;

(6) 'sajjied' tfisser kwalunkwe persuna involuta f’sajd professjonali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, abbord bastiment operattiv tas-sajd jew involuta fir-rakkolta professjonali ta’ organiżmi tal-baħar, kif rikonoxxut mill-Istat Membru, mingħajr bastiment;

(7) "Politika Marittima Integrata" (PMI) tfisser politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li trawwem teħid ta’ deċiżjonijiet koordinat u konsistenti sabiex jiġi massimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, u b’mod partikolari r-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta’ politki konsistenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali relevanti;

(8) 'Sorveljanza Marittima Integrata' hija inizjattiva tal-UE maħsuba biex issaħħaħ l-effettività u l-effiċjenza fl-attivitajiet ta’ sorveljanza tal-ibħra Ewropej permezz ta’ skambju ta’ informazzjoni u kollaborazzjoni madwar is-setturi u l-fruntieri;

(9) ‘irregolarità’ tfisser irregolarità kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill 2988/95;

(10) ‘sajd fl-ibħra interni’ tfisser sajd imwettaq għal skopijiet kummerċjali minn bastimenti li joperaw esklussivament fl-ibħra interni jew b’mezzi oħrajn użati għas-sajd fis-silġ;

(11) ‘ġestjoni integrata taż-żoni kostali’ tfisser tali strateġiji u miżuri kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2002/413/KE) tat-30 ta’ Mejju 2002 dwar l-implimentazzjoni ta’ Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali fl-Ewropa [traduzzjoni mhux uffiċjali][23];

[23] ĠU L 148 6.6.2002

(12) ‘tmexxija marittima integrata’ tfisser il-ġestjoni koordinata tal-politiki settorjali kollha tal-UE li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra u r-reġjuni kostali;

(13) 'reġjuni tal-baħar' tfisser iż-żoni ġeografiċi stabbiliti fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE u ż-żoni stabbiliti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(14) 'pjanar spazjali marittimu' tfisser proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet pubbliċi janalizzaw u jallokaw id-distribuzzjoni spazjali u temporali tal-attivitajiet umani f’żoni tal-baħar sabiex jilħqu l-għanijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(15) 'miżura' tfisser sett ta’ operazzjonijiet;

(16) 'infiq pubbliku' tfisser kull kontribuzzjoni għall-finanzjament ta’ operazzjonijiet imnissla mill-baġit tal-Istat Membru jew mill-baġit tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe nefqa simili. Kull kontribuzzjoni għall-finanzjament ta’ operazzjonijiet li joriġina mill-baġit ta’ korpi rregolati bid-dritt pubbliku jew ta’ assoċjazzjonijiet ta’ waħda jew aktar mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ta’ korpi rregolati mid-dritt pubbliku li jaġixxu f’konformità mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi għandha titqies bħala kontribuzzjoni pubblika[24];

(17) 'strateġija tal-baċini tal-baħar' tfisser qafas strutturat ta’ kooperazzjoni fir-rigward ta’ żona ġeografika partikolari, żviluppat mill-Istituzzjonijiet Ewropej, mill-Istati Membri, mir-reġjuni tagħhom u, fejn xieraq, minn pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar; l-istrateġija tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, klimatiċi, ekonomiċi u politiċi tal-baċin tal-baħar;

(18) 'sajd kostali fuq skala żgħira' tfisser sajd imwettaq minn bastimenti tas-sajd b’tul globali ta’ inqas minn 12-il metru u li ma jużawx tagħmir irmunkat kif elenkat fit-Tabella 3 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta’ Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni[25];

(19) 'bastimenti li joperaw esklussivament f’ibħra interni' tfisser bastimenti involuti f’sajd kummerċjali f’ibħra interni u mhux inklużi fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

---

[24] ĠU L 134, 30.4.2004, p.114.

[25] ĠU L 5, 9.1.2004, p.25.

# TITOLU II
# QAFAS ĠENERALI

## KAPITOLU I
## Stabbiliment u għanijiet tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd

*Artikolu 4*
**Stabbiliment**

Hawnhekk, huwa stabbilit il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

*Artikolu 5*
**L-għanijiet**

Il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet li ġejjin billi:

(a) jippromwovi sajd u akkwakultura sostenibbli u kompetittivi;

(b) irawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni b'mod komplimentari għall-politika ta' koeżjoni u għall-Politika Komuni tas-Sajd;

(c) jippromwovi żvilupp territorjali bilanċjat u inklużiv taż-żoni tas-sajd;

(d) it-trawwim tal-implimentazzjoni tas-CFP.

*Artikolu 6*
**Il-prijoritajiet tal-Unjoni**

Il-kisba tal-għanijiet tal-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Din għandha tintlaħaq permezz tas-sitt prijoritajiet tal-Unjoni, li jittraduċu l-Għanijiet Tematiċi tal-Qafas Strateġiku Komuni (minn hawn 'il quddiem CSF):

(1) Iż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali permezz tal-għanijiet li ġejjin:

 (a) Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-appoġġ tal-mobbiltà tax-xogħol f'komunitajiet kostali u interni li jiddependu fuq is-sajd u l-akkwakultura;

 (b) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima u t-tkabbir tal-ekonomija marittima, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(2) It-trawwim tas-sajd innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

(a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

(b) itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd, b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira u t-titjib tas-sikurezza jew tal-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(c) l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja;

(d) l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tas-sajd.

(3) It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

(a) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien;

(b) it-titjib tal-kompetittività u l-vijabbiltà ta' impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari SMEs;

(c) l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja;

(d) l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tal-akkwakultura.

(4) Il-promozzjoni ta' sajd sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

(a) it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;

(b) il-protezzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, inklużi s-servizzi li jipprovdu.

(5) Il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi permezz tal-enfasi fuq dawn l-oqsma:

(a) it-titjib tal-ekosistemi relatati mal-akkwakultura u l-promozzjoni ta' akkwakultura effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

(b) Il-promozzjoni tal-akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa u l-benessri tal-annimali u wkoll tas-saħħa u s-sigurtà pubblika.

(6) It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS permezz ta':

(a) il-forniment ta' għarfien xjentifiku u ġbir ta' dejta;

(b) l-appoġġ għall-kontroll u l-infurzar, filwaqt li titjieb il-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti.

# KAPITOLU II
# Ġestjoni konġunta u diretta

*Artikolu 7*

**Ġestjoni konġunta u diretta**

1. Miżuri koperti mit-Titolu V u l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 92 għandhom jiġu ffinanzjati mill-FEMS skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-Unjoni u skont ir-regoli komuni stabbiliti mir-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni][26].

2. Miżuri koperti mit-Titolu VI ħlief l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 92 għandhom jiġu ffinanzjati mill-FEMS skont il-prinċipju ta' ġestjoni diretta.

# KAPITOLU III
# Prinċipji Ġenerali tal-Assistenza taħt Ġestjoni konġunta

*Artikolu 8*

**Għajnuna mill-Istat**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. Madankollu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula mill-Istati Membri skont u b'konformità ma' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

3. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-finanzjament pubbliku li jmorru 'lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, kif stabbilit fil-paragrafu 2, għandhom jiġu ttrattati b'mod globali fuq il-bażi tal-paragrafu 1.

*Artikolu 9*

**Sħubija**

Permezz ta' deroga għall-Artikolu 5(4) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, mill-inqas darbtejn matul il-perjodu tal-ipprogrammar, lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-imsieħba fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-FEMS.

---

26 ĠU L, P..

*Artikolu 10*
**Koordinazzjoni**

Minbarra l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 4 tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplimentarjetà bejn l-appoġġ mill-FEMS u minn politiki u strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (KE) Nru [li jistabbilixxi l-Programm Kwadru għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima (Programm Kwadru LIFE)][27] u dawk fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-koordinazzjoni bejn l-għajnuna mill-FEMS u l-Programm Qafas LIFE għandha tinkiseb, b'mod partikolari, permezz tal-promozzjoni tal-finanzjament ta' attivitajiet li jikkomplimentaw proġetti integrati ffinanzjati taħt il-Programm Qafas LIFE, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u strateġiji vvalidati taħt il-Programm Qafas LIFE.

*Artikolu 11*
**Kondizzjonalitajiet *ex ante***

Il-kundizzjonalitajiet *ex ante* msemmija fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-FEMS.

# KAPITOLU IV
# Ammissibbiltà ta' applikazzjonijiet u operazzjonijiet ineliġibbli

*Artikolu 12*
**Ammissibbiltà ta' applikazzjonijiet**

1. L-applikazzjonijiet sottomessi mill-operaturi li ġejjin ma għandhomx ikunu ammissibbli għall-appoġġ mill-FEMS għal perjodu ta' żmien identifikat:

   (a) operaturi li wettqu ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jew l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

   (b) operaturi involuti fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew is-sjieda ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif speċifikat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

   (c) operaturi li wettqu każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS li jipperikolaw b'mod serju s-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati.

2. L-applikazzjonijiet sottomessi minn operaturi li wettqu irregolarità skont il-FES jew il-FEMS ma għandhomx ikunu ammissibbli għal perjodu ta' żmien identifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 150 rigward:

[27] ĠU L[..], [...],P.

(a) l-identifikazzjoni tal-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1 u 2 li għandu jkun proporzjonat għall-gravità jew għar-ripetizzjoni tal-ksur jew nuqqas ta' konformità;

(b) id-dati ta' bidu u tmiem relevanti tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1;

(c) l-identifikazzjoni tal-każijiet l-oħra ta' nuqqas ta' konformità msemmija fil-paragrafu 1(c) li serjament jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi li jissottomettu applikazzjoni taħt il-FEMS jipprovdu lill-awtorità amministrattiva b'dikjarazzjoni ffirmata li tikkonferma li huma jirrispettaw il-kriterji elenkati fil-paragrafu 1 u li ma wettqux irregolarità taħt il-FES jew il-FEMS kif imsemmi fil-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-veraċità tad-dikjarazzjoni qabel l-approvazzjonoi tal-operazzjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar id-delega li tikkonċerna l-istabbiliment ta' sistema għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar in-nuqqas ta' konformità.

*Artikolu 13*
**Operazzjonijiet ineliġibbli**

L-opeazzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli taħt il-FEMS:

(a) operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità ta' sajd tal-bastiment;

(b) bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda, dekummissjonamenti jew importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;

(c) waqfien temporanju mill-attivitajiet ta' sajd;

(d) sajd esperimentali;

(e) trasferiment tas-sjieda ta' negozju;

(f) ripopolazzjoni diretta, sakemm dan ma jkunx previst b'mod espliċitu bħala miżura ta' konservazzjoni minn att legali tal-Unjoni jew fil-każ ta' ripopolazzjoni esperimentali.

# TITOLU III
# QAFAS FINANZJARJU

*Artikolu 14*

**Implimentazzjoni tal-baġit**

1. Il-baġit tal-Unjoni allokat għall-FEMS taħt it-Titolu V għandu jiġi implimentat fil-qafas tal-ġestjoni konġunta skont l-Artikolu 4 tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

2. Il-baġit tal-Unjoni allokat għall-FEMS taħt it-Titolu VI għandu jiġi implimentat direttament mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 55(1)(a) tar-[Regolament Finanzjarju l-ġdid].

3. Il-Kummissjoni għandha tikkanċella l-impenn baġitarju kollu jew parti minnu taħt ġestjoni diretta skont ir-[Regolament Finanzjarju l-ġdid] u skont l-Artikolu 147 ta' dan ir-Regolament.

4. Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba għandu jkun applikat skont l-Artikoli 27 u 50 tar-[Regolament Finanzjarju l-ġdid].

*Artikolu 15*

**Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni konġunta**

1. Ir-riżorsi disponibbli għall-impenji mill-FEMS għall-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2020 taħt ġestjoni konġunta għandhom ikunu EUR 5 520 000 000 fi prezzijiet attwali skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness II.

2. EUR 4,535,000,000 tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, tal-akkwakultura u taż-żoni tas-sajd taħt il-Kapitoli I, II u III tat-Titolu V.

3. EUR 477 000 000 tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri ta' kontroll u infurzar imsemmija fl-Artikolu 78.

4. EUR 358 000 000 tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-miżuri dwar il-ġbir tad-dejta msemmija fl-Artikolu 79.

5. Fis-sena, ir-riżorsi allokati għall-kumpens tar-reġjuni l-aktar imbiegħda taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V, ma għandhomx jaqbżu:

   – EUR 4 300 000 għall-Ażores u l-Madeira;

   – EUR 5 800 000 għall-Gżejjer Kanarji;

   – EUR 4 900 000 għall-Gujana Franċiża u r-Réunion.

6. EUR 45 000 000 tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu (1) għandhom jiġu allokati għall-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 72 mill-2014 sal-2018 inklużi.

*Artikolu 16*

**Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni diretta**

Ammont ta’ EUR 1,047,000,000 tal-FEMS għandu jiġi allokat għall-miżuri taħt ġestjoni diretta kif speċifikat fil-Kapitolu I u II tat-Titolu VI. L-ammont jinkludi l-assistenza teknika skont l-Artikolu 91.

*Artikolu 17*

**Distribuzzjoni finanzjarja għall-ġestjoni konġunta**

1. Ir-riżorsi disponibbli għall-impenji mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 15 (2) sa (6) għall-perjodu 2014 sal-2020 kif speċifikati fit-tabella fl-Anness II huma determinati fuq il-bażi tal-kriterji oġġettivi li ġejjin:

   (a) Fir-rigward tat-Titolu V:

      (i) il-livell tal-impjiegi fis-sajd u l-akkwakultura,

      (ii) il-livell ta’ produzzjoni fis-sajd u l-akkwakultura, u

      (iii) is-sehem tal-flotot tas-sajd kostali fuq skala żgħira fil-flotot tas-sajd;

   (b) Fir-rigward tal-Artikolu 78 u l-Artikolu 79:

      (i) il-firxa tal-kompiti ta’ kontroll tal-Istat Membru kkonċernat, approssimizzata mid-daqs tal-flotta tas-sajd nazzjonali, l-ammont ta’ żbarkamenti u l-valur tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi,

      (ii) ir-riżorsi ta’ kontroll disponibbli mqabbla mal-firxa tal-kompiti ta’ kontroll tal-Istat Membru, fejn il-mezzi disponibbli huma approssimizzati minn għadd ta’ kontrolli mwettqa fuq il-baħar u ta’ spezzjonijiet ta’ żbarkament;

      (iii) Il-firxa tal-kompiti ta' ġbir tad-dejta tal-Istat Membru kkonċernat, approssimizzata mid-daqs tal-flotta tas-sajd nazzjonali, l-ammont ta’ żbarkamenti u l-ammont ta' attivitajiet ta' monitoraġġ xjentifiku fil-baħar u n-numru ta' stħarriġ li l-Istat Membru jkun qed jieħu sehem fih, u

      (iv) Ir-riżorsi disponibbli ta' ġbir ta' dejta meta mqabbel mal-firxa tal-kompiti ta' ġbir ta' dejta tal-Istat Membru, fejn disponibbli tfisser li jkunu approssimizzati għan-numru ta' osservaturi fil-baħar u l-ammont ta' riżorsi umani u mezzi tekniċi meħtieġa sabiex ikun implimentat il-programm ta' kampjunar għall-ġbir tad-dejta.

   (c) Fir-rigward tal-miżuri kollha, l-allokazzjonijiet storiċi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-konsum storiku skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont kull Stat Membru.

# TITOLU IV
# Programmar

## KAPITOLU I
## Programmar għal miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni konġunta

*Artikolu 18*

**It-tħejjija ta' programmi operazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jħejji programm operazzjonali uniku sabiex jimplimenta l-prijoritajiet tal-Unjoni li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEMS.

2. Il-programm operazzjonali għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru wara kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Il-konsultazzjoni tal-imsieħba dwar id-dokumenti ta' tħejjija għandha tiġi organizzata b'tali mod li tippermetti lill-imsieħba jeżaminawhom.

3. Fir-rigward tat-taqsima tal-programm operazzjonali msemmija fl-Artikolu 20(1)(n) il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013.

4. It-taqsima tal-programm operazzjonali imsemmija fl-Artikolu 20(1)(o) li tkopri l-parti tal-programm multiannwali msemmija fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] għas-sena 2014 għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2013.

*Artikolu 19*

**Prinċipji gwida għall-programm operazzjonali**

Fit-tħejjija tal-programm operazzjonali, l-Istat Membru għandu jikkunsidra l-prinċipji gwida li ġejjin:

(a) huma inklużi kombinazzjonijiet rilevanti ta' miżuri fir-rigward ta' kull waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni, li loġikament ġejjin mill-evalwazzjoni ex ante u mill-analiżi tas-saħħiet, in-nuqqasijiet, l-opportunitajiet u t-theddid (minn hawn 'il quddiem "SWOT");

(b) approċċ pertinenti lejn l-innovazzjoni u t-tnaqqis u l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa integrat fil-programm;

(c) hija prevista azzjoni xierqa biex tissimplifika u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm;

(d) fejn applikabbli, il-konsistenza tal-miżuri skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS imsemmija fl-Artikolu 6(3) u (5) ta' dan ir-Regolament mal-Pjan Strateġiku Nazzjonali Multiannwali għall-Akkwakultura msemmi fl-Artikolu 43 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

*Artikolu 20*

**Il-kontenut tal-programm operazzjonali**

1. Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu 24 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-programm operazzjonali għandu jinkludi:

(a) l-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 48 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];

(b) analiżi tas-sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-SWOT u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati fiż-żona ġeografika koperta mill-programm;

L-analiżi għandha tkun strutturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-ħtiġijiet speċifiċi dwar it-tnaqqis u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni, fid-dawl tal-identifikazzjoni tar-reazzjonijiet rilevanti f'dawn iż-żewġ oqsma fil-livell ta' kull prijorità; sinteżi tas-sitwazzjoni tal-oqsma ta' politika eliġibbli għal appoġġ f'termini ta' saħħiet u nuqqasijiet;

(c) wiri ta' approċċ pertinenti integrat fil-programm lejn l-innovazzjoni, l-ambjent, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni tan-Natura 2000, u l-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima;

(d) Il-valutazzjoni tal-kundizzjonalitajiet *ex ante,* u, fejn meħtieġ l-azzjonijiet msemmija fl-Artikolu 17(4) tar-[Regolament (EU) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u l-istadji importanti stabbiliti għall-finijiet tal-Artikolu 19 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];

(e) lista tal-miżuri magħżula organizzati skont il-prijoritajiet tal-Unjoni;

(f) deskrizzjoni tal-kriterji tal-għażla għall-proġetti;

(g) deskrizzjoni tal-kriterji tal-għażla għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali taħt il-Kapitolu III tat-Titolu V;

(h) indikazzjoni ċara tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kapitolu III tat-Titolu V li jistgħu jitwettqu b'mod kollettiv u li għalhekk jistgħu jibbenifikaw minn intensità ogħla tal-għajnuna skont l-Artikolu 95(3);

(i) analiżi tal-ħtiġijiet relatati mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. L-Istati Membri għandhom jipprovdu biżżejjed riżorsi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati;

(j) pjan ta' finanzjament li għandu jitfassal wara li jiġu kkunsidrati l-Artikoli 18 u 20 tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 17(3) li jikkonsistu minn:

   (i) tabella li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni totali tal-FEMS ippjanata għal kull sena;

   (ii) tabella li tistabbilixxi r-riżorsi applikabbli tal-FEMS u r-rata ta' kofinanzjament għall-għanijiet skont il-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6 u l-assistenza teknika. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika separatament ir-riżorsi tal-FEMS u r-rati tal-kofinanzjament li japplikaw permezz ta' deroga għar-regola ġenerali tal-Artikolu 94(1) għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 72, fl-Artikolu 73, fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j), fl-Artikolu 78(2)(e) u fl-Artikolu 79.

(k) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati permezz ta' Fondi oħrajn tas-CSF jew il-Programm Qafas LIFE;

(l) arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-programm, inklużi:

   (i) il-ħatra mill-Istati Membri tal-awtoritajiet kollha msemmija fl-Artikolu 107 u, għal skopijiet ta' informazzjoni, deskrizzjoni fil-qosor tal-istruttura ta' ġestjoni u kontroll;

   (ii) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat ta' Monitoraġġ;

   (iii) id-dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-programm jingħata pubbliċità f'konformità mal-Artikolu 143.

(m) il-ħatra tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba;

(n) għall-għan ta' konformità akbar permezz tal-kontroll imsemmi fil-kuntest tal-Artikolu 6(6) u skont l-Artikolu 18 (3):

   (i) lista tal-korpi li jimplimentaw is-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar u deskrizzjoni qasira tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, it-tagħmir tagħhom disponibbli għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd, b'mod partikolari l-għadd ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u ħelikopters;

   (ii) l-għanijiet globali tal-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu implimentati bl-użu ta' indikaturi komuni li għandhom ikunu stabbiliti skont l-Artikolu 133;

   (iii) l-għanijiet speċifiċi li għandhom jinkisbu f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Artikolu 6 u li jispjegaw fid-dettall kemm entrati ta' kull kategorija ta' infiq għandhom jinxtraw matul il-perjodu kollu ta' pprogrammar;

(o) Għall-iskop tal-ġbir tad-dejta għall-ġestjoni tas-sajd sostenibbli msemmija taħt l-Artikoli 6(6) u 18(4) u f'konformità mal-programm multiannwali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd]:

(i) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' ġbir tad-dejta li għandhom jitwettqu sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn li ġejjin:

– evalwazzjoni tas-settur tas-sajd (varjabbli bijoloġiċi, ekonomiċi u trasversali kif ukoll stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar),

– evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industriji tal-akkwakultura u tal-ipproċessar,

– evalwazzjoni tal-effetti tas-settur tas-sajd fuq l-ekosistema.

(ii) deskrizzjoni tal-metodi ta' ħżin tad-dejta, il-ġestjoni tad-dejta u l-użu tad-dejta,

(iii) wiri tal-kapaċità sabiex tinkiseb ġestjoni finanzjarja u amministrattiva tajba tad-dejta miġbura.

Din it-taqsima tal-programm operazzjonali għandha tiġi supplimentata mill-Artikolu 23.

2. Il-programm operazzjonali għandu jinkludi l-metodi għall-kalkolu tal-ispejjeż simplifikati, l-ispejjeż addizzjonali jew id-dħul mitluf b'konformità mal-Artikolu 103, jew il-metodu sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens skont il-kriterji relevanti identifikati għal kull waħda mill-attivitajiet implimentati taħt l-Artikolu 38(1).

3. Barra minn hekk, il-programm operazzjonali għandu jinkludi deskrizzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi sabiex jippromwovi opportunitajiet ugwali u jipprevjeni kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, inklużi l-arranġamenti sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi fil-livell tal-programm operazzjonali u fil-livell ta' operazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fil-paragrafi 1, 2 u 3. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2).

*Artikolu 21*

**Approvazzjoni tal-Programm Operazzjonali**

1. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konsistenza tal-programmi operazzjonali ma' dan ir-Regolament u l-kontribut effettiv tagħhom għall-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS imsemmija fl-Artikolu 6 filwaqt li tkun ikkunsidrata l-evalwazzjoni *ex ante*.

2. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-programm operazzjonali permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni.

*Artikolu 22*

**Emenda tal-Programm Operazzjonali**

1. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-emenda ta’ programm operazzjonali permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni.

2. Sabiex tiġi adattata għall-ħtiġijiet tekniċi li qegħdin jevolvu tal-attivitajiet ta’ kontroll, it-taqsima tal-programm operazzjonali msemmija fl-Artikolu 20(1)(n) tista’ tiġi emendata kull sentejn, bl-ewwel darba li tieħu effett mill-1 ta’ Jannar 2015.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni li tagħti d-dettalji tal-bidliet fil-prijoritajiet tal-Unjoni fil-politika ta’ infurzar u kontroll imsemmija fl-Artikolu 18(3) u l-operazzjonijiet korrispondenti eliġibbli li għandhom jiġu prijoritizzati.

Billi jikkunsidraw dawn il-prijoritajiet il-ġodda stipulati fid-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sal-31 ta' Ottubru tas-sena qabel is-sena ta' implimentazzjoni kkonċernata, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-emenda għall-Programm Operazzjonali.

3. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-emendi għall-programmi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jibbenifikaw minn proċedura simplifikata adottata f’konformità mal-Artikolu 24.

*Artikolu 23*

**Pjan ta’ ħidma annwali għall-ġbir tad-dejta**

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1)(o), l-Istati Membri għandhom jissottomettu pjan ta’ ħidma annwali lill-Kummissjoni qabel il-31 ta’ Ottubru ta’ kull sena. Il-pjanijiet ta’ ħidma annwali għandu jkollhom deskrizzjoni tal-proċeduri u l-metodi li għandhom jintużaw fil-ġbir u l-analiżi tad-dejta u sabiex jiġu vvalutati l-eżattezza u l-preċiżjoni tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu kull pjan ta’ ħidma annwali b’mezzi elettroniċi.

3. Permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-pjan ta’ ħidma annwali għal kull sena sal-31 ta’ Diċembru ta’ kull sena.

4. L-ewwel pjan ta’ ħidma annwali għandu jinkludi l-attivitajiet għas-sena 2014 u għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Ottubru 2013.

*Artikolu 24*

**Regoli dwar proċeduri u skedi**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għal:

– l-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali;

– is-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' proposti għal emendi fil-programmi operazzjonali, inkluż id-dħul fis-seħħ tagħhom u l-frekwenza tas-sottomissjoni matul il-perjodu tal-ipprogrammar;

– is-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' proposti għall-emendi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 22;

– is-sottomissjoni ta' pjanijiet ta' ħidma annwali għall-ġbir tad-dejta.

Il-proċeduri u l-iskedi ta' żmien għandhom jiġu ssimplifikati f'każ ta' emendi fil-programmi operazzjonali dwar

(a) trasferiment tal-fondi bejn il-prijoritajiet tal-Unjoni;

(b) l-introduzzjoni jew l-irtirar ta' miżuri jew tipi ta' operazzjonijiet;

(c) bidliet fid-deskrizzjoni tal-miżuri, inklużi bidliet fil-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà;

(d) l-emendi msemmija fl-Artikolu 22(2) kif ukoll emendi ulterjuri tal-programm tat-taqsima msemmija fl-Artikolu 20(1)(n).

L-emendi msemmija fil-punti (a) u (b) ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-ammont allokat għall-prijorità tal-Unjoni u 10 % tal-ammont allokat għal kull miżura sabiex jibbenifikaw minn din il-proċedura ssimplifikata.

2. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2).

# KAPITOLU II
# Programmar għal miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni diretta

*Artikolu 25*

**Programm ta' ħidma annwali**

1. Sabiex timplimenta l-Kapitolu I u II tat-Titolu VI u l-Artikolu 92 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali skont l-għanijiet stabbiliti f'dawk il-Kapitoli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

2. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jistabbilixxi l-għanijiet fil-mira, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tiegħu. Għandu wkoll jinkludi deskrizzjoni tal-attivitajiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull attività, skeda taż-żmien ta' implimentazzjoni indikattiva, kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Għall-għotjiet għandha tinkludi l-prijoritajiet, il-kriterja essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament.

# TITOLU V
# MIŻURI FFINANZJATI TAĦT ĠESTJONI KONĠUNTA

## KAPITOLU I
## Żvilupp sostenibbli tas-sajd

*Artikolu 26*

**Għanijiet Speċifiċi**

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-Unjoni identifikat fl-Artikolu 6(2) u (4).

*Artikolu 27*

**Kondizzjonijiet ġenerali**

1. Is-sid ta' bastiment tas-sajd li rċieva appoġġ taħt l-Artikoli 32(1)(b), 36, 39(1)(a), jew 40(2) ta' dan ir-Regolament ma għandux jittrasferixxi l-bastiment lil pajjiż terz barra mill-Unjoni tal-inqas matul 5 snin wara d-data tal-ħlas attwali lill-benefiċjarju.

2. L-ispejjeż operazzjonali mhumiex eliġibbli sakemm dak ma jkunx speċifikat espressivament b'mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 28*

**Innovazzjoni**

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-sajd il-FEMS jista' jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jiżviluppaw jew jintroduċu prodotti ġodda jew sostanzjalment imtejba meta mqabbla mal-qagħda attwali, proċessi ġodda jew imtejba, sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba.

2. Operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu f'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut mill-Istat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet.

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 143.

*Artikolu 29*

**Servizzi konsultattivi**

1. Sabiex jitjiebu l-prestazzjoni ġenerali u l-kompetittività tal-operaturi, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) studji ta' fattibilità li jeżaminaw il-vijabbiltà ta' proġetti potenzjalment eliġibbli għal appoġġ taħt dan il-Kapitolu;

(b) l-għoti ta' parir professjonali dwar strateġiji ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni.

2. L-istudji tal-fattibilità u l-pariri msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b), rispettivament, għandhom jiġu pprovduti minn korpi xjentifiċi jew tekniċi rikonoxxuti bil-kompetenzi konsultattivi meħtieġa kif rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru.

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-operaturi jew l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru li kkummissjona l-istudju tal-fattibilità msemmi fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati taħt dan l-Artikolu jintgħażlu permezz ta' proċedura aċċellerata.

5. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jieħu l-forma ta' somom f'daqqa li ma jaqbżux l-ammont ta' EUR 3 000. Dan il-limitu ma għandux japplika meta l-benefiċjarju jkun organizzazzjoni tas-sajjieda.

*Artikolu 30*

**Sħubiji bejn xjentisti u sajjieda**

1. Sabiex irawwem it-trasferiment tal-għarfien bejn ix-xjentisti u s-sajjieda, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) il-ħolqien ta' netwerk kompost minn korp xjentifiku indipendenti wieħed jew aktar u sajjieda jew organizzazzjoni tas-sajjieda waħda jew aktar;

(b) l-attivitajiet imwettqa minn netwerk kif imsemmi fil-punt (a).

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) jistgħu jkopru attivitajiet ta' ġbir tad-dejta, studji, it-tixrid ta' għarfien u l-aħjar prattiċi.

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata lil korpi tal-liġi pubblika, sajjieda, organizzazzjonijiet tas-sajjieda u organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti mill-Istat Membru jew lil FLAGs (Fisheries Local Action Groups - Grupp ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd) kif speċifikat fl-Artikolu 62.

*Artikolu 31*

**Il-promozzjoni tal-kapital uman u d-djalogu soċjali**

1. Sabiex jippomwovi l-kapital uman u d-djalogu soċjali, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku u prattiċi innovattivi u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda marbuta b'mod partikolari mal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar, l-attivitajiet fis-settur marittimu, l-innovazzjoni u l-imprenditorija;

(b) netwerking u skambju ta' esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati, inkluż organizzazzjonijiet li jippromwovu d-djalogu soċjali kif ukoll l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa u partijiet interessati oħrajn;

(c) il-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jinvolvi s-sajjieda u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata wkoll lil konjugi ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom jew, meta u sakemm ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, l-imsieħba fil-ħajja ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom, li ma jkunux impjegati jew imsieħba fin-negozju, fejn abitwalment u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali, huma jipparteċipaw fl-attivitajiet tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom jew li jwettqu kompiti anċillari.

*Artikolu 32*

**L-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi**

1. Sabiex jiffaċilita d-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi barra s-settur tas-sajd, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) il-bidu ta' negozju barra s-settur tas-sajd;

(b) ir-rikonfigurazzjoni ta' bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira sabiex dawn jiġu assenjati mill-ġdid għal attivitajiet barra mis-settur tas-sajd.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jingħata lis-sajjieda li:

(a) jissottomettu pjan tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet ġodda tagħhom;

(b) jippossjedu ħiliet professjonali adegwati li jistgħu jinkisbu permezz ta' operazzjonijiet iffinanzjati skont l-Artikolu 31(1)(a).

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil sajjieda kostali fuq skala żgħira li għandhom bastimenti tas-sajd tal-Unjoni rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet ta' sajd fil-baħar tul mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Il-liċenzja tas-sajd assoċjata mal-bastiment tas-sajd għandha tiġi rtirata b'mod permanenti.

4. Il-benefiċjarji tal-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandhomx jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' sajd professjonali fil-ħames snin wara li jirċievu l-aħħar pagament tal-appoġġ.

5. L-ispejjeż eliġibbli taħt il-paragrafu 1(b) għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż tal-modifika ta' bastiment imwettqa għall-iskop tal-assenjar mill-ġdid tiegħu.

6. L-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija taħt il-paragrafu 1(a) ma għandux jaqbeż 50 % tal-baġit previst fil-pjan tan-negozju għal kull operazzjoni u ma għandux jaqbeż ammont massimu ta' EUR 50 000 għal kull operazzjoni.

*Artikolu 33*
**Is-saħħa u s-sikurezza abbord**

1. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol għas-sajjieda abbord, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti abbord jew fit-tagħmir individwali jekk dawn l-investimenti jmorru lil hinn mill-istandards meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

2. L-appoġġ għandu jingħata lil sajjieda jew lil proprjetarji ta' bastimenti tas-sajd.

3. Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti f'investiment abbord, l-appoġġ ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd. Meta l-operazzjoni tkun tikkonsisti minn investiment f'tagħmir individwali, l-appoġġ ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess benefiċjarju.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 sabiex tidentifika t-tipi ta' operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1.

*Artikolu 34*
**Appoġġ għal sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli tal-PKS**

1. Sabiex jistabbilixxi jew jimmodifika sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd skont l-Artikolu 27 tar-[Regolament tal-PKS], il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) it-tfassil u l-iżvilupp ta' mezzi tekniċi u amministrattivi meħtieġa għall-ħolqien jew il-funzjonament ta' sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;

(b) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fit-tfassil u l-iżvilupp ta' sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;

(c) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli;

(d) il-ġestjoni tas-sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a), (b) u (c) għandu jingħata biss lill-awtoritajiet pubbliċi. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(d) ta' dan l-Artikolu għandu jingħata lil awtoritajiet pubbliċi, persuni ġuridiċi jew fiżiċi jew organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti involuti fil-ġestjoni kollettiva tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli miġbura skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

*Artikolu 35*
**Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni taħt il-PKS**

1. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni taħt l-Artikoli 17 u 21 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) id-disinn u l-iżvilupp ta' mezzi tekniċi u amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 17 u 21 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd];

(b) il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 17 u 21 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd]

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata biss lil awtoritajiet pubbliċi.

*Artikolu 36*

**Limitazzjoni tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar**

1. Sabiex tnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, tinkoraġġixxi l-eliminazzjoni tar-rimi u tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjonijiet tal-ispeċi maħsuda 'l fuq mil-livelli li jistgħu jista' joħloq l-MSY, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti f'tagħmir:

(a) li jtejjeb is-selettività tad-daqs jew is-selettività tal-ispeċi tal-irkaptu;

(b) li jnaqqas il-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali jew qabdiet inċidentali oħrajn;

(c) li jillimita l-impatti fiżiċi u bijoloġiċi tas-sajd fuq l-ekosistema jew qiegħ il-baħar.

2 L-appoġġ ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd tal-Unjoni u għall-istess tip ta' tagħmir.

3. L-appoġġ għandu jingħata biss meta l-irkaptu jew tagħmir ieħor imsemmi taħt il-paragrafu 1 ikun wera b'mod ċar għażla ta' daqs aħjar jew impatt iżgħar fuq l-ispeċi mhux fil-mira mill-irkaptu standard jew tagħmir ieħor permess skont il-liġi tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri adottati fil-kuntest tar-reġjonalizzazzjoni kif imsemmi fir-[Regolament tal-PKS].

4. L-appoġġ għandu jingħata lil:

(a) sidien ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati bħala bastimenti attivi u li jkunu wettqu attività ta' sajd ta' mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

(b) sajjieda, li huma proprjetarji tal-irkaptu li għandu jinbidel u dawk li ħadmu abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni għal mill-inqas 60 ġurnata matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

(c) organizzazzjonijiet ta' sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru.

*Artikolu 37*

**Innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tar-rimi u l-qbid inċidentali u jiffaċilita t-tranżizzjoni għall-isfruttar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li jirrestawraw u

jħarsu popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY, il-FEMS jista’ jappoġġja l-proġetti maħsuba biex jiżviluppaw jew jintroduċu għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid bil-għan li jitnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent jew jinkiseb użu aktar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

2. L-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu b’kollaborazzjoni ma’ korp xjentifiku jew tekniku rikonoxxut mil-liġi nazzjonali ta’ kull Stat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta’ dawn l-operazzjonijiet.

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 143.

4. Il-bastimenti tas-sajd involuti fi proġetti ffinanzjati fil-kuntest ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-bastimenti tal-flotot nazzjonali jew 5 % tat-tunnellaġġ tal-flotot nazzjonali f’tunnellaġġ gross, ikkalkolati fi żmien is-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5. L-operazzjonijiet li jikkonsistu fl-ittestjar ta’ rkaptu jew tekniki ġodda għandhom jitwettqu fil-limiti tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istat Membru.

6. Id-dħul nett iġġenerat mill-parteċipazzjoni tal-bastiment tas-sajd fl-operazzjoni għandu jitnaqqas mill-infiq eliġibbli tal-operazzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 150 sabiex tispeċifika l-kalkolu tad-dħul nett imsemmi fil-paragrafu 6 marbut ma’ perjodu ta’ żmien rilevanti.

*Artikolu 38*

**Il-protezzjoni u r-restorazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli**

1. Sabiex tiġi stimolata l-parteċipazzjoni tas-sajjieda fil-protezzjoni u r-restorazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar inklużi s-servizzi li jipprovdu fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli, il-FEMS jista’ jappoġġja l-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ġbir tal-iskart mill-baħar, bħat-tneħħija ta’ rkaptu li jintilef u skart tal-baħar;

(b) il-kostruzzjoni jew l-installazzjoni ta’ faċilitajiet statiċi jew mobbli maħsuba biex jipproteġu u jsaħħu l-fawna u l-flora tal-baħar;

(c) il-kontribuzzjoni għal ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi;

(d) il-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ ta’ żoni tan-NATURA 2000, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi[28] u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

28 ĠU L 206, 22.7.1992 p.7.

30 ta’ Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi [29], f’konformità mal-oqsfa ta’ azzjonijiet prijoritizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE;

(e) il-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ ta’ żoni marittimi protetti fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ protezzjoni spazjali msemmija fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(f) il-parteċipazzjoni f’azzjonijiet oħra mmirati lejn iż-żamma u t-titjib tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, bħar-restawr ta’ ħabitats marittimi u kostali speċifiċi sabiex tiġi appoġġjata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut.

2. L-operazzjonijiet fil-kuntest ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu implimentati minn korpi tal-liġi pubblika li għandhom jinvolvu sajjieda jew organizzazzjonijiet ta’ sajjieda rikonoxxuti mill-Istat Membru, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi fi sħubija ma’ organizzazzjonijiet ta’ sajjieda jew FLAGs kif iddefiniti taħt l-Artikolu 62.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 sabiex:

(a) tidentifika t-tipi ta’ operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu;

(b) tispeċifika l-ispejjeż eliġibbli taħt il-paragrafu 1.

*Artikolu 39*

**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**

1. Sabiex jiġu mitigati l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-FEMS jista’ jappoġġja:

(a) investimenti abbord bil-għan li jnaqqsu l-emissjoni ta’ sustanzi niġġiesa jew il-gassijiet serra u jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd;

(b) verifiki u skemi ta’ effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

2. L-appoġġ ma għandux jikkontribwixxi għat-tibdil jew l-immodernizzar ta’ magni prinċipali jew anċillari. L-appoġġ għandu jingħata lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd biss u ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 sabiex tiddefinixxi l-investimenti eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a).

---

[29] ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.

*Artikolu 40*
**Il-kwalità tal-prodotti u l-użu ta' qabdiet mhux mixtieqa**

1. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħut li jinqabdu, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord għal dan il-għan.

2. Sabiex itejjeb l-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti abbord sabiex isir l-aħjar użu mill-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u jingħata valur lill-komponenti sottoutilizzati tal-ħut maqbuda, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8(b) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].

3. L-appoġġ taħt dan l-Artikolu ma għandux jingħata aktar minn darba matul il-perjodu tal-ipprogrammar għall-istess bastiment tas-sajd jew għall-istess benefiċjarju.

4. L-appoġġ imsemmi f'dan il-paragrafu 1 għandu jingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li l-bastimenti tagħhom ikunu wettqu attività ta' sajd għal mill-inqas 60 ġurnata fuq il-baħar matul is-sentejn qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

*Artikolu 41*
**Portijiet tas-sajd, postijiet ta' nżul u postijiet ta' kenn**

1. Għall-iskop li tittejjeb il-kwalità tal-prodott żbarkat, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, isseħħ kontribuzzjoni għall-protezzjoni ambjentali jew jittejbu l-kondizzjonijiet tas-sigurtà u x-xogħol, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti maħsuba sabiex itejbu l-postijiet ta' nżul jew l-infrastrutturi tal-portijiet tas-sajd, inklużi investimenti f'faċilitajiet għal ġbir ta' skart u skart fil-baħar.

2. Sabiex jiffaċilita l-użu tal-qabdiet mhux mixtieqa, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti fil-portijiet tas-sajd u fil-postijiet ta' nżul li jippermettu li jsir l-aħjar użu mill-qabdiet mhux mixtieqa ta' stokkijiet kummerċjali u li jivvalorizzaw lill-komponenti sottoutilizzati tal-ħut maqbuda, f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8(b) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura].

3. Sabiex tittejjeb is-sigurtà tas-sajjieda, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti għall-kostruzzjoni jew l-immodernizzar tal-postijiet ta' kenn.

4. L-appoġġ ma għandux ikopri l-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda, postijiet ta' nżul ġodda jew swali tal-irkant ġodda.

*Artikolu 42*
**Sajd Intern**

1. Sabiex jitnaqqas l-impatt tas-sajd intern fuq l-ambjent, tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, tittejjeb il-kwalità tal-ħut żbarkat jew biex jittejbu l-kondizzjonijiet tas-sigurtà jew tax-xogħol, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li ġejjin:

(a) abbord jew f'tagħmir individwali msemmi fl-Artikolu 33 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(b) f'tagħmir kif speċifikat fl-Artikolu 36 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(c) abbord u skemi u verifiki tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kif previst fl-Artikolu 39 u taħt l-istess kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(d) fil-portijiet u l-postijiet ta' nżul eżistenti msemmija fl-Artikolu 41 u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu.

2 Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) Ir-referenzi magħmula fl-Artikoli 33, 36 u 39 għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw b'mod esklussiv f'baħar intern;

(b) Ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 36 għall-ambjent tal-baħar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-ambjent fejn jopera l-bastiment tas-sajd intern.

3. Sabiex tiġi sostnuta d-diversifikazzjoni mis-sajjieda interni, il-FEMS jista' jappoġġja l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-bastimenti li joperaw f'sajd intern għal attivitajiet oħrajn barra s-sajd taħt il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 32 għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw b'mod esklussiv f'baħar intern.

5. Sabiex jiġu protetti u żviluppati l-fawna u l-flora akwatiċi, il-FEMS jista' jappoġġja l-parteċipazzjoni tas-sajjieda li jistadu f'baħar intern fir-rigward tal-ġestjoni, ir-restorazzjoni u l-monitoraġġ tas-siti ta' NATURA 2000 fejn dawn iż-żoni jkunu jikkonċernaw direttament l-attivitajiet ta' sajd, kif ukoll ir-rijabilitazzjoni tal-ibħra interni, inklużi l-postijiet fejn ibid il-ħut u r-rotot ta' migrazzjoni għall-ispeċi migratorji, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38(1)(d).

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jirċievu appoġġ skont dan l-Artikolu jkomplu joperaw b'mod esklussiv fl-ibħra interni.

# KAPITOLU II
# Żvilupp sostenibbli tal-akkwakultura

*Artikolu 43*

***Għanijiet speċifiċi***

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-Unjoni identifikat fl-Artikolu 6(2) u (4).

*Artikolu 44*
**Kondizzjonijiet ġenerali**

1. L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jkun limitat għall-impriżi tal-akkwakultura sakemm ma jkunx espliċitament stabbilit mod ieħor.

2. Fejn l-operazzjonijiet ikunu jikkonsistu minn investimenti f'tagħmir jew infrastruttura li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti dwar l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, l-iġjene jew il-benesseri tal-annimali skont il-liġi tal-Unjoni, u li jidħlu fis-seħħ wara l-2014, l-appoġġ jista' jingħata sad-data li fiha l-istandards isiru obbligatorji għall-impriżi.

*Artikolu 45*
**Innovazzjoni**

1. Sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja operazzjonijiet:

(a) li jintroduċu għarfien tekniku jew organizzattiv ġdid fl-irziezet tal-akkwakultura li jnaqqas l-impatt tagħhom fuq l-ambjent jew jinkoraġġixxi użu aktar sostenibbli tar-riżorsi fl-akkwakultura;

(b) li jiżviluppaw jew jintroduċu fis-suq prodotti ġodda jew li jkunu ttejbu b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-aħħar avvanzi, proċessi ġodda jew imtejba, ġestjoni ġdida jew imtejba u s-sistemi ta' organizzazzjoni.

2. L-operazzjonijiet taħt dan l-Artikolu għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni ma' korp xjentifiku jew tekniku kif rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jivvalida r-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet.

3. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet li jirċievu appoġġ għandhom ikunu soġġetti għal pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 143.

*Artikolu 46*
**Investimenti fl-akkwakultura lil hinn mill-kosta u fl-akkwakultura mhux relatata mal-ikel**

1. Sabiex jitrawmu forom ta' akkwakultura b'potenzjal għoli ta' tkabbir, il-FEMS jista' jappoġġja l-investiment fl-iżvilupp tal-akkwakultura 'l barra mill-kosta jew tal-akkwakultura mhux relatata mal-ikel.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 150 sabiex tidentifika t-tip ta' operazzjonijiet u l-ispejjeż eliġibbli.

*Artikolu 47*
**Forom ġodda ta' dħul u valur miżjud**

1. Sabiex titrawwem l-imprenditorija fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti li jikkontribwixxu għal:

(a) żieda ta' valur lill-prodotti tal-akkwakultura, b'mod partikolari billi l-impriża tal-akkwakultura titħalla twettaq l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq u l-bejgħ dirett tal-produzzjoni tal-akkwakultura tagħha stess;

(b) diversifikazzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' speċi ġodda fl-akkwakultura bi prospetti tajba fis-suq;

(c) id-diversifikazzjoni tad-dħul tal-impriżi tal-akkwakultura permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss lill-impriżi tal-akkwakultura sakemm l-attivitajiet komplimentari barra l-akkwakultura jkunu relatati man-negozju akkwakulturali prinċipali tal-impriża, bħat-turiżmu tas-sajd bil-qasba, servizzi ambjentali tal-akkwakultura jew attivitajiet edukattivi dwar l-akkwakultura.

*Artikolu 48*

**Servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għal farms tal-akkwakultura**

1. Sabiex jittejbu l-prestazzjoni u l-kompetittività globali tal-farms tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) it-twaqqif ta' servizzi ta' ġestjoni, għajnuna u konsulenza għall-farms tal-akkwakultura;

(b) il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza ta' natura teknika, xjentifika, legali jew ekonomika għall-farms.

2. Is-servizzi ta' konsulenza taħt il-paragrafu 1(b) għandhom ikopru:

(a) il-ħtiġijiet tal-ġestjoni għall-akkwakultura sabiex ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-ħarsien ambjentali, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-Ippjanar Spazjali Marittimu;

(b) il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali;

(c) il-ħtiġijiet tal-ġestjoni għall-akkwakultura sabiex ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali akkwatiċi jew dwar is-saħħa pubblika;

(d) l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni;

(e) l-istrateġiji tal-kummerċjalizzazzjoni u n-negozju.

3. L-appoġġ taħti l-paragrafu (1)(a) għandu jingħata biss lil korpi tal-liġi pubblika magħżula sabiex jistabbilixxu s-servizzi ta' konsulenza għall-farms. L-appoġġ taħt il-paragrafu (1)(b) għandu jingħata biss lil SMEs tal-akkwakultura jew lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

4. Il-farms tal-akkwakultura ma għandhomx jirċievu appoġġ għas-servizzi ta' konsulenza aktar minn darba għal kull kategorija ta' servizzi koperti taħt il-paragrafu 2 (a) sa (e) matul il-perjodu tal-ipprogrammar.

*Artikolu 49*

**Il-promozzjoni tal-kapital uman u tan-netwerking**

1. Sabiex jippromwovi l-kapital uman u n-netwerking fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) it-tagħlim tul il-ħajja, it-tixrid ta' għarfien xjentifiku u prattiċi innovattivi u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda fl-akkwakultura;

(b) in-netwerking u l-iskambju ta' esperjenza u l-aqwa prattika fost l-impriżi tal-akkwakultura jew l-organizzazzjonijiet professjonali u partijiet interessati oħrajn, inklużi korpi xjentifiċi jew dawk li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa.

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(a) ma għandux jingħata lil impriżi kbar tal-akkwakultura.

*Artikolu 50*

**Iż-żieda tal-potenzjal tas-siti tal-akkwakultura**

1. Sabiex jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-siti u l-infrastrutturi tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) l-identifikazzjoni u l-immappjar tal-aktar żoni adattati għall-iżvilupp tal-akkwakultura, u fejn applikabbli, il-kunsiderazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar spazjali marittimu;

(b) it-titjib tal-infrastrutturi taż-żoni tal-akkwakultura, inkluż permezz tal-konsolidazzjoni tal-art, il-provvista tal-enerġija jew il-ġestjoni tal-ilma;

(c) l-azzjoni meħuda u implimentata mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE jew l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KE bil-għan li jipprevjenu ħsara serja fl-akkwakultura.

2. Il-benefiċjarji tal-appoġġ taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu korpi tal-liġi pubblika biss.

*Artikolu 51*

**L-inkoraġġiment ta' bdiewa ġodda fis-settur tal-akkwakultura**

1. Sabiex irawwem l-imprenditorija fl-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja t-twaqqif ta' impriżi tal-akkwakultura minn bdiewa ġodda li għadhom jibdew.

2. L-Appoġġ 1 għandu jingħata lill-bdiewa tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur sakemm dawn:

(a) ikollhom kompetenzi u ħiliet professjonali adegwati;

(b) ikunu qegħdin iwaqqfu għall-ewwel darba impriża mikro jew żgħira fis-settur tal-akkwakultura bħala kapijiet ta' dik l-impriża;

(c) jissottomettu pjan tan-negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom fl-akkwakultura.

3. Sabiex jiksbu ħiliet professjonali adegwati, il-bdiewa tal-akkwakultura li jidħlu fis-settur jistgħu jibbenifikaw mill-appoġġ taħt l-Artikolu 49(1)(a).

*Artikolu 52*

**Il-promozzjoni ta' akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni ambjentali**

Sabiex inaqqas b'mod sostanzjali l-impatt tal-akkwakultura fuq l-ambjent, il-FEMS jista' jappoġġja investimenti:

(a) li jippermettu tnaqqis sostanzjali tal-impatt tal-impriżi tal-akkwakultura fuq l-ilma, b'mod partikolari permezz ta' tnaqqis tal-ammont ta' ilma użat jew titjib tal-kwalità tal-ilma prodott, inkluż permezz tal-iskjerament ta' sistemi tal-akkwakultura multitrofiċi;

(b) li jillimitaw l-impatt negattiv tal-impriżi tal-akkwakultura fuq in-natura jew il-bijodiversità;

(c) ix-xiri tat-tagħmir li jipproteġi l-farms tal-akkwakultura minn predaturi selvaġġi li jibbenifikaw minn protezzjoni skont id-Direttiva 2009/147/KEE tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KE;

(d) li jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li jippromwovu l-konverżjoni tal-impriżi tal-akkwakultura għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

(e) ir-restorazzjoni tal-għadajjar jew il-laguni tal-akkwakultura eżistenti permezz tat-tneħħija tal-ħama, jew miżuri possibbli mmirati lejn il-prevenzjoni tad-depożizzjoni tal-ħama.

*Artikolu 53*

**Konverżjoni għal skemi tal-immaniġġjar tal-ambjent u verifika u l-akkwakultura organika**

1. Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' akkwakultura organika u effiċjenti fl-enerġija, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) il-konverżjoni tal-metodi konvenzjonali ta' produzzjoni tal-akkwakultura f'akkwakultura organika skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91[30] u skont

---

[30] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1

ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 710/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffissar ta' regoli ddettaljati dwar il-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka tal-baħar[31];

(b) parteċipazzjoni fl-iskemi tal-Unjoni tal-immaniġġjar tal-ambjent u verifika tal-Unjoni stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS)[32].

2. L-appoġġ għandu jingħata biss lil benefiċjarji li jimpenjaw ruħhom għal minimu ta' 3 snin li jipparteċipaw fl-EMAS (Skema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi) jew għal minimu ta' 5 snin li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-produzzjoni organika.

3. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' kumpens għal massimu ta' sentejn matul il-perjodu tal-konverżjoni tal-impriża għall-produzzjoni organika jew matul it-tħejjija għall-parteċipazzjoni fl-iskema EMAS.

4. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw il-kumpens fuq il-bażi ta':

(a) telf tad-dħul jew spejjeż addizzjonali mġarrba matul il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-produzzjoni konvenzjonali fi produzzjoni organika għall-operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu;

(b) spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-applikazzjoni u t-tħejjija għall-parteċipazzjoni fl-EMAS fil-każ ta' operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 1(b).

*Artikolu 54*

**Akkwakultura li tipprovdi servizzi ambjentali**

1. Sabiex jitrawwem l-iżvilupp ta' akkwakultura li tipprovdi sevizzi ambjentali, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) metodi ta' akkwakultura kompatibbli ma' ħtiġijiet ambjentali speċifiċi u soġġetti għal rekwiżiti ta' ġestjoni speċifiċi li jirriżultaw min-nomina ta' żoni ta' NATURA 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(b) il-parteċipazzjoni fil-konservazzjoni ex-situ u r-riproduzzjoni tal-annimali akkwatiċi, fi ħdan il-qafas tal-programmi ta' konservazzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità żviluppati mill-awtoritajiet pubbliċi, jew taħt is-superviżjoni tagħhom;

---

[31] ĠU L 204, 6.8.2009, p. 15
[32] ĠU L 114, 24.4.2001, p. 1

(c) forom ta' akkwakultura estensiva, inkluż il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent, il-bijodiversità u l-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-karatteristiċi tradizzjonali taż-żoni tal-akkwakultura.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1 (a) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba jew id-dħul mitluf li jirriżultaw minn rekwiżiti tal-ġestjoni fiż-żoni kkonċernati, b'rabta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE tal-Kunsill jew id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) għandu jingħata biss meta l-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom għal minimu ta' ħames snin li jissodisfaw ir-rekwiżiti akwaambjentali li jmorru lil hinn mis-sempliċi applikazzjoni tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni. Il-benefiċċji ambjentali tal-operazzjoni għandhom jintwerew permezz ta' valutazzjoni minn qabel imwettqa minn korpi kompetenti maħtura mill-Istat Membru, sakemm il-benefiċċji ambjentali ta' operazzjoni partikolari ma jkunux diġà rikonoxxuti.

4. L-appoġġ speċifikat taħt il-paragrafu 1(c) għandu jieħu l-forma ta' kumpens annwali għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba.

5. Ir-riżultati tal-operazzjonijiet li jirċievu l-appoġġ skont dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal pubbliċità adegwata mill-Istat Membru skont l-Artikolu 143.

### *Artikolu 55*
### **Miżuri tas-saħħa pubblika**

1. Il-FEMS għandu jappoġġja l-kumpens lill-bdiewa tal-molluski għas-sospensjoni temporanja tar-rakkolta ta' molluski mrobbija esklussivament għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

2. L-appoġġ jista' jingħata biss fejn is-sospensjoni tal-ħsad minħabba kontaminazzjoni tal-molluski hija konsegwenza tal-proliferazzjoni ta' plankton li jipproduċi t-tossina jew ital-preżenza ta' plankton li fih il-bijotossini, u meta:

(a) din iddum għal aktar minn erba' xhur konsekuttivament; jew

(b) it-telf li jirriżulta mis-sospensjoni tal-ħsad jammonta għal aktar minn 35 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat medju tan-negozju matul it-tliet snin ta' qabel.

3. It-tul ta' żmien li għalih jista' jingħata l-kumpens għandu jkun ta' massimu ta' 12-il xahar matul il-perjodu kollu tal-ipprogrammar.

### *Artikolu 56*
### **Miżuri tas-saħħa u l-benessri tal-annimali**

1. Sabiex jitrawmu l-prinċipji tas-saħħa u l-benessri tal-annimali fl-impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari f'termini ta' prevenzjoni u bijosigurtà, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard fl-akkwakultura skont it-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju;

(b) l-iżvilupp tal-aqwa prattiċi ġenerali u għal prattiċi apposta għal speċi partikolari jew kodiċi ta' mġiba fuq il-bijosigurtà jew fuq il-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali fl-akkwakultura;

(c) iż-żieda fid-disponibbiltà tal-mediċini veterinarji għall-użu fl-akkwakultura u l-promozzjoni tal-użu xieraq ta' dawn il-mediċini permezz tal-ikkummissjonar ta' studji farmaċewtiċi u t-tixrid u l-iskambju tal-informazzjoni.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(c) ma għandux ikopri x-xiri ta' mediċini veterinarji.

3. Ir-riżultati tal-istudji ffinanzjati taħt il-paragrafu 1(c) għandhom ikunu soġġetti għal rappurtar u pubbliċità adegwati mill-Istat Membru skont l-Artikolu 143.

4. L-appoġġ jista' jingħata lill-korpi tal-liġi pubblika wkoll.

*Artikolu 57*

**Assigurazzjoni fuq l-istokkijiet tal-akkwakultura**

1. Sabiex jiġi salvagwardjat id-dħul tal-produtturi tal-akkwakultura, il-FEMS jista' jappoġġja l-kontribuzzjoni għal assigurazzjoni fuq l-istokkijiet tal-akkwakultura li għandha tkopri t-telf minħabba:

(a) diżastri naturali;

(b) avvenimenti klimatiċi ħżiena ħafna;

(c) bidliet f'daqqa fil-kwalità tal-ilma;

(d) mard fl-akkwakultura jew il-qerda tal-faċilitajiet tal-produzzjoni.

2. L-okkorrenza ta' avveniment klimatiku ħażin ħafna jew l-infestazzjoni ta' marda fl-akkwakultura għandha tiġi rikonoxxuta tali mill-Istat Membru kkonċernat.

Fejn dan ikun xieraq, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji minn qabel li fuq il-bażi tagħhom għandu jitqies li ngħata dan ir-rikonoxximent.

3. L-appoġġ għandu jingħata biss għal kuntratti ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura li tkopri t-telf ekonomiku taħt il-paragrafu 1 li jaqbeż it-30% tal-produzzjoni medja annwali tal-bidwi tal-akkwakultura.

# KAPITOLU III
# L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd

## TAQSIMA 1
## KAMP TA' APPLIKAZZJONI U GĦANIJIET

*Artikolu 58*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd wara approċċ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità kif stabbilit fl-Artikolu 28 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

*Artikolu 59*

**Għanijiet Speċifiċi**

L-appoġġ finanzjarju taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-prijoritajiet tal-Unjoni identifikat fl-Artikolu 6(1).

## TAQSIMA 2
## ŻONI TAS-SAJD, SĦUBIJI LOKALI U STRATEĠIJI GĦALL-IŻVILUPP LOKALI

*Artikolu 60*

**Żoni tas-sajd**

1. Żona tas-sajd eliġibbli għall-appoġġ għandha tkun:

   (a) limitata fid-daqs u, bħala regola ġenerali, għandha tkun iżgħar mil-livell 3 tan-NUTS tal-klassifikazzjoni komuni tal-unitajiet territorjali għall-istatistika skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS)[33]; u

   (b) funzjonalment konsistenti f'termini ġeografiċi, ekonomiċi u soċjali, billi tieħu kont speċifiku tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u toffri massa kritika suffiċjenti f'termini tar-riżorsi umani, finanzjarji u ekonomiċi sabiex tappoġġja strateġija ta' żvilupp lokali vijabbli.

2. Fil-programm operazzjonali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċedura għall-għażla taż-żoni, inklużi l-kriterji applikati.

---

33 ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1

*Artikolu 61*
**Strateġiji għall-iżvilupp lokali integrati**

1. Għall-finijiet tal-FEMS, l-istrateġija integrata tal-iżvilupp lokali msemmija fl-Artikolu 28(1)(c) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandha tkun ibbażata fuq l-interazzjoni bejn l-atturi u l-proġetti ta' setturi differenti tal-ekonomija lokali, b'mod partikolari s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

2. Sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet msemmija fl-Artikolu 59, l-istrateġiji ta' żvilupp lokali għandhoml :

(a) jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd kostali u fil-baħar intern;

(b) jiżguraw li l-komunitajiet lokali jużaw u jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mill-iżvilupp marittimu u kostali.

3. L-istrateġija għandha tkun konsistenti mal-opportunitajiet u l-ħtiġijiet identifikati fiż-żona u l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS. L-istrateġiji jistgħu jvarjaw minn dawk li jiffokaw fuq is-sajd għal strateġiji usa' diretti lejn id-diversifikazzjoni taż-żoni tas-sajd. L-istrateġija għandha tmur lil hinn minn sempliċi ġabra ta' operazzjonijiet jew it-tqegħid flimkien ta' miżuri settorjali.

4. Sabiex tkun eliġibbli għall-finanzjament tal-FEMS, l-istrateġija ta' żvilupp lokali integrata msemmija fl-Artikolu 29 tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandu jkollha wkoll, bħala minimu, l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tas-sħubija tal-FLAG;

(b) ġustifikazzjoni tal-baġit tal-FEMS propost u allokazzjoni tar-riżorsi bejn il-prijoritajiet lokali identifikati.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar il-kontenut tal-pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 29(1)(e) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

6. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fil-programm operazzjonali kriterji għall-għażla tal-istrateġiji għall-iżvilupp lokali, li jirriflettu l-valur miżjud tal-approċċ immexxi mill-komunità.

*Artikolu 62*
**Gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd**

1. Għall-finijiet tal-FEMS, il-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 28 (1)(b) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandhom jinħatru bħala Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (li minn hawn 'il quddiem jissejħu "FLAGs")

2. Il-FLAGs għandhom jipproponu strateġija ta' żvilupp lokali integrata bbażata mill-inqas fuq l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 61 u jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.

3. Il-FLAGs għandhom:

(a) jirriflettu b'mod wiesa' l-enfasi prinċipali tal-istrateġija tagħhom u l-kompożizzjoni soċjoekonomika taż-żona permezz ta' rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet interessati ewlenin, inklużi s-settur privat, is-settur pubbliku u s-soċjetà ċivili;

(b) jiżguraw rappreżentanza sinifikanti tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

4. Jekk l-istrateġija tal-iżvilupp lokali hija appoġġjata minn Fondi oħra minbarra l-FEMS, għandu jiġi stabbilit korp speċifiku għall-għażla tal-proġetti appoġġjati mill-FEMS skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu (3).

5. Il-kompiti minimi tal-FLAGs huma stabbiliti fl-Artikolu 30(3) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]:

6. Il-FLAGs jistgħu wkoll iwettqu kompiti addizzjonali ddelegati lilhom mill-awtorità amministrattiva u/jew mill-aġenzija tal-pagamenti.

7. Ir-rwoli rispettivi tal-FLAG, tal-awtorità amministrattiva jew tal-aġenzija tal-pagamenti għall-kompiti ta' implimentazzjoni relatati mal-istrateġija għandhom jiġu deskritti b'mod ċar fil-programm operazzjonali.

## TAQSIMA 3
## OPERAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

*Artikolu 63*

**Appoġġ mill-FEMS għal żvilupp lokali integrat**

1. L-operazzjonijiet eliġibbli taħt din it-Taqsima huma stabbiliti fl-Artikolu 31 tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

2. Il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jitolbu l-ħlas ta' self bil-quddiem mill-aġenzija tal-pagamenti kompetenti jekk tali possibbiltà tkun stabbilita fil-programm operazzjonali. L-ammont ta' ħlasijiet bil-quddiem ma għandux jaqbeż il-50 % tal-appoġġ pubbliku relatat mal-ispejjeż operazzjonali.

*Artikolu 64*

**Appoġġ preparatorju**

1. L-appoġġ preparatorju għandu jkopri l-bini tal-kapaċità, it-taħriġ u n-netwerking bil-għan li titħejja u tiġi implimentata strateġija ta' żvilupp lokali.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar id-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli tal-attivitajiet imsemmija taħt il-paragrafu 1.

*Artikolu 65*
**L-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp lokali**

1. L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali tista' tingħata għall-għanijiet li ġejjin:

(a) iż-żieda tal-valur, il-ħolqien tal-impjiegi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista tas-sajd u tal-akkwakultura;

(b) l-appoġġ għad-diversifikazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi f'żoni tas-sajd, b'mod partikolari f'setturi marittimi oħrajn;

(c) it-tisħiħ u l-kapitalizzazzjoni fuq l-assi ambjentali taż-żoni tas-sajd, inklużi operazzjonijiet sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima;

(d) il-promozzjoni tal-benessri soċjali u l-wirt kulturali fl-oqsma fiż-żoni tas-sajd inkluż il-wirt kulturali marittimu;

(e) it-tisħiħ tar-rwol tal-komunitajiet tas-sajd fl-iżvilupp lokali u t-tmexxija tar-riżorsi tas-sajd lokali u tal-attivitajiet marittimi.

2. L-appoġġ mogħti jista' jinkludi miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu sakemm ikun hemm raġuni ċara għall-ġestjoni tagħhom fil-livell lokali. Meta tingħata l-għajnuna għall-operazzjonijiet li jikkorrespondu għal dawn il-miżuri, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet rilevanti u l-iskali ta' kontribuzzjoni għal kull operazzjoni stabbiliti fil-Kapitoli I u II ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 66*
**Attivitajiet ta' kooperazzjoni**

1. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 31(c) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] tista' tingħata għal:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali jew transnazzjonali;

(b) appoġġ tekniku preparatorju għal proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali u transnazzjonali, bil-kundizzjoni li l-gruppi ta' azzjoni lokali jkunu jistgħu juru li qegħdin iħejju l-implimentazzjoni ta' proġett.

"Kooperazzjoni interterritorjali" tfisser kooperazzjoni fi Stat Membru. "Kooperazzjoni transnazzjonali" tfisser kooperazzjoni bejn territorji f'bosta Stati Membri u ma' territorji f'pajjiżi terzi;

2. Minbarra FLAGs oħrajn, l-imsieħba ta' FLAG taħt il-FEMS jistgħu jkunu sħubija bejn il-pubbliku u l-privat lokali li qiegħda timplimenta strateġija ta' żvilupp lokali fl-Unjoni jew barra minnha.

3. F'każijiet fejn il-proġetti ta' kooperazzjoni ma jintgħażlux mill-FLAGs, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' applikazzjoni kontinwa għall-proġetti ta' kooperazzjoni. Huma għandhom jippubblikaw il-proċeduri amministrattivi nazzjonali jew reġjonali dwar l-għażla ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali u lista tal-ispejjeż eliġibbli sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-approvazzjoni tal-programm operazzjonali tagħhom.

4. L-approvazzjoni tal-proġetti ta' kooperazzjoni għandha ssir mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tas-sottomissjoni tal-proġett.

5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali approvati lill-Kummissjoni.

*Artikolu 67*
**Spejjeż operazzjonali u animazzjoni**

1. L-ispejjeż operazzjonali msemmija fl-Artikolu 31(d) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandhom jintrabtu mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali permezz tal-FLAG.

2. L-ispejjeż għall-animazzjoni taż-żona tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 31d) tar-[Regolament (UE) Nru […] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandhom ikopru operazzjonijiet li jinformaw dwar l-istrateġija ta' żvilupp lokali, kif ukoll il-kompiti fir-rigward tal-iżvilupp tal-proġett.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar id-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli tal-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

# KAPITOLU IV
# Miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar

*Artikolu 68*
**Għanijiet Speċifiċi**

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi tal-Kapitolu I u tal-Kapitolu II ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 69*
**Pjanijiet tal-Produzzjoni u l-Kummerċjalizzazzjoni**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

2. L-infiq relatat mal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandu jkun eliġibbli għal kontribuzzjoni taħt il-FEMS biss wara l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 32(4) tar-

[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

3. L-appoġġ mogħti fis-sena taħt dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż it-3 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ ta' kull organizzazzjoni ta' produtturi fil-perjodu 2009-2011. Għal kwalunkwe organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta ġdida, l-appoġġ mogħti fis-sena ma għandux jaqbeż it-3 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tagħhom tul il-perjodu 2009-2011.

4. L-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti ħlas bil-quddiem ta' 50 % tal-għajnuna finanzjarja wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

5. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata lil organizzazzjonijiet ta' produtturi u lil assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi.

*Artikolu 70*

**Għajnuna għall-ħżin**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-kumpens lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi u l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II għar-Regolament Nru. [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura], bil-kundizzjoni li il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament Nru ... [dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura]:

(a) l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin ma għandux jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż tekniċi u finanzjarji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni u l-ħżin tal-prodotti inkwistjoni;

(b) il-kwantitajiet eliġibbli għall-għajnuna għall-ħżin ma għandhomx jaqbżu l-15 % tal-kwantitajiet annwali tal-prodotti kkonċernati mqiegħda għall-bejgħ mill-organizzazzjoni ta' produtturi;

(c) l-għajnuna finanzjarja fis-sena ma għandhiex taqbeż il-perċentwali li ġejjin tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel bejgħ tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi fil-perjodu 2009-2011. Fil-każ li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma kellhom l-ebda produzzjoni kummerċjalizzata fl-2009-2011, għandu jkun ikkunsidrat il-valur annwali medju tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni tat-tali membru:

– 1 % fl-2014

– 0.8 % fl-2015

– 0.6 % fl-2016

– 0.4 % fl-2017

– 0.2 % fl-2018

2. Sal-2019, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi eliminat b'mod gradwali.

3. L-appoġġ għandu jingħata biss ladarba l-prodotti jiġu rilaxxati għall-konsum mill-bniedem.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ammont tal-ispejjeż tekniċi u finanzjarji applikabbli fit-territorji tagħhom kif ġej:

(a) l-ispejjeż tekniċi għandhom jiġu kkalkolati kull sena fuq il-bażi ta' spejjeż diretti relatati mal-azzjonijiet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni u l-ħżin;

(b) l-ispejjeż finanzjarji għandhom jiġu kkalkolati kull sena bl-użu tar-rata tal-imgħax stabbilita kull sena f'kull Stat Membru;

(c) l-ispejjeż tekniċi u finanzjarji għandhom jitpoġġew għad-disponibbiltà tal-pubbliku.

5. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli biex jiżguraw li l-prodotti li jibbenifikaw minn għajnuna għall-ħżin jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. Għall-finijiet ta' dawn l-arranġamenti ta' spezzjoni, il-benefiċjarji tal-għajnuna għall-ħżin għandhom iżommu rekords tal-ħażniet għal kull kategorija ta' prodotti mdaħħla fil-ħażna u aktar tard introdotti mill-ġdid fis-suq għall-konsum mill-bniedem.

*Artikolu 71*
**Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li għandhom l-għan li:

(a) jtejbu l-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta':

(i) speċi żejda jew li għadhom mhumiex sfruttati biżżejjed;

(ii) qabdiet mhux mixtieqa żbarkati f'konformità mal-Artikolu 15 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u l-Artikolu 8 (b) it-tieni inċiż tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura];

(iii) prodotti miksuba bl-użu ta' metodi b'impatt baxx fuq l-ambjent jew prodotti tal-akkwakultura organika definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika.

(b) jippromwovu l-kwalità billi jiffaċilitaw:

(i) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' prodott partikolari taħt it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006

dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel[34];

(ii) iċ-ċertifikazzjoni u l-promozzjoni inklużi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u ta' metodi ta' pproċessar li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(iii) kummerċjalizzazzjoni diretta ta' prodotti tas-sajd minn sajjieda kostali fuq skala żgħira.

(c) jikkontribwixxu għat-trasparenza tal-produzzjoni u s-swieq u jwettqu stħarriġ tas-suq;

(d) ifasslu kuntratti standard li jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni;

(e) il-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet bejn il-fergħat rikonoxxuti skont il-Kapitolu II, Taqsima III tar-Regolament [dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura];

(f) jagħmlu kampanji promozzjonali reġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. L-operazzjonijiet taħt il-paragrafu (1)(b) jistgħu jinkludu l-integrazzjoni ta' attivitajiet ta' produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni tal-katina tal-provvista.

*Artikolu 72*

**L-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-investimenti fl-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:

(a) li jikkontribwixxu għall-iffrankar tal-enerġija jew għat-tnaqqis tal-impatt fuq l-ambjent, inkluż it-trattament tal-iskart;

(b) għall-ipproċessar ta' speċi ta' interess limitat jew ta' ebda interess kummerċjali;

(c) għall-ipproċessar ta' prodotti sekondarji li jirriżultaw minn attivitajiet ta' proċessar ewlenin;

(d) għall-ipproċessar ta' prodotti tal-akkwakultura organika kif irregolat fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata esklussivament permezz tal-istrumenti finanzjarji speċifikati fit-Titolu IV tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

[34] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12; ĠU L 335M , 13.12.2008, p. 213 (MT).

# KAPITOLU V
# Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

*Artikolu 73*
**Reġim ta' kumpens**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja r-reġim ta' kumpens introdott mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fil-biedja u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Azores, mill-Madeira, mill-Gżejjer Kanarji, mill-Gujana Franċiża u mir-Réunion.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' dawk il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.

3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli għal kollox mar-regoli tal-PKS.

4. Il-kumpens ma għandux jingħata għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:

   (a) li jinqabdu minn bastimenti ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela u li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni;

   (b) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1;

   (c) li jiġu importati minn pajjiżi terzi.

5. Il-paragrafu 4(b) ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika jekk il-kapaċità eżistenti tal-industrija tal-ipproċessar fir-reġjun l-aktar imbiegħed ikkonċernat taqbeż il-kwantità ta' materja prima fornita skont ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 74*
**Kalkolu tal-kumpens**

Il-kumpens għandu jitħallas lill-operaturi li jwettqu attivitajiet fir-reġjuni kkonċernati u għandu jikkunsidra:

(a) għal kull prodott tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati, u

(b) kwalunkwe tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell ta' spejjeż addizzjonali.

*Artikolu 75*
**Pjan ta' kumpens**

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' kumpens għal kull reġjun ikkonċernat, inklużi l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 73, il-livell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 74 u l-awtorità kompetenti stabbilita fl-Artikolu 108.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 sabiex tiddefinixxi l-kontenut tal-pjan ta' kumpens, inklużi l-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.

# KAPITOLU VI
# Miżuri ta' akkumpanjament għall-Politika Komuni tas-Sajd taħt ġestjoni konġunta

*Artikolu 76*
**Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għal operazzjonijiet li twettqu barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 77*
**Għanijiet Speċifiċi**

Il-miżuri taħt dan il-Kapitolu għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Artikoli 37 u 46 tar-Regolament [dwar il-PKS].

*Artikolu 78*
**Kontroll u Infurzar**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni kif speċifikat fl-Artikolu 46 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([35]).

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

   (a) ix-xiri jew l-iżvilupp tat-teknoloġija, inklużi ħardwer u softwer, sistemi ta' identifikazzjoni tal-bastimenti (VDS), sistemi tas-CCTV u netwerks tal-IT li jippermettu l-ġbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi u l-iskambju ta' dejta relatata mas-sajd, u l-iżvilupp ta' metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-

---
35 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1

istess dejta kif ukoll interkonnessjoni ma' sistemi transsettorjali ta' skambju tad-dejta;

(b) ix-xiri u l-installazzjoni tal-komponenti meħtieġa biex jiżguraw it-trasmissjoni tad-dejta mill-atturi involuti fis-sajd u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd lill-Istat Membru rilevanti u lill-awtoritajiet tal-UE, inklużi l-komponenti meħtieġa għas-sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar (ERS - electronic recording and reporting systems), is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS - Vessel Monitoring Systems) u s-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS - Automatic Identification Systems) li jintużaw għal skopijiet ta' kontroll;

(c) ix-xiri u l-istallazzjoni tal-komponenti meħtieġa sabiex tkun żgurata traċabbiltà tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, kif definita fl-Artikolu 58 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

(d) l-implimentazzjoni ta' programmi mmirati lejn l-iskambju u l-analiżi tad-dejta bejn l-Istati Membri;

(e) l-immodernizzar u x-xiri ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u ħelikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw mill-inqas 60 % tad-drabi għall-kontroll tas-sajd;

(f) ix-xiri ta' mezzi ta' kontroll oħrajn, inklużi mezzi li jippermettu l-kejl tal-qawwa tal-magni u apparat tal-użin;

(g) l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota relatati mal-kontroll tas-sajd, inkluż l-analiżi tad-DNA tal-ħut jew l-iżvilupp ta' websajts relatati mal-kontroll;

(h) programmi ta' skambji u taħriġ, inkluż bejn l-Istati Membri, ta' persunal responsabbli għall-monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd;

(i) analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, kif ukoll valutazzjoni tal-verifiki mwettqa u l-infiq imġarrab mill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza;

(j) inizjattivi, inklużi seminars u għodod tal-midja, maħsuba biex itejbu l-għarfien kemm fost is-sajjieda u parteċipanti oħrajn bħal spetturi, prosekuturi pubbliċi u mħallfin, kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar il-ħtieġa tal-ġlieda tas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-PKS.

3. Il-miżuri elenkati fil-punti (h), (i) u (j) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eliġibbli biss għall-appoġġ jekk ikunu relatati mal-attivitajiet ta' kontroll imwettqa minn awtorità pubblika.

4. Fil-każ tal-miżuri elenkati fil-punti (d) u (h) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, wieħed biss mill-Istati Membri involuti għandu jinħatar bħala aġenzija tal-pagamenti.

*Artikolu 79*

**Ġbir tad-Dejta**

1. Il-FEMS għandu jappoġġja l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika primarja bħal fil-programm multiannwali tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 37(5) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ġestjoni u l-użu tad-dejta għal skopijiet ta' analiżi xjentifika u l-implimentazzjoni tal-PKS;

(b) programmi multiannwali nazzjonali ta' teħid ta' kampjuni;

(c) monitoraġġ fuq il-baħar tas-sajd kummerċjali u rikreattiv;

(d) stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar;

(e) il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri f'laqgħat ta' koordinazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 37(4) tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd], f'laqgħat ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd li tagħhom l-UE hija sieħba kuntrattwali jew osservatur jew f'laqgħat ta' korpi internazzjonali responsabbli biex jipprovdu pariri xjentifiċi.

# TITOLU VI
# MIŻURI FFINANZJATI TAĦT ĠESTJONI DIRETTA

## KAPITOLU I
## Il-Politika Marittima Integrata

*Artikolu 80*

**Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għal operazzjonijiet li twettqu barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 81*

**Kamp ta' applikazzjoni u għanijiet**

L-appoġġ taħt dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni. Għandu:

(a) irawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tmexxija integrata tal-affarijiet marittimi u kostali fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-baċini tal-baħar, tal-UE u internazzjonali, b'mod partikolari billi:

(i) jippromwovi azzjonijiet li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri u lir-reġjuni tal-UE biex jiżviluppaw, jintroduċu jew jimplimentaw tmexxija marittima integrata;

(ii) jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost l-Istati Membri u l-partijiet interessati fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-baħar u marittimi, anki billi jiżviluppa strateġiji għall-baċini tal-baħar;

(iii) jippromwovi l-pjattaformi u n-netwerks ta' kooperazzjoni transsettorjali, inklużi rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi, reġjonali u lokali, mill-industrija, mis-settur tat-turiżmu, ta' partijiet interessati tar-riċerka, ċittadini, minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali;

(iv) jippromwovi l-iskambju tal-aqwa prattiċi u d-djalogu fil-livell internazzjonali, inkluż id-djalogu bilaterali mal-pajjiżi terzi mingħajr preġudizzju għal arranġamenti oħra jew arranġamenti li jista' jkun hemm bejn l-UE u l-pajjiżi terzi kkonċernati;

(v) iżid il-viżibbiltà ta' awtoritajiet pubbliċi, is-settur privat u l-pubbliku ġenerali u jrawwem kuxjenza fosthom rigward approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi.

(b) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' inizjattivi transsettorjali li huma ta' benefiċċju reċiproku għas-setturi marittimi u/jew il-politiki settorjali differenti, billi jkunu kkunsidrati u jkompli jibni fuq għodod u inizjattivi eżistenti, bħal:

(i) sorveljanza marittima integrata sabiex ittejjeb l-effettività u l-effiċjenzja permezz tal-iskambju ta' informazzjoni fis-setturi u l-fruntieri filwaqt li jkunu ikkunsidrati kif xieraq is-sistemi eżistenti u dawk futuri;

(ii) pjanar spazjali marittimu u ġestjoni integrata taż-żoni kostali;

(iii) żvilupp progressiv ta' bażi ta' għarfien komprensiva u aċċessibbli ta' kwalità għolja għall-pubbliku dwar il-baħar li għandha tiffaċilita l-kondiviżjoni, l-użu mill-ġdid u t-tixrid ta' din id-dejta u l-għarfien fost varji gruppi ta' utenti.

(c) Jappoġġja t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda fi ħdan setturi marittimi emerġenti u prospettivi f'reġjuni kostali b'kumplimentarjetà mal-attivitajiet settorjali u nazzjonali stabbiliti.

(d) jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent marittimu, b'mod partikolari l-bijodiversità tiegħu u ż-żoni protetti tal-baħar bħaż-żoni Natura 2000, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali u sabiex jiddefinixxi ulterjorment il-konfini tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu, b'mod partikolari fil-qafas tad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

*Artikolu 82*

**Operazzjonijiet eliġibbli**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja operazzjonijiet skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 81, bħal:

(a) studji;

(b) proġetti, inkluż proġetti ta' prova u proġetti ta' kooperazzjoni;

(c) informazzjoni pubblika u l-qsim tal-aħjar prattika, kampanji li jqajmu kuxjenza u attivitajiet relatati ta' komunikazzjoni u tixrid bħall-kampanji pubbliċitarji, avvenimenti, l-iżvilupp u ż-żamma tal-websajts, pjattaformi għall-partijiet interessati, inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament,

(d) konferenzi, seminars u workshops;

(e) skambju tal-aħjar prattiki, attivitajiet ta' koordinazzjoni, inklużi netwerks ta' skambju ta' informazzjoni u mekkaniżmi ta' tmexxija għall-istrateġiji għall-baċini tal-baħar;

(f) l-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT u netwerks li jippermettu l-ġbir, l-amministrazzjoni, il-validazzjoni, l-analiżi u l-iskambju ta' metodi ta' kampjunar u l-iskambju tagħhom għal dejta relatata mas-sajd kif ukoll bħala interkonnessjoni għal sistemi ta' skambju tad-dejta transsettorjali;

2. Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li jiġu żviluppati l-operazzjonijiet transsettorjali stabbiliti fl-Artikolu 81 b), il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod tekniċi għas-sorveljanza marittima integrata, b'mod partikolari għall-appoġġ tal-użu, it-tħaddim u ż-żamma ta' sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam marittimu (Common Information Sharing Environment - CISE), b'mod partikolari billi jkunu magħquda flimkien is-sistemi eżistenti u dawk futuri;

(b) l-attivitajiet ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiżviluppaw l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, inkluż l-infiq relatat mas-sistemi u l-prattiki tal-iskambju tad-dejta u attivitajiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, it-tfassil u t-tħaddim ta' netwerks ta' esperti, u t-tfassil ta' programm bil-għan ta' bini tal-kapaċità għall-Istati Membri sabiex jimplimentaw pjanar spazjali marittimu;

(c) l-għodod tekniċi għat-twaqqif u t-tmexxija ta' Netwerk Ewropew operazzjonali ta' Informazzjoni u Osservazzjoni dwar il-Baħar maħsub biex jiffaċilita l-ġbir, l-assemblaġġ, il-kontroll tal-kwalità, l-użu mill-ġdid u d-distribuzzjoni ta' dejta dwar il-baħar permezz ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri involuti fin-netwerk.

# KAPITOLU II
# Miżuri ta' akkumpanjament għall-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata taħt ġestjoni diretta

*Artikolu 83*
**Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għal operazzjonijiet li twettqu barra t-territorju tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 84*
**Għanijiet Speċifiċi**

Il-miżuri taħt dan il-Kapitolu għandhom jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-PKS u tal-PMI, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) parir xjentifiku fil-kuntest tal-PKS;

(b) miżuri speċifiċi ta' kontroll u ta' infurzar fil-kuntest tal-PKS;

(c) kontribuzzjonijiet volontarji għall-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) Kunsilli Konsultattivi;

(e) intelliġenza tas-suq;

(f) Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Marittima Integrata.

*Artikolu 85*
**Pariri Xjentifiċi u għarfien**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-provvista ta' riżultati xjentifiċi, b'mod partikolari proġetti ta' riċerka applikata marbuta direttament mal-provvista ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi, għall-iskop ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd fil-kuntest tal-PKS.

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

   (a) studji u proġetti pilota meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PKS, inkluż dwar tipi alternattivi ta' tekniki ta' ġestjoni tas-sajd sostenibbli;

   (b) it-tħejjija u l-provvista ta' opinjonijiet u pariri xjentifiċi minn korpi xjentifiċi, inklużi korpi konsultattivi xjentifiċi responsabbli għalll-valutazzjonijiet tal-ħażniet, minn esperti indipendenti u minn istituzzjonijiet tar-riċerka;

   (c) il-parteċipazzjoni ta' esperti fil-laqgħat dwar kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi fil-qasam tas-sajd u gruppi ta' ħidma esperti kif ukoll f'korpi konsultattivi internazzjonali u f'laqgħat fejn tkun meħtieġa l-kontribuzzjoni tal-esperti dwar is-sajd;

   (d) l-infiq imġarrab mill-Kummissjoni għal servizzi relatati mal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta, mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-laqgħat tal-esperti fis-sajd u l-ġestjoni tal-programmi ta' ħidma annwali marbuta mal-għarfien espert xjentifiku u tekniku fil-qasam tas-sajd, mal-ipproċessar tal-biċċiet tad-dejta u d-dejtasets, u mal-ħidma preparatorja mmirata biex twassal opinjonijiet u pariri xjentifiċi;

   (e) l-attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġbir tad-dejta, inkluż il-ħolqien u t-tmexxija ta' databases reġjonalizzati għall-ħżin, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta li minnhom tibbenifika l-kooperazzjoni reġjonali u li jtejbu l-attivitajiet tal-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta, kif ukoll il-kompetenzi xjentifiċi b'appoġġ għall-ġestjoni tas-sajd.

*Artikolu 86*
**Kontroll u infurzar**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 46 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] u kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. B'mod partikolari, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

   (a) ix-xiri konġunt minn bosta Stati Membri li jappartjenu għall-istess żona ġeografika, ta' bastimenti, inġenji tal-ajru u ħelikopters ta' sorveljanza, sakemm dawn jintużaw mill-inqas 60 % tad-drabi għall-kontroll tas-sajd;

(b) in-nefqa marbuta mal-valutazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' kontroll ġodda;

(c) l-infiq operazzjonali kollu relatat ma' spezzjoni, mill-ispetturi tal-Kummissjoni, tal-implimentazzjoni tal-PKS mill-Istati Membri, u b'mod partikolari missjonijiet ta' spezzjoni, tagħmir tas-sigurtà u taħriġ tal-ispetturi, l-organizzazzjoni ta' laqgħat jew il-parteċipazzjoni fihom u l-kiri jew ix-xiri ta' mezzi ta' spezzjoni mill-Kummissjoni, kif speċifikat fit-Titolu X tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009.

3. Fil-każ tal-miżura elenkata fil-punt (a) tal-paragrafu 2, wieħed biss mill-Istati Membri involuti għandu jinħatar bħala benefiċjarju.

*Artikolu 87*
**Kontribuzzjonijiet volontarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali**

Il-FEMS jista' jappoġġja t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali:

(a) finanzjament volontarju provdut lill-organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll finanzjament volontarju provdut lil kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali attiva fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar;

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji għat-tħejjijiet għal organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda jew għat-tħejjija ta' trattati internazzjonali ġodda li huma ta' interess għall-Unjoni Ewropea;

(c) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji għall-ħidma jew programmi xjentifiċi mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma ta' interess speċjali għall-Unjoni Ewropea;

(d) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal kwalunkwe attività (inklużi laqgħat ta' ħidma, informali jew straordinarji tal-partijiet kontraenti) li tiddefendi l-interessi tal-Unjoni Ewropea fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-imsieħba tagħha f'dawn l-organizzazzjonijiet. F'dan ir-rigward, meta l-preżenza tar-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi fin-negozjati u l-laqgħat fi ħdan il-forums u l-organizzazzjonijiet internazzjonali ssir meħtieġa għall-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-FEMS għandu jħallas l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tagħhom.

*Artikolu 88*
**Kunsilli Konsultattivi**

1. Il-FEMS jista' jappoġġja l-ispejjeż operazzjonali tal-Kunsilli Konsultattivi stabbiliti mill-Artikolu 52 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd].

2. Kunsill Konsultattiv li jkollu personalità ġuridika jista' japplika għal appoġġ tal-Unjoni bħala korp li jsegwi għan ta' interess Ewropew ġenerali.

*Artikolu 89*
**Intelliġenza dwar is-suq**

Il-FEMS jista' jappoġġja l-iżvilupp u t-tixrid tal-għarfien dwar is-suq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura].

*Artikolu 90*
**Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Politika Marittima Integrata**

Il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd u mal-Politika Marittima Integrata, inklużi:

(b) l-ispejjeż għall-produzzjoni, it-traduzzjoni u t-tixrid ta' materjal imfassal għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi differenti fil-mira f'format bil-miktub, awdjoviżiv u elettroniku;

(c) l-ispejjeż għat-tħejjija u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u laqgħat biex jinformaw jew jiġbru l-opinjonijiet tal-partijiet differenti kkonċernati mill-Politika Komuni tas-Sajd u mill-Politika Marittima Integrata.

(d) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni mġarrba mill-esperti u mir-rappreżentanti tal-partijiet interessati mistiedna mill-Kummissjoni għal-laqgħat.

(e) l-ispejjeż tal-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea sakemm ikunu marbuta mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

# KAPITOLU III
# Assistenza teknika

*Artikolu 91*
**Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni**

Soġġett għal-limitu massimu ta' 1.1 % ta' dan il-fond, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-FEMS jista' jappoġġja:

(a) il-miżuri ta' assistenza teknika spċifikati fl-Artikolu 51(1) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

(b) l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sajd sostenibbli u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali;

(c) it-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' FLAGs immirat lejn il-bini tal-kapaċità, it-tixrid tal-informazzjoni, l-iskambju ta' esperjenzi u l-aqwa prattiċi u l-appoġġ għall-

kooperazzjoni bejn is-sħubiji lokali. Dan in-netwerk għandu jikkoopera mal-korpi tan-netwerking u l-appoġġ tekniku għall-iżvilupp lokali mwaqqfa mill-FEŻR, il-FSE u l-FAEŻR fir-rigward tal-attivitajiet ta' żvilupp lokali u l-kooperazzjoni transnazzjonali tagħhom.

*Artikolu 92*

**Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Istati Membri**

1. Soġġett għal-limitu massimu ta' 5 % tal-ammont totali tal-programm operazzjonali, fuq inizjattiva ta' Stat Membru il-FEMS jista' jappoġġja:

   (a) il-miżuri ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 52(1) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];

   (b) it-twaqqif ta' netwerks nazzjonali mmirati lejn it-tixrid tal-informazzjoni, il-bini tal-kapaċità, l-iskambju tal-aqwa prattiċi u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn il-FLAGs fit-territorju tagħhom

2. Bħala eċċezzjoni, u f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, jista' jinqabeż il-limitu massimu msemmi fil-paragrafu 1.

3. L-ispejjeż tal-korp ta' ċertifikazzjoni ma għandhomx ikunu eliġibbli fil-kuntest tal-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar id-definizzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu minn netwerks nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1.

# TITOLU VII
# IMPLIMENTAZZJONI TAĦT ĠESTJONI KONĠUNTA

## KAPITOLU I
## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 93*
**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan it-Titolu għandu japplika għall-miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni konġunta kif stabbilit fit-Titolu V

## KAPITOLU II
## Mekkaniżmu ta' twassil

### TAQSIMA 1
### APPOĠĠ MILL-FEMS

*Artikolu 94*
**Determinazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament**

1. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni massima tal-FEMS għal dak il-programm.

2. Il-kontribuzzjoni tal-FEMS għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-ammont ta' nfiq pubbliku eliġibbli.

   Il-programm operazzjonali għandu jistabbilixxi r-rata tal-kontribuzzjoni tal-FEMS applikabbli għal kull wieħed mill-għanijiet definiti skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-FEMS, kif imsemmija fl-Artikolu 6. Ir-rata massima tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għandha tkun 75 % tal-infiq pubbliku eliġibbli.

   Ir-rata minima tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għandha tkun 20 %.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-kontribuzzjoni tal-FEMS għandha tkun:

   (a) 100 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ taħt l-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 70;

   (b) 100 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-kumpens tar-reġim imsemmi fl-Artikolu 73;

   (c) 50 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 78(2)(e);

(d) 80 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 78(2)(a) sa (d) u (f) sa (j);

(e) 65 % tal-infiq eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 79.

*Artikolu 95*

**L-intensità tal-għajnuna pubblika**

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw intensità massima ta' għajnuna pubblika ta' 50 % tal-infiq eliġibbli totali tal-operazzjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw intensità ta' għajnuna pubblika ta' 100 % tal-infiq pubbliku eliġibbli tal-operazzjoni fejn:

(a) il-benefiċjarju jkun korp legali pubbliku;

(b) l-operazzjoni tkun relatata mal-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 70;

(c) l-operazzjoni tkun relatata mar-reġim ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 73;

(d) l-operazzjoni tkun relatata mal-ġbir tad-dejta msemmi fl-Artikolu 79.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw intensità ta' għajnuna pubblika bejn 50 % u massimu ta' 100 % tal-infiq eliġibbli totali meta l-operazzjoni tkun implimentata skont il-Kapitolu III tat-Titolu V u tkun tissodisfa waħda mill-kriterji li ġejjin:

(a) interess kollettiv;

(b) benefiċjarju kollettiv;

(c) aċċess pubbliku għar-riżultati tal-operazzjoni;

(d) karatteristiċi innovattivi tal-proġett fil-livell lokali.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-punti perċentwali addizzjonali ta' intensità tal-għajnuna pubblika kif stabbiliti fl-Anness I.

5. L-intensità minima tal-għajnuna pubblika għandha tkun 20 % tal-infiq eliġibbli totali tal-operazzjoni.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kif għandhom japplikaw il-punti perċentwali differenti ta' intensità tal-għajnuna pubblika fil-każ fejn jiġu sodisfatti diversi kundizzjonijiet tal-Anness I.

## TAQSIMA 2
## IL-ĠESTJONI FINANZJARJA U L-UŻU TAL-EURO

*Artikolu 96*
**Arranġamenti ta' prefinanzjament**

1. Minbarra r-regoli ġenerali tal-Artikolu 72 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], u wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali, għandu jitħallas mill-Kummissjoni ammont inizjali ta' prefinanzjament għall-perjodu kollu ta' programmar. Dan għandu jirrappreżenta 4 % tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni lill-programm operazzjonali kkonċernat. Jista' jinqasam f'żewġ pagamenti skont id-disponibbiltà tal-baġit.

2. L-imgħax iġġenerat fuq il-prefinanzjament għandu jiġi assenjat lill-programm operazzjonali ikkonċernat u mnaqqas mill-ammont tal-infiq pubbliku indikat fid-dikjarazzjoni finali tal-infiq.

*Artikolu 97*
**Sena fiskali**

Is-sena fiskali għandha tkopri l-ispejjeż imħallsa u d-dħul riċevut u mdaħħal fil-kontijiet tal-baġit tal-FEMS mill-aġenzija tal-pagamenti fir-rigward tas-sena «N» li tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena «N-1» u li tintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena «N».

*Artikolu 98*
**Pagamenti interim**

1. Il-pagamenti interim għandhom isiru għal kull programm operazzjonali. Dawn għandhom jiġu kkalkolati billi tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità tal-Unjoni għan-nefqa pubblika ċċertifikata li tappartjeni għaliha.

2. Soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi, il-Kummissjoni għandha tagħmel pagamenti intermedji sabiex tirrimborża n-nefqa mġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditata fl-implimentazzjoni tal-programmi.

3. Kull pagament interim għandu jsir soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' dikjarazzjoni tan-nefqa ffirmata mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata, skont l-Artikolu 124(1)(c);

   (b) ebda eċċess tal-kontribuzzjoni totali tal-FEMS għal kull prijorità tal-Unjoni għall-perjodu kollu kopert mill-programm ikkonċernat;

   (c) il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-aħħar rapport tal-progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali.

4. Jekk ma jiġix issodisfat wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma b'dan lill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata. Jekk ma jintlaħaqx wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) jew (c) tal-paragrafu 3, id-dikjarazzjoni tan-nefqa għandha titqies bħala mhux ammissibbli.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pagamenti interim fi żmien 45 jum mir-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni tan-nefqa li għaliha jiġu ssodisfati r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 123 u 127.

6. L-aġenziji tal-pagamenti akkreditati għandhom jistabbilixxu u jibagħtu d-dikjarazzjonijiet intermedji tal-infiq relatati mal-programmi operattivi lill-Kummissjoni, fi ħdan il-perjodi stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2).

Id-dikjarazzjonijiet intermedji tal-infiq fir-rigward tan-nefqa mġarrba mis-16 ta' Ottubru 'il quddiem għandhom jiġu rreġistrati fil-baġit tas-sena ta' wara.

*Artikolu 99*

**Il-pagament tal-bilanċ u l-għeluq tal-programm**

1. Wara li tirċievi l-aħħar rapport tal-progress annwali dwar l-implimentazzjoni ta' programm operazzjonali, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ, soġġetta għad-disponibbiltà tar-riżorsi, fuq il-bażi tal-pjan finanzjarju fis-seħħ, tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena ta' eżekuzzjoni għall-programm operazzjonali rilevanti u tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni korrispondenti. Dawk il-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data ta' eliġibbiltà finali tan-nefqa u għandhom ikopru n-nefqa mġarrba mill-aġenzija tal-pagamenti sal-aħħar data ta' eliġibbiltà tan-nefqa.

2. Il-bilanċ għandu jitħallas mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jitqiesu bħala li ġew irċevuti mill-Kummissjoni u wara li jkun ġie approvat l-aħħar kont annwali. L-ammonti li jkunu għadhom impenjati wara li jitħallas il-bilanċ għandhom jiġu diżimpenjati mill-Kummissjoni fi żmien perjodu ta' sitt xhur, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 100.

3. Jekk sal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 il-Kummissjoni ma tkunx irċeviet l-aħħar rapport tal-progress annwali u d-dokumenti meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aħħar sena ta' eżekuzzjoni għall-programm, il-bilanċ għandu jiġi diżimpenjat skont l-Artikolu 100.

*Artikolu 100*

**Diżimpenn**

Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal programm operazzjonali li ma jkunx intuża bi skop ta' prefinanzjament jew sabiex isiru pagamenti interim jew li għalih ma ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni l-ebda dikjarazzjoni tal-infiq li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 98(3) fir-rigward tal-infiq imġarrab sal-31 ta' Diċembru tat-tieni sena wara dik tal-impenn baġitarju.

*Artikolu 101*
**Użu tal-Euro**

1. L-ammonti stabbiliti fil-programm operazzjonali ippreżentat mill-Istat Membru, id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati tal-infiq, l-applikazzjonijiet għall-ħlas u l-infiq imsemmi fir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali għandhom ikunu denominati fl-euro.

2. L-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data ta' applikazzjoni għall-ħlas għandhom jikkonvertu f'euro l-ammonti tal-ispejjeż imġarrba fil-munita nazzjonali.

   Dawk l-ammonti għandhom jiġu konvertiti fil-munita euro bl-użu tar-rata ta' kontabbiltà ta' kull xahar tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu l-infiq kien irreġistrat fil-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti tal-programm operazzjonali ikkonċernat. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata elettronikament mill-Kummissjoni kull xahar.

3. L-ammonti rkuprati fil-munita nazzjonali mill-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data tal-irkupru għandhom jiġu konvertiti fl-euro bl-użu tar-rata tal-kambju msemmija fil-paragrafu 2.

4. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni stabbilita fil-paragrafu 3 għandha tkompli tapplika għall-infiq irreġistrat fil-kontijiet mill-aġenzija tal-pagamenti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata ta' konverżjoni fissa bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

## TAQSIMA 3
## ELIĠIBBILTÀ TAL-INFIQ U D-DURABBILTÀ

*Artikolu 102*
**Infiq eliġibbli**

1. Minbarra r-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 55(1) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-pagamenti minn benefiċjarji għandhom jiġu sostnuti minn fatturi u dokumenti li jservu bħala prova tal-pagament.

2. L-ispejjeż indiretti taħt il-Kapitolu III tat-Titolu V biss għandhom ikunu eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-FEMS.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 55(7) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxu Dispożizzjonijiet Komuni], infiq li jsir eliġibbli minħabba emenda ta' programm taħt l-Artikolu 22(2) għandu jkun eliġibbli biss mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara s-sottomissjoni tal-emenda.

*Artikolu 103*
**Kalkolu tal-ispejjeż simplifikati, l-ispejjeż addizzjonali jew id-dħul mitluf**

Meta l-għajnuna tingħata fuq il-bażi ta' spejjeż simplifikati, spejjeż addizzjonali jew dħul mitluf, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkunu adegwati, preċiżi u stabbiliti bil-quddiem fuq il-bażi ta' kalkolu ġust, ekwitabbli u verifikabbli.

*Artikolu 104*
**Ħlasijiet bil-quddiem**

1. Il-pagament ta' ħlasijiet bil-quddiem għandu jkun soġġett għat-twaqqif ta' garanzija tal-bank jew garanzija ekwivalenti li tikkorrispondi għal 100 % tal-ammont tal-ħlas bil-quddiem.

2. Fil-każ ta' benefiċjarji pubbliċi, il-ħlasijiet bil-quddiem għandhom jitħallsu lil muniċipalitajiet, awtoritajiet reġjonali u assoċjazzjonijiet tagħhom, u lil korpi tal-liġi pubblika.

3. Faċilità mogħtija bħala garanzija minn awtorità pubblika għandha titqies bħala ekwivalenti għall-garanzija msemmija fil-paragrafu 1, jekk l-awtorità tieħu l-impenn li tħallas l-ammont kopert minn dik il-garanzija, jekk ma jkunx stabbilit l-intitolament għall-ħlas bil-quddiem imħallas.

4. Il-garanzija tista' tiġi rilaxxata meta l-aġenzija tal-pagamenti kompetenti tistabbilixxi li l-ammont ta' nfiq reali li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni pubblika relatata mal-operazzjoni jaqbeż l-ammont tal-ħlas bil-quddiem.

*Artikolu 105*
**Id-durabbiltà tal-kriterji għall-ammissibbiltà tal-operazzjoni**

1. Il-benefiċjarju għandu jkompli jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà msemmija fl-Artikolu 12(1), wara li jissottometti l-applikazzjoni u matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni tal-operazzjoni u, għal ċerti tipi ta' operazzjonijiet, anki għal perjodu indefinit ta' żmien wara l-aħħar pagament.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 li jikkonċerna l-identifikazzjoni:

   (a) ta' tipi ta' operazzjonijiet li għalihom irid ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà wara l-aħħar pagament u

   (b) tal-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 1.

   Il-Kummissjoni għandha teżerċita dan l-għoti tas-setgħa b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' proporzjonalità u billi tikkunsidra r-riskju li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS rispettivi jikkostitwixxi theddid serju għall-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin li jirrestawraw u jħarsu l-popolazzjoni tal-ispeċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli li jista' joħloq l-MSY, is-sostenibbiltà tal-istokkijiet ikkonċernati jew il-konservazzjoni tal-ambjent marittimu.

# KAPITOLU III
# Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

*Artikolu 106*
**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun ġiet stabbilita sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-programm operazzjonali sabiex tiżgura allokazzjoni u separazzjoni ċari tal-funzjonijiet bejn l-Awtorità Amministrattiva u l-aġenzija ta' pagamenti u l-korp ta' ċertifikazzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-iżgurar li s-sistema taħdem b'mod effettiv matul il-perjodu ta' programmar.

*Artikolu 107*
**L-awtoritajiet kompetenti**

1. Għall-programm operazzjonali, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet li ġejjin:

   (a) l-awtorità amministrattiva, li tista' tkun jew korp tal-liġi pubblika jew privata, jew l-Istat Membru stess meta jwettaq dak il-kompitu, sabiex dawn ikunu inkarigati mill-ġestjoni tal-programm ikkonċernat;

   (b) l-aġenzija tal-pagamenti akkreditata fis-sens tal-Artikolu 109;

   (c) il-korp ta' ċertifikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 112.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar il-kompiti tal-awtorità amministrattiva, tal-aġenzija tal-pagamenti u, taħt l-iżvlupp lokali sostenibbli, il-gruppi ta' azzjoni lokali msemmija fl-Artikolu 62 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla u l-proċedura ta' għażla tal-proġetti.

*Artikolu 108*
**Awtorità amministrattiva**

1. L-awtorità amministrattiva għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti, effettiv u korrett, u partikolarment għal:

   (a) l-iżgurar ta' sistema elettronika sigura sabiex tirreġistra, iżżomm, tamministra u tirraporta informazzjoni statistika dwar il-programm u l-implimentazzjoni tiegħu meħtieġa għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u, b'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn l-għanijiet definiti tal-prijoritajiet tal-Unjoni;

   (b) fuq bażi trimestrali, il-provvediment lill-Kummissjoni bid-dejta relevanti dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u tal-operazzjoni stess;

(c) l-iżgurar li l-benefiċjarji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet:

  (i) ikunu informati bl-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-għajnuna mogħtija, u jew iżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew inkella kodiċi tal-kontabbiltà adegwat għat-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjoni;

  (ii) ikunu konxji mir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-forniment ta' dejta lill-awtorità amministrattiva u ż-żamma tal-eżiti u r-riżultati;

(d) l-iżgurar li l-evalwazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 48 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] tkun konformi mas-sistema ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 131 u li taċċettaha u tissottomettiha lill-Kummissjoni;

(e) l-iżgurar li l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] ikun fis-seħħ, li l-evalwazzjoni ex post imsemmija fl-Artikolu 140 issir fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu msemmi, bil-għan li tiżgura li dawn l-evalwazzjonijiet ikunu konformi mas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 131 u li jiġu sottomessi lill-Kumitat ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 136 u lill-Kummissjoni;

(f) provvediment lill-kumitat ta' monitoraġġ msemmi fl-Artikolu 136 bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa sabiex ikun jista' jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm fid-dawl tal-għanijiet u l-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;

(g) tħejjija tar-rapport tal-implimentazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 138 inklużi tabelli ta' monitoraġġ aggregati u, wara l-approvazzjoni mill-kumitat ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 136, tippreżentah lill-Kummissjoni;

(h) l-iżgurar li l-aġenzija tal-pagamenti tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri mħaddma u kwalunkwe kontrolli mwettqa fir-rigward tal-operazzjonijiet magħżula għal finanzjament, qabel ma jiġu awtorizzati l-pagamenti;

(i) l-iżgurar tal-pubbliċità għall-programm billi tinforma lil benefiċjarji potenzjali, organizzazzjonijiet professjonali, l-imsieħba ekonomiċi u soċjali, il-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, dwar il-possibbiltajiet offruti mill-programm u r-regoli sabiex jinkiseb l-aċċess għall-finanzjament tal-programm, kif ukoll billi tinforma lill-benefiċjarji tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni u lill-pubbliku ġenerali dwar l-irwol tal-Unjoni fil-programm.

2. L-Istat Membru jew l-awtorità amministrattiva jistgħu jaħtru korp intermedju wieħed jew aktar, inklużi awtoritajiet lokali jew reġjonali, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' żvilupp rurali.

3. Meta parti mill-kompiti tagħha tiġi ddelegata lil xi korp ieħor, l-awtorità amministrattiva għandha tieħu r-responsabbiltà sħiħa tal-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li jiġu implimentati dispożizzjonijiet xierqa sabiex il-korp l-ieħor ikun jista' jikseb id-dejta u l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq ta' dawn il-kompiti.

*Artikolu 109*

**Akkreditazzjoni u rtirar tal-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti**

1. L-aġenzija tal-pagamenti għandha tkun dipartiment jew korp iddedikat tal-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-infiq. Bl-eċċezzjoni tal-pagament, l-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti tista' tkun delegata.

2. L-Istati Membri għandhom jakkreditaw dipartimenti jew korpi bħala aġenziji tal-pagamenti li jissodisfaw il-kriterji ta' akkreditazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 111(2).

3. Il-persuna responsabbli għall-aġenzija ta' pagamenti akkreditati għandha tiġbor l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 75(1)(a), (b) u (c) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni].

4. Fejn aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma tissodisfax jew ma tibqax tissodisfa wieħed jew aktar mill-kriterji tal-akkreditazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu jirtira l-akkreditazzjoni tiegħu sakemm l-aġenzija tal-pagamenti ma tagħmilx il-bidliet meħtieġa f'perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema.

5. L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jamministraw u jiżguraw il-kontroll tal-operazzjonijiet marbuta mal-interventi pubbliċi li huma responsabbli għalihom u għandhom jieħdu r-responsabbiltà sħiħa f'dak il-qasam.

*Artikolu 110*

**Ħlas sħiħ lill-benefiċjarji**

Sakemm ma jkunx espliċitament stabbilit mod ieħor fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-pagamenti relatati mal-finanzjament stabbilit f'dan ir-Regolament għandhom jitħallsu b'mod sħiħ lill-benefiċjarji.

*Artikolu 111*

**Setgħat tal-Kummissjoni**

Sabiex tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-sistema stabbilita fl-Artikolu 106, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 dwar:

(a) il-kondizzjonijiet minimi għall-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti fir-rigward tal-ambjent intern, l-attivitajiet ta' kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u l-monitoraġġ, kif ukoll ir-regoli dwar il-proċedura għall-ħruġ u l-irtirar tal-akkreditazzjoni;

(b) ir-regoli relatati mas-superviżjoni u l-proċedura għar-reviżjoni tal-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti;

(c) l-obbligi tal-aġenziji tal-pagamenti fir-rigward tal-kontenut tar-responsabbiltajiet tal-ġestjoni u l-kontroll tagħhom.

*Artikolu 112*

**Korpi ta' ċertifikazzjoni**

1. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jkun korp ta' verifika pubbliku jew privat maħtur mill-Istat Membru li għandu jipprovdi opinjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-ġestjoni li tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali tal-aġenzija tal-pagamenti, il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kontroll intern, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, kif ukoll ir-rispett tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Għandu jkun indipendenti fil-livell operazzjonali mill-aġenzija tal-pagamenti, mill-awtorità amministrattiva u mill-awtorità li akkreditat lil dik l-aġenzija ta' pagamenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-istatus tal-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-kompiti speċifiċi, inklużi l-verifiki, li dawn iridu jwettqu kif ukoll iċ-ċertifikati u r-rapporti, flimkien mad-dokumenti li jakkumpanjawhom, li għandhom jitfasslu minn dawk il-korpi.

*Artikolu 113*

**Ammissibbiltà tal-pagamenti li jsiru mill-aġenziji tal-pagamenti**

L-infiq taħt il-ġestjoni konġunta msemmija fit-Titolu V u taħt l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 92 jista' jiġi kopert mill-finanzjament tal-Unjoni jekk dan isir mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati biss.

# KAPITOLU IV
# Kontroll mill-Istati Membri

*Artikolu 114*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw, fi ħdan il-qafas tal-FEMS, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha u jieħdu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u b'mod partikolari biex:

   (a) Ikunu vverifikati l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet iffinanzjati inkluż li l-prodotti u servizzi kofinanzjati jkunu ntbagħtu u li l-infiq ddikjarat mill-benefiċjarju jkun tħallas minnhom u li tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli, mal-programm operazzjonali u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni;

(b) Jiżguraw li l-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet rimborsati abbażi tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba jżommu jew sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà xierqa għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni;

(c) jistabbilixxu proċedura sabiex jiżguraw li jkun hemm id-dokumenti dwar in-nefqa u l-awditjar kollha meħtieġa għall-iżgurar ta' rekord ta' awditjar xieraq f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 62(g) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];

(d) joffru prevenzjoni effettiva kontra l-frodi, speċjalment fir-rigward taż-żoni b'livell ogħla ta' riskju, u li għandhom jaġixxu bħala deterrent, billi jikkunsidraw l-ispejjeż u l-benefiċċji kif ukoll il-proporzjonalità tal-miżuri;

(e) jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi;

(f) japplikaw il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa li huma effettivi, dissważivi u proporzjonati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali;

(g) jirkupraw il-pagamenti mhux dovuti miżjuda bl-imgħax u jekk dan ikun neċessarju, jiftħu proċeduri legali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll effettivi sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Sabiex tilħaq l-obbligi msemmija fil-paragrafu(1)(a), is-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jinkludu:

(a) kontrolli amministrattivi ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji;

(b) verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet.

Fir-rigward tal-verifiki fuq il-post, l-awtorità responsabbli għandha tislet il-kampjun ta' kontroll tagħha mill-popolazzjoni kollha tal-applikanti li jkun jinkludi, fejn xieraq, parti aleatorja u parti bbażata fuq ir-risku sabiex tikseb rata ta' żbalji rappreżentattiva, filwaqt li timmira wkoll l-aktar numru ta' żbalji.

4. Il-verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet individwali skont il-paragrafu(3)(b) jistgħu jitwettqu fuq bażi ta' kampjuni.

5. Meta l-awtorità amministrattiva tkun ukoll il-benefiċjarja fil-kuntest tal-programm operazzjonali, l-arranġamenti għall-verifiki msemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jiżguraw separazzjoni xierqa tal-funzjonijiet.

6. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet adottati u l-miżuri meħuda taħt il-paragrafi 1, 2, 3 u 5. Kull kundizzjoni li l-Istati Membri jistabbilixxu sabiex tissupplimenta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tkun verifikabbli.

7. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli bil-għan li tikseb applikazzjoni uniformi tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4. Dawk l-atti ta'

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 150, li jistipula regoli dwar arranġamenti għar-rekord tal-awditjar imsemmi fil-paragrafu 1(c).

*Artikolu 115*

**Irkupru ta’ pagamenti mhux dovuti**

1. Fil-każ tal-paragrafu (1)(g) tal-Artikolu 114, l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-ammonti mħallsa bi żball, flimkien ma’ kwalunkwe imgħax fuq pagamenti li jaslu tard. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b’dawk il-każijiet u għandhom iżommu lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-proċeduri amministrattivi u legali relatati.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jikkonċernaw l-obbligi tal-Istati membri speċifikati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 116*

**Irregolaritajiet**

1. Għal kwalunkwe pagament imħallas bi żball wara li twettqet irregolarità jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità, l-Istati Membri għandhom jitolbu rkupru mill-benefiċjarju fi żmien sena mill-ewwel indikazzjoni li seħħet din l-irregolarità u għandhom jirreġistraw l-ammonti korrispondenti fil-ktieb tad-debituri tal-aġenzija tal-pagamenti.

2. Jekk ma seħħx l-irkupru fi żmien erba’ snin mid-data tat-talba għal irkupru, jew fi żmien tmien snin meta l-irkupru jittieħed fil-qrati nazzjonali, il-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta’ rkupru għandhom jiġġarrbu mill-Istat Membru kkonċernat, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li l-Istat Membru kkonċernat irid ifittex li jwettaq il-proċeduri ta’ rkupru b’konformità mal-Artikolu 115.

Fejn fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru, in-nuqqas ta' kwalunkwe irregolarità tkun irreġistrata minn strument amministrattiv jew legali ta' natura definittiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddikjara lil dan il-fond il-piż finanzjarju li hu ġarrab bħala nefqa, skont l-ewwel subparagrafu.

3. F’raġunijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jfittxux li jwettqu l-irkupru. Deċiżjoni għal dan il-għan tista’ tittieħed biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-ispejjeż ta’ rkupru mġarrba jew li aktarx li se jiġġarrbu jammontaw għal ammont totali li jaqbeż l-ammont li għandu jiġi rkuprat, jew

(b) jekk l-irkupru jsir impossibbli minħabba l-insolvenza rreġistrata u rikonoxxuta taħt il-liġi nazzjonali tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità.

Fejn tittieħed id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu qabel ma l-ammont pendenti jkun ġie soġġett għar-regoli msemmija fil-paragrafu 2, il-konsegwenza finanzjarja tan-nuqqas ta' rkupru tiġġarrab mill-baġit tal-Unjoni.

4. Fil-kontijiet annwali li jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 125(c)(iii), l-Istati Membri għandhom idaħħlu l-ammonti li għandhom jiġġarrbu minnhom skont il-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tivverifika u, jekk ikun hemm bżonn, tiddeċiedi li timmodifika l-kontijiet annwali permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

5. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tiddeċiedi li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni dawk is-somom debitati lill-baġit tal-Unjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-Istat Membru ma rrispettax il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) jekk hi tqis li d-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru li ma jfittixx l-irkupru skont il-paragrafu 3 mhijiex ġustifikata;

(c) jekk hi tqis li l-irregolarità jew in-nuqqas ta' rkupru huma konsegwenza ta' irregolarità jew negliġenza attribwibbli lill-awtoritajiet amministrattivi jew kwalunkwe korp uffiċjali ieħor tal-Istat Membru.

6. Qabel ma tadotta kwalunkwe deċiżjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 129(6).

### *Artikolu 117*
### **Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-ewwel nett, l-Istat Membru għandu jġorr ir-responsabbiltà għall-investigazzjoni ta' irregolaritajiet jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità, billi jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa u wkoll għall-kisba tal-irkupri. F'każ ta' irregolarità sistematika, l-Istat Membru għandu jestendi l-investigazzjoni tiegħu b'mod li jkopri l-operazzjonijiet kollha li jistgħu jkunu milquta.

2. L-Istat Membru għandu jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa b'rabta mal-irregolaritajiet individwali jew sistemiċi jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità identifikati fl-operazzjonijiet jew fil-programm operazzjonali. Il-korrezzjonijiet li jagħmel l-Istat Membru għandhom jikkonsistu fl-ikkanċellar tal-kontribuzzjoni pubblika sħiħa jew parti minnha għal operazzjoni jew il-programm operazzjonali. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-FEMS u għandu japplika korrezzjoni proporzjonata. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet annwali mill-aġenzija ta' pagamenti għas-sena fiskali li fiha ġiet deċiża l-kanċellazzjoni.

3. Għal każijiet ta' korrezzjonijiet finanzjarji applikati fuq l-infiq direttament marbut man-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 105, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-ammont ta' korrezzjoni billi jikkunsidraw il-gravità tan-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku miġjub min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

4. Il-kontribuzzjoni mill-FEMS ikkanċellata skont il-paragrafu 1 tista' tintuża mill-ġdid fi ħdan il-programm operazzjonali, soġġetta għall-paragrafu 5.

5. Il-kontribuzzjoni kkanċellata skont il-paragrafu 2 ma tistax terġa' tintuża għall-operazzjoni jew operazzjonijiet li kienu soġġetti għall-korrezzjoni, jew, fejn issir korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità, għal kwalunkwe operazzjoni fihom li tkun affettwata mill-irregolarità sistematika jew każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità.

# KAPITOLU V
# Kontroll mill-Kummissjoni

## TAQSIMA 1
## INTERRUZZJONI U SOSPENSJONI

*Artikolu 118*

### Interruzzjoni tad-data ta' skadenza tal-pagament

Minbarra l-elementi li jippermettu l-interruzzjoni mniżżla fl-Artikolu 74(1)(a) sa (c) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] l-uffiċjal awtorizzanti permezz ta' delega fis-sens tar-[Regolament Finanzjarju] jista' jinterrompi d-data ta' skadenza tal-pagament għal talba għal ħlas interim għal perjodu massimu ta' disa' xhur jekk il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-Politika Komuni tas-Sajd li x'aktarx jaffettwa l-infiq li jinstab f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' nfiq li għaliha jintalab il-pagament interim;

*Artikolu 119*

### Sospensjoni tal-pagamenti

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-pagamenti interim kollha jew parti minnhom tal-programm operazzjonali, fejn:

   (a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm operazzjonali li għaliha ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

   (b) l-infiq f'dikjarazzjoni ċċertifikata tal-infiq ikun marbut ma' irregolarità serja jew xi każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità li ma jkunux ġew ikkoreġuti;

   (c) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni li tagħti lok għal interruzzjoni skont l-Artikolu 118;

   (d) hemm nuqqas serju fil-kwalità u affidabbiltà tas-sistema ta' sorveljanza;

   (e) il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tirrikonoxxi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Għandu jkun probabbli li dan in-nuqqas ta'

konformità jaffettwa n-nefqa li tinsab f'dikjarazzjoni ċċertifikata li għaliha jintalab il-pagament interim;

(f) il-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikoli 17(5) u 20(3) tar-Regolament [dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni] huma ssodisfati.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi l-pagamenti interim kollha jew parti minnhom wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien perjodu ta' xahrejn. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3), regoli dettaljati dwar il-parti tal-pagamenti li jistgħu jiġu sospiżi. Dawn l-ammonti għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u l-importanza tan-nuqqas, l-irregolarità jew in-nuqqas ta' konformità mill-Istat Membru.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li ttemm is-sospensjoni tal-pagamenti interim kollha jew parti minnhom fejn l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa sabiex tkun tista' titneħħa s-sospensjoni. Meta l-Istat Membru ma jkunx ħa dawn il-miżuri, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, deċiżjoni sabiex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji billi tikkanċella l-kontribuzzjoni totali jew parzjali tal-Unjoni għall-programm operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 128 u f'konformità mal-proċedura deskritta fl-Artikolu 129.

### *Artikolu 120*
### **Setgħat tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 li jiddefinixxu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità msemmija fl-Artikolu 118 u 119(1)(e), inkluż l-elenkar tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-PKS li huma essenzjali għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

2. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-proċedura ta' interruzzjoni u sospensjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

## TAQSIMA 2
## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET U KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

### *Artikolu 121*
### **Kontrolli fuq il-post mill-Kummissjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jew l-Artikolu 287 tat-Trattat, u kwalunkwe verifika organizzata skont l-Artikolu 322 tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' torganizza kontrolli fuq il-post fl-Istati Membri bil-għan li tivverifika b'mod partikolari:

(a) il-konformità tal-prattiċi amministrattivi mar-regoli tal-Unjoni;

(b) l-eżistenza tad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa u l-korrelazzjoni tagħhom mal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS;

(c) it-termini li fuqhom twettqu u ġew ikkontrollati l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS.

2. Il-persuni ddelegati mill-Kummissjoni biex iwettqu kontrolli fuq il-post jew l-aġenti tal-Kummissjoni li jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat mogħtija lilhom għandu jkollhom aċċess għall-kotba u għad-dokumenti l-oħrajn kollha, inklużi dokumenti u metadejta mħejjija jew irċevuti u rreġistrati fuq mezz elettroniku, fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-FEMS.

3. Is-setgħat mogħtija biex jitwettqu l-kontrolli fuq il-post ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriservaw ċerti atti għall-aġenti maħtura speċifikament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-persuni ddelegati mill-Kummissjoni ma għandhomx jieħdu sehem, fost l-oħrajn, fi żjarat fid-djar jew fl-interrogazzjoni formali tal-persuni fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat. Madanakollu, għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni miksuba b'dan il-mod.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħti avviż minn qabel biżżejjed ta' kontrolli fuq il-post lill-Istat Membru kkonċernat jew lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ser issir il-kontrolli. Aġenti mill-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kontrolli.

5. Fuq it-talba tal-Kummissjoni u bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat, il-kontrolli addizzjonali jew l-inkjesti dwar l-operazzjonijiet koperti minn dan ir-Regolament għandhom jitwettqu mill-korpi kompetenti ta' dak l-Istat Membru. L-aġenti tal-Kummissjoni jew il-persuni ddelegati mill-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kontrolli.

6. Sabiex ittejjeb il-verifiki, il-Kummissjoni tista', bil-qbil tal-Istat Membru kkonċernat, titlob l-għajnuna tal-awtoritajiet ta' dawk l-Istati Membri għal ċerti kontrolli jew inkjesti.

7. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2), tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri li għandu jkun hemm konformità magħhom meta jitwettqu kontrolli addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5 u 6.

*Artikolu 122*
**Aċċess għall-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħaddim bla xkiel tal-FEMS u għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiffaċilitaw il-kontrolli li l-Kummissjoni tqis li huma xierqa b'rabta mal-ġestjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi kontrolli fuq il-post.

2. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom li jkunu adottaw għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd, fejn dawk l-atti jkollhom impatt finanzjarju fuq il-FEMS.

3. L-istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha dwar l-irregolaritajiet u l-każijiet suspettati ta' frodi identifikati, u dwar il-passi meħuda sabiex jirkupraw ħlasijiet bi żball b'rabta ma' dawk l-irregolaritajiet u frodi skont l-Artikolu 116.

*Artikolu 123*

**Aċċess għad-dokumenti**

L-aġenziji tal-pagamenti akkreditati għandhom iżommu d-dokumenti ta' sostenn relatati mal-pagamenti magħmula u d-dokumenti relatati mar-rendiment tal-kontrolli amministrattivi u fiżiċi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u għandhom jagħmlu d-dokumenti u l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni.

Meta dawk id-dokumenti jinżammu minn awtorità li taġixxi taħt delega minn aġenzija tal-pagamenti u li hija responsabbli mill-awtorizzazzjoni tan-nefqa, dik l-awtorità għandha tibgħat ir-rapporti lill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata fuq in-numru ta' kontrolli magħmula, il-kontenut tagħhom u l-miżuri meħuda fid-dawl tar-riżultati tagħhom.

*Artikolu 124*

**Approvazzjoni tal-kontijiet**

1. Qabel it-30 ta' April tas-sena ta' wara s-sena tal-baġit inkwistjoni u fuq il-bażi tal-informazzjoni trażmessa skont l-Artikolu 125(c), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati.

2. Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali ppreżentati. Id-deċiżjoni għandha tiġi adottata mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet adottati sussegwentement skont l-Artikolu 128.

*Artikolu 125*

**Komunikazzjoni tal-informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni, id-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti li ġejjin:

(a) għal aġenzija tal-pagamenti akkreditata:

   (i) id-dokument ta' akkreditazzjoni tagħha;

   (ii) il-funzjoni tagħha;

   (iii) fejn rilevanti, l-irtirar tal-akkreditazzjoni tagħha,

(b) għal korp ta' ċertifikazzjoni:

  (i) ismu;

  (ii) id-dettall tal-indirizz tiegħu,

(c) għal miżuri relatati mal-operazzjonijiet iffinanzjati:

  (i) dikjarazzjonijiet tal-infiq, li jaġixxu wkoll bħala talbiet għal pagamenti, iffirmati mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata u akkumpanjati mill-informazzjoni meħtieġa;

  (ii) aġġornament tad-dikjarazzjonijiet stmati tal-infiq li jiġu ppreżentati matul is-sena u d-dikjarazzjonijiet stmati tal-infiq fir-rigward tas-sena finanzjarja ta' wara;

  (iii) id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-ġestjoni u l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati;

  (iv) sommarju tar-riżultati tal-verifiki u l-verifiki kollha disponibbli mwettqa.

*Artikolu 126*

**Kunfidenzjalità**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kkomunikata jew miksuba matul il-kontrolli fuq il-post jew fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet implimentati skont dan ir-Regolament.

Il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn[36] għandhom japplikaw għal dik l-informazzjoni.

*Artikolu 127*

**Setgħat tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli li jappartjenu għal:

(a) forma, kontenut, intervalli, skadenzi u arranġamenti biex jintbagħtu jew ikunu disponibbli għall-Kummissjoni:

  (i) id-dikjarazzjonijiet tal-infiq u l-estimi tal-infiq u l-aġġornamenti tagħhom, inkluż id-dħul assenjat;

  (ii) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni u l-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti, kif ukoll ir-riżultati tal-awditjar u l-kontrolli disponibbli kollha mwettqa;

---

36 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2

(iii) ir-rapporti ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet;

(iv) l-ismijiet u d-dettalji tal-aġenziji tal-pagamenti akkreditati u tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;

(v) l-arranġamenti għall-kunsiderazzjoni u l-ħlas tal-infiq iffinanzjat mill-FEMS;

(vi) in-notifiki tal-aġġustamenti finanzjarji magħmula mill-Istati Membri b'rabta mal-operazzjonijiet jew mal-programm operazzjonali, u rapporti fil-qosor dwar il-proċeduri ta' rkupru mwettqa mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-irregolaritajiet;

(vii) informazzjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Kummissjoni.

(b) arranġamenti li jirregolaw l-iskambji ta' informazzjoni u dokumenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni, inklużi t-tip, il-format u l-kontenut tad-dejta li għandha tiġi pproċessata minn dawk is-sistemi u r-regoli korrispondenti dwar il-ħżin tad-dejta;

(c) in-notifika lill-Kummissjoni mill-Istati Membri tal-informazzjoni, id-dokumenti, l-istatistika u r-rapporti, kif ukoll l-iskadenzi u l-metodi għan-notifika tagħhom.

(d) l-obbligi ta' kooperazzjoni li l-Istati Membri jridu jikkonformaw magħhom għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 121 u 122;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

*Artikolu 128*

**Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni u l-kriterji għall-korrezzjonijiet finanzjarji**

1. Minbarra l-każijiet identifikati fl-Artikoli 20(4) u 77 tar-Regolament [dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni], permezz ta' atti ta' implimentazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-kanċellazzjoni totali jew parzjali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm operazzjonali fejn, wara li twettaq l-eżaminazzjoni meħtieġa, hija tikkonkludi li:

(a) hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Unjoni diġà mħallsa għall-programm operazzjonali;

(b) in-nefqa inkluża f'dikjarazzjoni ċċertifikata tal-infiq hija irregolari jew affettwata minn każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità u ma ġietx ikkoreġuta mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;

(c) Stat Membru ma kkonformax mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 117 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

(d) l-infiq li jinstab f'dikjarazzjoni ċċertifikata ta' nfiq huwa affetwat minn każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS mill-Istat Membru li huma essenzjali għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

2. Għall-każijiet fil-kuntest tal-paragrafu 1(a), (b) u (c), il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolarità jew każijiet individwali oħrajn ta' nuqqas ta' konformità li kienu identifikati u għandha tikkunsidra jekk irregolarità jew każ ta' nuqqas ta' konformità humiex sistematiċi. Meta ma jkunx possibbli li l-ammont ta' nfiq irregolari llevat fuq il-FEMS jkun ikkwantifikat b'mod preċiż , il-Kummissjoni għandha tapplika rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata.

3. Għall-każijiet fil-kuntest tal-paragrafu 1(b) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 105, u l-paragrafu 1(d), il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha biss fuq l-infiq direttament marbut man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni billi tikkunsidra l-gravità tan-nuqqas ta' konformità mill-Istat Membru jew mill-benefiċjarju mar-regoli tal-PKS, il-vantaġġ ekonomiku miġjub min-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS jew l-importanza tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għall-attività ekonomika tal-benefiċjarju.

4. Meta ma jkunx possibbli li jiġi kkwantifikat preċiżament l-ammont ta' nefqa marbuta man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS, il-Kummissjoni għandha tapplika rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata skont il-paragrafu 6 (a).

5. Meta l-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti minn awdituri oħrajn għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tħejji l-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji tagħhom, wara li teżamina l-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 117, in-notifika sottomessa skont l-Artikolu 125(c) u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 li għandhom:

(a) jistabbilixxu l-kriterji li permezz tagħhom jiġi stabbilit il-livell ta' korrezzjoni finanzjarja li għandha tiġi applikata fil-każ ta' rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata.

(b) jelenkaw ir-regoli tal-PKS relevanti msemmija fil-paragrafu (1)(d) li huma essenzjali għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

*Artikolu 129*

**Proċedura**

1. Qabel tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura billi tinforma lill-Istat Membru dwar il-konklużjonijiet provviżorji tagħha u titlob lill-Istat Membru biex jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahrejn.

2. Fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja fuq il-bażi ta' estrapolazzjoni jew b'rata fissa, l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li juri, permezz ta'

eżaminazzjoni tad-dokumentazzjoni kkonċernata, li l-firxa attwali ta' irregolarità jew ta' xi każ ieħor ta' nuqqas ta' konformità, inkluż nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS, kienet inqas mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Bi qbil mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eżaminazzjoni għal kampjun jew proporzjon xieraq tad-dokumentazzjoni kkonċernata. Għajr f'każijiet debitament ġustifikati, iż-żmien permess għal din l-eżaminazzjoni ma għandux jaqbeż perjodu ulterjuri ta' xahrejn wara l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe evidenza pprovduta mill-Istat Membru fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Meta l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet proviżorji tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jkun mistieden għal smigħ mill-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni kollha rilevanti u l-osservazzjonijiet ikunu disponibbli abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

5. Sabiex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, fi żmien sitt xhur mid-data tas-smigħ jew mid-data tal-wasla tal-informazzjoni addizzjonali fejn l-Istat Membru jaqbel li jippreżenta informazzjoni addizzjonali wara s-seduta ta' smigħ. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha sottomessi matul il-kors tal-proċedura. Jekk ma ssir ebda seduta ta' smigħ, il-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda xahrejn wara d-data tal-ittra ta' stedina għas-seduta ta' smigħ mibgħuta mill-Kummissjoni.

6. Meta l-Kummissjoni jew il-Qorti tal-Awdituri josservaw irregolaritajiet li jaffettwaw il-kontijiet annwali mibgħuta lill-Kummissjoni, il-korrezzjoni finanzjarja li tirriżulta għandha tnaqqas l-appoġġ mill-FEMS għall-programm operazzjonali.

*Artikolu 130*

**Obbligi tal-Istati Membri**

Korrezzjoni finanzjarja min-naħa tal-Kummissjoni ma għandhiex tippreġudika l-obbligu tal-Istat Membru li jfittex li jwettaq l-irkupri skont l-Artikolu 117(2) u li jirkupra għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999[37].

[37] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

# KAPITOLU VI
# Monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u komunikazzjoni

## TAQSIMA 1
## TWAQQIF U GĦANIJIET TA' SISTEMA TA' MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

*Artikolu 131*
**Sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Għandha tiġi stabbilita sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-operazzjonijiet tal-FEMS taħt ġestjoni konġunta bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-FEMS. Sabiex jiġi żgurat tkejjil effettiv tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 150 rigward il-kontenut u l-bini ta' dak il-qafas.

2. L-impatt tal-FEMS għandu jitkejjel skont il-prijoritajiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6.

   Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tiddefinixxi sett ta' indikaturi speċifiċi għal dawn il-prijoritajiet tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet tad-dejta u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta, b'mod partikolari l-użu tagħhom għal raġunijiet statistiċi meta dan ikun xieraq. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta regoli dwar l-informazzjoni li trid tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar il-ħtiġijiet tad-dejta u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull erba' snin. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 132*
**L-għanijiet**

L-għanijiet tas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom ikunu:

(a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-politika għall-affarijiet marittimi u s-sajd u tivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-operazzjonijiet tal-FEMS;

(b) li tikkontribwixxi għal appoġġ immirat aħjar għall-politika għall-affarijiet marittimi u s-sajd;

(c) li tappoġġja proċess ta' tagħlim komuni relatat mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(d) li tipprovdi evalwazzjonijiet robusti bbażati fuq il-provi tal-operazzjonijiet tal-FEMS li jikkontribwixxu għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

## TAQSIMA 2
## DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

*Artikolu 133*

**Indikaturi komuni**

1. Għandha tiġi speċifikata lista ta' indikaturi komuni relatati mas-sitwazzjoni inizjali kif ukoll mal-eżekuzzjoni finanzjarja, l-outputs, ir-riżultati u l-impatt tal-programm u applikabbli għal kull programm fis-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbilita fl-Artikolu 131 sabiex tkun tista' ssir l-aggregazzjoni tad-dejta fil-livell tal-Unjoni.

2. L-indikaturi komuni għandhom ikunu marbuta mal-istadji importanti u l-miri stabbiliti fil-programmi operazzjonali skont il-prijoritajiet tal-Unjoni identifikati fl-Artikolu 6. Dawn l-indikaturi komuni għandhon jintużaw għall-qafas tal-prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 19(1) tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], u għandhom jippermettu li ssir valutazzjoni tal-progress, l-effiċjenza u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-politika fl-isfond tal-għanijiet u l-miri fil-livell tal-programm, fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.

*Artikolu 134*

**Sistema elettronika ta' informazzjoni**

1. L-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-programm, dwar kull operazzjoni magħżula għal finanzjament, kif ukoll dwar l-operazzjonijiet kompluti, meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u ta' kull operazzjoni, għandha tiġi rreġistrata u miżmuma b'mod elettroniku.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm sistema elettronika sikura xierqa sabiex tirreġistra, iżżomm u tiġġestixxi l-informazzjoni ewlenija u biex tirrapporta dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

*Artikolu 135*

**Għoti ta' informazzjoni**

Il-benefiċjarji tal-appoġġ taħt il-FEMS, inklużi gruppi ta' azzjoni lokali, għandhom jimpenjaw ruħhom li jipprovdu lill-awtorità amministrattiva u/jew lill-evalwaturi maħtura jew korpi oħrajn iddelegati biex iwettqu funzjonijiet f'isimha, id-dejta u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-issodisfar tal-għanijiet u l-prijoritajiet speċifiċi.

## TAQSIMA 3
## MONITORAĠĠ

*Artikolu 136*
**Proċeduri ta' monitoraġġ**

1. L-awtorità amministrattiva msemmija fl-Artikolu 108 u l-kumitat ta' monitoraġġ stabbilit fl-Artikolu 41 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] għandhom jimmonitorjaw il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-programm.

2. L-awtorità amministrattiva u l-kumitat ta' monitoraġġ għandhom iwettqu l-monitoraġġ tal-programm operazzjonali permezz ta' indikaturi finanzjarji, indikaturi tal-output u indikaturi fil-mira.

*Artikolu 137*
**Ir-responsabbiltajiet tal-kumitat ta' monitoraġġ**

Minbarra r-responsabbiltajiet speċifikati fl-Artikolu 43 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], il-kumitat ta' monitoraġġ jivverifika r-rendiment tal-programm operazzjonali u l-effettività tal-implimentazzjoni tiegħu. Għal dak il-għan, il-kumitat ta' monitoraġġ:

(a) għandu jiġi kkonsultat u joħroġ opinjoni, fi żmien erba' xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, dwar il-kriterji tal-għażla għall-operazzjonijiet iffinanzjati; il-kriterji tal-għażla għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġijiet tal-ipprogrammar;

(b) għandu jeżamina l-attivitajiet u r-riżultati relatati mal-pjan ta' evalwazzjoni tal-programm;

(c) għandu jeżamina l-azzjonijiet fil-programm relatati mal-issodisfar tal-kondizzjonalitajiet *ex ante*;

(d) għandu jikkunsidra u japprova r-rapporti ta' implimentazzjoni annwali qabel jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(e) għandu jeżamina l-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-opportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, inkluża l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà;

(f) ma għandux jiġi kkonsultat dwar Pjan ta' Ħidma Annwali għall-ġbir tad-dejta imsemmi fl-Artikolu 23.

*Artikolu 138*
**Rapport annwali ta' implimentazzjoni**

1. Sal-31 ta' Mejju 2016 u sal-31 ta' Mejju ta' kull sena sussegwenti sal-2023 b'din is-sena inkluża, l-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapport annwali

ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali fis-sena kalendarja ta' qabel. Ir-rapport sottomess fl-2016 għandu jkopri s-snin kalendarji tal-2014 u l-2015.

2. Minbarra dak li huwa speċifikat fl-Artikolu 44 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni dwar l-impenji finanzjarji u l-infiq skont il-kejl;

(b) sommarju tal-attivitajiet imwettqa relatati mal-pjan ta' evalwazzjoni;

(c) informazzjoni dwar in-nuqqas ta' rispett tal-kondizzjonijiet ta' durabilità stabbiliti fl-Artikolu 105 u tal-azzjonijiet ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri anki, jekk dawn ikunu meħtieġa, il-korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 117(2).

3. Minbarra dak li huwa speċifikat fl-Artikolu 44 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni sottomessi fl-2017 u l-2019 għandhom ikopru wkoll valutazzjoni tal-progress li sar fl-iżgurar ta' approċċ integrat li għandu jintuża tal-FEMS u ta' strumenti finanzjarji oħra tal-UE sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp territorjali, anki permezz ta' strateġiji ta' żvilupp lokali u jinkludi s-sejbiet relatati mal-kisba tal-miri għal kull prijorità inkluża fil-programm operazzjonali.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta regoli li jikkonċernaw il-format u l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni . Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

## TAQSIMA 4
## EVALWAZZJONI

*Artikolu 139*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tipprovdi għall-elementi li għandhom jiddaħħlu fir-rapporti ta' evalwazzjoni ex ante u ex post imsemmija fl-Artikoli 48 u 50 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 151(3).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mas-sistema ta' evalwazzjoni komuni skont l-Artikolu 131, għandhom jorganizzaw il-produzzjoni u l-ġbir tad-dejta meħtieġa, u għandhom jipprovdu d-diversi biċċiet ta' informazzjoni pprovduti mis-sistema ta' monitoraġġ għall-evalwaturi.

3. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri fuq l-internet u mill-Kummissjoni fuq is-sit elettroniku tal-Unjoni.

*Artikolu 140*

**Evalwazzjoni *ex ante***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evalwatur *ex ante* jinħatar meta jkunu għadhom fl-istadju bikri tal-proċess ta' żvilupp tal-programm tal-FEMS, inkluż l-iżvilupp tal-analiżi msemmija fl-Artikolu 20(1)b), it-tfassil tal-loġika ta' intervent tal-programm u t-tfassil tal-miri tal-programm.

*Artikolu 141*

**Evalwazzjoni *ex post***

F'konformità mal-Artikolu 50 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], għandu jitħejja rapport ta' evalwazzjoni ex post mill-Istati Membri għall-programm operazzjonali. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

*Artikolu 142*

**Sinteżi tal-evalwazzjonijiet**

Għandha ssir sinteżi fil-livell tal-unjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni *ex ante* u *ex post* taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Is-sinteżi tar-rapporti ta' evalwazzjoni għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sottomissjoni tal-evalwazzjonijiet relevanti.

## TAQSIMA 5
## INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI

*Artikolu 143*

**Informazzjoni u pubbliċità**

1. L-aġenzija tal-pagamenti, b'kollaborazzjoni mal-awtorità amministrattiva, għandha tkun responsabbli f'konformità mal-Artikolu 108(1)(i) għall:

(a) iżgurar tal-ftuħ ta' sit elettroniku uniku jew portal ta' sit elettroniku uniku li jipprovdi l-informazzjoni dwar il-programm operazzjonali f'kull Stat Membru u aċċess għalih;

(b) informazzjoni lill-benefiċjarji potenzjali bl-opportunitajiet ta' finanzjament taħt il-programm operazzjonali;

(c) pubbliċità għaċ-ċittadini tal-Unjoni r-rwol u l-kisbiet tal-FEMS permezz ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt tal-Kuntratti ta' Sħubija, il-programmi operazzjonali u l-operazzjonijiet.

2. Sabiex jiżguraw it-trasparenza fl-appoġġ mill-FEMS, l-Istati Membri għandhom iżommu lista ta' operazzjonijiet fil-format CSV jew XML li għandha tkun aċċessibbli permezz tas-sit elettroniku uniku jew il-portal tas-sit elettroniku uniku li jipprovdi lista u sommarju tal-programm operazzjonali.

Il-lista ta' operazzjonijiet għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull tliet xhur.

L-informazzjoni minima li għandha tiġi stabbilita fil-lista ta' operazzjonijiet, inkluża l-informazzjoni speċifika li tikkonċerna l-operazzjonijiet taħt l-Artikoli 28, 37, 45, 54 u 56, hija stabbilita fl-Anness IV.

3. Regoli dettaljati li jikkonċernaw l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-applikanti u l-benefiċjarji huma stabbiliti fl-Anness IV.

4. Il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-operazzjoni u l-istruzzjonijiet għall-ħolqien ta' emblema u definizzjoni tal-kuluri standard għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 151(2).

# TITOLU VIII
# IMPLIMENTAZZJONI TAĦT ĠESTJONI DIRETTA

## KAPITOLU I
## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 144*
**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan it-Titolu għandu japplika għal miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni diretta kif stabbilit fit-Titolu VI

## KAPITOLU II
## Kontroll

*Artikolu 145*
**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati l-operazzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti billi jiġu applikati miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività legali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali proporzjonali u deterrenti effettivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditjar fuq il-bażi tad-dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-kuntratturi u s-subkuntratturi kollha li rċevew fondi mill-Unjoni.

   L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-għan li jiġi stabbilit li jkunu twettqu frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni dwar l-għajnuna finanzjarja jew kuntratt li jikkonċernaw il-finanzjament tal-Unjoni.

   Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi preċedenti, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, ftehimiet dwar l-għajnuna finanzjarja, deċiżjonijiet u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu s-setgħa b'mod espressiv lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn.

*Artikolu 146*
**Awditjar**

1. Uffiċċjali tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri, jew ir-rappreżentanti tagħhom, jistgħu jwettqu awditjar fuq il-post fuq operazzjonijiet iffinanzjati minn dan ir-Regolament fi kwalunkwe mument b'avviż minn tal-inqas għaxart ijiem qabel, għajr f'każijiet urġenti, għal perjodu sa tliet snin wara l-pagament finali li sar mill-Kummissjoni.

2. L-Uffiċċjali tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri, jew ir-rappreżentanti tagħhom, debitament mogħtija s-setgħa sabiex iwettqu awditjar fuq il-post, għandu jkollhom aċċess għall-kotba u kull dokument ieħor, inklużi dokumenti u metadejta mfassla jew irċivuti u rreġistrati fuq format elettroniku relatati mal-infiq iffinanzjat minn dan ir-Regolament.

3. Is-setgħat ta' awditjar imsemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriżervaw ċerti atti għal aġenti speċifikament maħtura mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Uffiċċjali tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri, jew ir-rappreżentanti tagħhom, ma għandhomx jieħdu sehem, fost l-oħrajn, fi żjariet fid-djar jew interrogazzjonijiet formali ta' persuni fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjoanli tal-Istat Membru kkonċernat. Madanakollu, għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni miksuba b'dan il-mod.

4. Jekk kwalunkwe assistenza finanzjarja mill-Unjoni mogħtija taħt dan ir-Regolament tiġi sussegwentement allokata għal parti terza bħala benefiċjarju aħħari, il-benefiċjarju inizjali, peress li hu r-riċevitur tal-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni, għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha rigward l-identità ta' dak il-benefiċjarju aħħari.

5. Għal dan il-għan, id-dokumenti kollha li huma relatati għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni mill-benefiċjarji għal perjodu sa tliet snin wara l-pagament finali.

*Artikolu 147*
**Sospensjoni tal-pagamenti, tnaqqis u kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-fondi tal-Unjoni ma ntużawx skont il-konduzzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe att legali tal-Unjoni ieħor li huwa applikabbli, din għandha tinnotifika lill-benefiċjarji li għandu jkollhom xahar mid-data ta' din in-notifika sabiex jibagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni.

2. Jekk il-benefiċjarji ma jweġbux lura fi żmien dak il-perjodu jew jekk l-osservazzjonijiet tagħhom mhumiex ikkunsidrati sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha tnaqqas jew tikkanċella l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija jew tissospendi l-pagamenti. Kwalunkwe ammont imħallas bi żball għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandu jiżdied l-imgħax fuq kwalunkwe somma mhux imħallsa fil-ħin taħt il-konduzzjonijiet stabbiliti fir-[Regolament Finanzjarju].

# KAPITOLU III
# Evalwazzjoni u rapportar

*Artikolu 148*
**Evalwazzjoni**

1. L-operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu ssorveljati b'mod regolari sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-operazzjonijiet iffinanzjati.

*Artikolu 149*
**Rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(a) rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017;

(b) komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2018;

(c) rapport ta' evalwazzjoni *ex post* sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

# TITOLU IX
# DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 150*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni tal-atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont il-kondizzjonijiet stipulati f’dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikoli 12, 33, 37, 38, 39, 46, 61, 64, 67, 75, 92, 105, 111, 112, 114, 115, 119, 127, 131, u 153 għandha tingħata għal perjodu ta’ żmien mhux definit mill-1 ta’ Jannar 2014.

3. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikoli 12, 33, 37, 38, 39, 46, 61, 64, 67, 75, 92, 105, 111, 112, 114, 115, 119, 127, 131, u 153 tista' tkun irrevokata fi kwalunke żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta’ revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 12, 33, 37, 38, 39, 46, 61, 64, 67, 75, 92, 105, 111, 112, 114, 115, 119, 127, 131, u 153 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f’perjodu ta’ xahrejn (2) min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta’ dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 151*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat tal-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# TITOLU X
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 152*
**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1198/2006, (KE) Nru 861/2006, (KE) [Nru /2011 li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata], (KE) Nru 791/2007, (KE) Nru 2328/2003 u l-Artikolu 103 tar-Regolament 1224/2009 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 153*
**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni mis-sistemi stabbiliti mir-Regolamenti (KE) Nru 1198/2006, (KE) Nru 861/2006, (KE) [Nru /2011 li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata] u (KE) Nru 791/2007 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità mal-Artikolu 150 dwar il-kondizzjonijiet li taħthom l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni skont dawk ir-Regolamenti jista' jiġi integrat fl-appoġġ stabbilit skont dan ir-Regolament, inkluż għall-assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex post.

2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni sħiħa jew parzjali, tal-proġetti kkonċernati, sal-għeluq tagħhom, jew tal-assistenza approvata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 1198/2006, (KE) Nru 861/2006, (KE) [Nru /2011 li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata], (KE) Nru 791/2007 u l-Artikolu 103 tar-Regolament 1224/2009 jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2013.

3. L-applikazzjonijiet li jsiru taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 għandhom jibqgħu validi.

*Artikolu 154*
**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS I

**Intensità tal-għajnuna speċifika**

| Tip ta' operazzjonijiet | Punti perċentwali |
| --- | --- |
| **Relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 25 |
| **Fil-Gżejjer remoti tal-Greċja jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 35 |
| **Fir-reġjuni l-aktar imbiegħda jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 35 |
| **Implimentati minn organizzazzjoni ta' sajjieda jew benefiċjarji kollettivi oħrajn barra l-Kapitolu III tat-Titolu V jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 10 |
| **Implimentati minn organizzazzjoni ta' produtturi jew minn assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 20 |
| **Skont l-Artikolu 78 dwar il-kontroll u l-infurzar jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 30 |
| **Skont l-Artikolu 78 dwar il-kontroll u l-infurzar relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta'** | 40 |
| **Implimentati minn impriżi li jaqgħu barra d-definizzjoni tal-SMEs għandhom jitnaqqsu bi** | 20 |

# <u>ANNESS II</u>

**[Tqassim annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2014 sal-2020]**

## ANNESS III

## <u>Kundizzjonalitajiet Ġenerali *ex ante*</u>

| Qasam | Kundizzjonalità *ex ante* | Kriterji li għandhom jiġu sodisfatti |
|---|---|---|
| 1. Kontra d-diskriminazzjoni | L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[38] u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità[39] | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE huma żgurati permezz ta':<br>– arranġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u s-superviżjoni tad-direttivi msemmija hawn fuq;<br>– strateġija għal taħriġ u tixrid tal-informazzjoni għall-persunal involut fl-implimentazzjoni tal-fondi;<br>– Miżuri sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-direttivi msemmija hawn fuq. |
| 2. Ugwaljanza bejn is-sessi | L-eżistenza ta' strateġija għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u mekkaniżmu li jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħha. | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi ta' strateġija espliċita għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma żgurati permezz ta':<br>– sistema għall-ġbir u l-analiżi tad-dejta u l-indikaturi maqsuma skont is-sess u sabiex jiġu żviluppati politiki tas-sessi bbażati fuq il-provi;<br>– pjan u kriterji *ex ante* għall-integrazzjoni tal-għanijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' standards u linji gwidi dwar is-sessi;<br>– Mekkaniżmi ta' implimentazzjoni inkluż involviment ta' korp dwar is-sessi u l-esperti relevanti sabiex jabbozzaw, jissorveljaw u jevalwaw l-interventi. |
| 3. Diżabbiltà | L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà. | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà huma żgurati permezz ta' :<br>– Implimentazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-NU |

[38] ĠU L 303 , 02.12.2000, p.16
[39] ĠU L 180 , 19.07.2000, p.22

| | | |
|---|---|---|
| | | sabiex ikun hemm prevenzjoni, jiġu identifikati u eliminati ostakli u xkiel għall-aċċessibilità tal-persuni b'diżabbiltà;<br>– arranġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni tal-Konvenzjoni tan-NU f'konformità mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni;<br>– pjan għal taħriġ u tixrid tal-informazzjoni għall-persunal involut fl-implimentazzjoni tal-fondi;<br>– miżuri sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU inklużi l-arranġamenti xierqa għas-sorveljar tal-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità. |
| 4.. Akkwisti pubbliċi | L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18/KE u d-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [40] u s-superviżjoni u s-sorveljanza adegwati tagħhom. | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tad-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE huma żgurati permezz ta':<br>– traspożizzjoni kompleta tad-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE;<br>– arranaġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-liġi tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi;<br>– miżuri li jiżguraw superviżjoni u sorveljanza adegwati tal-proċeduri trasparenti ta' għoti ta' kuntratti u informazzjoni adegwata dwarhom;<br>– strateġija għal taħriġ u tixrid tal-informazzjoni għall-persunal involut fl-implimentazzjoni tal-fondi;<br>– Miżuri sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi. |
| 5. Għajnuna mill-Istat | L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat huma żgurati permezz ta':<br>– arranġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u s-superviżjoni tal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat;<br>– strateġija għal taħriġ u tixrid tal-informazzjoni għall-persunal involut fl- |

[40] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1

| | | |
|---|---|---|
| | | implimentazzjoni tal-fondi;<br>– miżuri sabiex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. |
| 6. Leġiżlazzjoni ambjentali relatata mal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS) | L-eżistenza ta' mekkaniżmu li jiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-unjoni relatata mal-VIA u l-VAS skont id-Direttiva tal-Kunsill (85/337/KEE) tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [41] u d-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent[42]. | – Implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni hija żgurata permezz ta':<br>– traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-direttivi VIA u VAS;<br>– arranġamenti istituzzjonali għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u s-superviżjoni tad-Direttivi VIA u VAS;<br>– strateġija għal taħriġ u tixrid tal-informazzjoni għall-persunal involut fl-implimentazzjoni tad-Direttivi VIA u VAS;<br>– miżuri sabiex tiġi żgurata kapaċità amministrattiva suffiċjenti. |
| 7. Sistemi statistiċi u indikaturi tar-riżultati | L-eżistenza ta' sistema statistika meħtieġa sabiex jitwettqu evalwazzjonijiet bil-għan li jiġu vvalutati l-effettività u l-impatt tal-programmi.<br><br>+L-eżistenza ta' sistema effettiva ta' indikaturi tar-riżultati meħtieġa sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn riżultati u sabiex titwettaq evalwazzjoni tal-impatt. | – Pjan multiannwali għall-ġbir u l-aggregazzjoni fil-ħin ta' dejta huwa fis-seħħ li jinkludi:<br>– l-identifikazzjoni ta' sorsi u mekkaniżmi sabiex jiżguraw validazzjoni statistika;<br>– arranġamenti għall-pubblikazzjoni u d-disponibbiltà pubblika.<br>– sistema effettiva ta' indikaturi tar-riżultati li jinkludu:<br>– l-għażla ta' indikaturi tar-riżultati għal kull programm li jipprovdu informazzjoni dwar dawk l-aspetti ta' benessri u progress tal-persuni li jimmotivaw l-azzjonijiet politiċi ffinanzjati mill-programm;<br>– it-tfassil ta' miri għal dawn l-indikaturi;<br>– għal kull indikatur, ir-rispett tar-rekwiżiti li ġejjin: robustezza u validazzjoni statistika, ċarezza tal-interpretazzjoni normattiva, rispons għall-politika, ġbir fil-ħin u |

[41] ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40
[42] ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30

| | | |
|---|---|---|
| | | disponibbiltà pubblika tad-dejta;<br><br>proċeduri adegwati fis-seħħ sabiex jiġi żgurat li kull operazzjoni ffinanzjata mill-programm tadotta sistema effettiva ta' indikaturi. |

## Kondizzjonalitajiet speċifiċi *Ex ante*

## 1. KONDIZZJONALITAJIET MARBUTIN MAL-PRIJORITAJIET

| Prijorità tal-UE għall-Għan Tematiku (Thematic Objective - TO) tal-FEMS/ CSF | Kundizzjonalità *Ex ante* | Kriterji li għandhom jiġu sodisfatti |
|---|---|---|
| **Prijorità tal-FEMS:**<br>**2. It-trawwim ta' sajd innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien**<br>**3. It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva u kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien**<br><br>TO 3: it-titjib tal-kompetittività ta' impriżi żgħar u medji | **Ftuħ ta' negozju**: Twettqu azzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni effettiva tas-"Small Business Act" (SBA) u r-Reviżjoni tiegħu tat-23 ta' Frar 2011 inkluż il-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" | L-azzjonijiet speċifiċi jinkludu:<br>– miżuri sabiex jonqos iż-żmien sabiex jinfetaħ negozju sa 3 ijiem ta' xogħol u l-ispejjeż għal EUR 100;<br>– miżuri sabiex jonqos iż-żmien meħtieġ għall-kisba tal-liċenzji u l-permessi sabiex wieħed jibda u jwettaq l-attività speċifika ta' impriża għal 3 xhur;<br>– mekkaniżmu għall-valutazzjoni sistematika tal-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq l-SMEs permezz ta' "test tal-SMEs" filwaqt li jkunu kkunsidrati d-differenzi fid-daqs tal-impriżi, fejn dan ikun relevanti |

| | | |
|---|---|---|
| **Prijorità tal-FEMS:**<br>**3. It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva u kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien**<br>**5. Il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;**<br><br>TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effiċjenza | It-twaqqif ta' pjan strateġiku nazzjonali multiannwali dwar l-akkwakultura kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-[Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd] sal-2014; | – Pjan strateġiku nazzjonali multiannwali dwar l-akkwakultura huwa trażmess lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-jum ta' trażmizzjoni tal-OP<br><br>– L-OP jinkludi l-informazzjoni dwar il-komplimentarjetajiet mal-pjan strateġiku nazzjonali multiannwali dwar l-akkwakultura |
| **Prijorità tal-FEMS:**<br>**6 It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS**<br><br>TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effiċjenza | Kapaċità amministrattiva pprovata għall-konformità mar-rekwiżiti tad-dejta għall-ġestjoni tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 37 tar-[Regolament dwar il-PKS] | – Kapaċità amministrattiva pprovata sabiex jitħejja u jiġi applikat programm multiannwali għall-ġbir tad-dejta, li għandu jiġi revedut mis-STECF u aċċettat mill-Kummissjoni<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali għall-ġbir tad-dejta, li għandu jiġi revedut mis-STECF u aċċettat mill-Kummissjoni<br><br>– Biżżejjed kapaċità fl-allokazzjoni tar-riżorsi umani sabiex jintlaħqu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' Stati Membri oħra jekk hija il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' ġbir tad-dejta hija kondiviża |
| **Prijorità tal-FEMS:**<br>**6 It-trawwim tal-implimentazzjoni tal-PKS**<br><br>TO 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-użu tar-riżorsi b'effiċjenza | Kapaċità amministrattiva pprovata għall-konformità mal-implimentazzjoni ta' sistema ta' spezzjoni ta' kontroll u infurzar tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 46 tar-[Regolament dwar il-PKS] u speċifikat ulterjorment fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. | L-azzjonijiet speċifiċi jinkludu:<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-2014-2020 kif imsemmi fl-Artikolu 19(l)<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali ta' azzjoni tal-kontroll għal pjanijiet multiannwali (Art 46 tar-Regolament tal-Kontroll)<br><br>– Kapaċità amministrattiva murija għat-tħejjija u l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | implimentazzjoni ta' programm ta' kontroll komuni li jista' jiġi żviluppat ma' Stati Membri oħra (art 94 tar-Regolament tal-Kontroll)<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programmi Speċifiċi ta' Kontroll u Spezzjoni (art 95 tar-Regolament tal-Kontroll).<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għall-applikazzjoni ta' sistema ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għal ksur serju (art 90 tar-Regolament tal-Kontroll)<br><br>– Kapaċità amministrattiva pprovata għall-applikazzjoni tas-sistema ta' punti għal ksur serju (art 92 tar-Regolament tal-Kontroll)<br><br>Biżżejjed kapaċità fl-allokazzjoni tar-riżorsi umani sabiex jiġi implimentat ir-regolament tal-Kontroll |

**ANNESS IV**
**Informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-appoġġ mill-FEMS**

## 1. LISTA TA' OPERAZZJONIJIET

Il-lista ta' operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 143 għandu jkun fiha, f'tal-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru, it-taqsimiet tad-dejta li ġejjin:

– Isem il-benefiċjarju (entitajiet legali biss; l-ebda persuna fiżika ma għandha tissemma);

– Numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità (CFR - Community Fleet Register) tal-bastimenti tas-sajd kif speċifikat fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003[43] (din it-taqsima trid timtela' biss meta l-operazzjoni tkun marbuta ma' bastiment tas-sajd)

– Isem l-operazzjoni;

– Sommarju tal-operazzjoni;

– Id-data ta' bidu tal-operazzjoni;

– Id-data ta' tmiem l-operazzjoni (data mistennija għat-tlestija fiżika jew għall-implimentazzjoni sħiħa tal-operazzjoni);

– Nefqa eliġibbli totali;

– Ammont ta' kontribuzzjoni tal-UE;

– Kodiċi postali tal-operazzjoni;

– Pajjiż;

– Isem il-prijorità tal-unjoni;

– Data tal-aħħar aġġornament tal-lista ta' operazzjonijiet.

L-intestaturi tat-taqsimiet tad-dejta u l-ismijiet tal-operazzjonijiet għandhom jiġu pprovduti wkoll f'tal-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## 2. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI U PUBBLIĊITÀ GĦALL-PUBBLIKU

### 2.1. Responsabbiltajiet tal-Istat Membru

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-informazzjoni u l-miżuri ta' pubbliċità jimmiraw lejn l-akbar kopertura medjatika possibbli billi jintużaw diversi forom u metodi ta' komunikazzjoni fil-livell xieraq.

---

[43] ĠU L 5, 9.1.2004, p.25.

2. L-Istat Membru għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni ta' tal-inqas il-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità li ġejjin:

(a) attività informattiva kbira li tippubbliċizza t-tnedija tal-programm operazzjonali;

(b) għal tal-inqas darbtejn matul il-perjodu ta' pprogrammar, attività informattiva kbira li tippromwovi l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-istrateġiji fil-mira u li tippreżenta l-kisbiet tal-programm operazzjonali;

(c) wiri tal-bandiera tal-Unjoni Ewropea quddiem il-bini ta' kull awtorità amministrattiva, jew f'post viżibbli għall-pubbliku;

(d) pubblikazzjoni b'mod elettroniku tal-lista ta' operazzjonijiet skont it-taqsima 1;

(e) l-għoti ta' eżempji ta' operazzjonijiet, skont kull programm operazzjonali, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku; l-eżempji għandhom ikunu f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mitkellma ħafna għajr il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;

(f) taqsima speċifika mis-sit elettroniku uniku għandha tkun iddedikata sabiex tagħti sommarju qasir tal-operazzjonijiet ta' innovazzjoni u ekoinnovazzjoni;

(g) l-aġġornar tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali, inklużi l-kisbiet ewlenin tiegħu, fuq is-sit elettroniku uniku jew fuq is-sit elettroniku tal-programm operazzjonali li huwa aċċessibbli permezz tal-portal tas-sit elettroniku uniku.

3. F'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, fil-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità, l-awtorità amministrattiva għandha tinvolvi lill-korpi li ġejjin:

(h) l-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-[Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni];

(i) ċentri ta' informazzjoni dwar l-Ewropa, kif ukoll l-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Istati Membri;

(j) istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka.

Dawn il-korpi għandhom ixerrdu ħafna l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 143(1)(a) u (b).

## 3. MIŻURI TA' INFORMAZZJONI GĦAL BENEFIĊJARJI POTENZJALI U GĦALL-BENEFIĊJARJI

### 3.1. Miżuri ta' informazzjoni għal benefiċjarji potenzjali

1. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-għanijiet tal-programm operazzjonali u l-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-FEMS jinxterdu ħafna fost il-benefiċjarji potenzjali u l-partijiet interessati kollha.

2. L-awtorità amministrattiva għandha tiżgura li l-benefiċjarji potenzjali huma informati dwar tal-inqas dan li ġej:

(k) il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-infiq li għandhom jintlaħqu sabiex wieħed jikkwalifika għall-appoġġ taħt programm operazzjonali;

(l) deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-applikazzjonijiet, il-proċeduri għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament u tal-perjodi ta' żmien involuti;

(m) il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu appoġġjati;

(n) il-kuntatti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-programmi operazzjonali;

(o) li l-applikazzjonijiet għandhom jipproponu attivitajiet ta' komunikazzjoni, proporzjonati għad-daqs tal-operazzjoni, sabiex jinformaw lill-pubbliku dwar il-miri tal-operazzjoni u l-appoġġ tal-UE għall-operazzjoni.

## 3.2. Miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji

L-awtorità amministrattiva għandha tinforma lill-benefiċjarji li l-aċċettazzjoni tal-finanzjament tikkostitwixxi aċċettazzjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-lista ta' operazzjonijiet ippubblikata skont l-Artikolu 143(2).

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-għan(ijiet)

1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja/i tal-infiq affettwata/i

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 4. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 4.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata

### 4.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB[44]

[Il-qasam tal-politika Titolu 11 "L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd" tal-Intestatura 2...]

speċifika l-linji baġitarji attwali inkorporati f':

Linji baġitarji ġodda wara l-2013:

### 4.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

■ **Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma'** azzjoni ġdida (dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss, 2014-2020)

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[45]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 4.4. L-għanijiet

#### *4.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

L-istrument finanzjarju l-ġdid ser jikkontribwixxi l-aktar għal 3 inizjattivi ewlenin taħt l-istrateġija Ewropa 2020: 1) L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, 2) L-Unjoni tal-Innovazzjoni u 3) Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda. F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, l-għanijiet ġenerali tal-istrument ta' finanzjament futur huma dawn li ġejjin:

---

44 ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività)

45 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Li jappoġġja l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riformata billi jippromwovi sajd u akkwakultura sostenibbli u vijabbli.

- Li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata

- Li jappoġġja żvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni tas-sajd.

*4.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i*

**<u>Għan speċifiku taħt ġestjoni konġunta</u>**

| | | |
|---|---|---|
| **Iż-żieda tal-impjiegi u l-koeżjoni territorjali;** | – | Il-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi u l-appoġġ tal-mobbiltà tax-xogħol f'komunitajiet kostali u interni li jiddependu fuq is-sajd u l-akkwakultura; |
| | – | id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd f'setturi oħrajn tal-ekonomija marittima u t-tkabbir tal-ekonomija marittima, inkluża l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima |
| **It-trawwim ta' sajd innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien;** | – | l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien |
| | – | itejjeb il-kompetittività u l-vijabbiltà tas-sajd, b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira u t-titjib tas-sikurezza jew tal-kondizzjonijiet tax-xogħol; |
| | – | l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja; |
| | – | l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tas-sajd |
| **It-trawwim ta' akkwakultura innovattiva u kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien** | – | l-appoġġ għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien |
| | – | it-titjib tal-kompetittività u l-vijabbiltà ta' impriżi tal-akkwakultura, b'mod partikolari SMEs |
| | – | l-iżvilupp ta' ħiliet professjonali ġodda u t-tagħlim tul il-ħajja |
| | – | l-organizzazzjoni mtejba tas-suq għall-prodotti tal-akkwakultura |
| **Il-promozzjoni ta' sajd sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;** | – | it-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar |
| | – | il-protezzjoni u r-restorazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, inklużi s-servizzi li jipprovdu. |
| **Il-promozzjoni ta' akkwakultura sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;** | – | it-titjib tal-ekosistemi relatati mal-akkwakultura u l-promozzjoni ta' akkwakultura effiċjenti fl-użu tar-riżorsi |
| | – | Il-promozzjoni tal-akkwakultura b'livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa u l-benessri tal-annimali u wkoll tas-saħħa u s-sigurtà pubblika |
| **It-trawwim tal-** | – | forniment ta' għarfien xjentifiku u ġbir ta' dejta |

| | | |
|---|---|---|
| **implimentazzjoni tas-CFP.** | – | appoġġ għall-kontroll u l-infurzar, filwaqt li titjieb il-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti |

## Għan speċifiku taħt ġestjoni diretta

| | | |
|---|---|---|
| Sajd ibbażat fuq l-innovazzjoni u l-għarfien | – | It-titjib tal-organizzazzjoni tas-suq għas-sajd (Osservatorju) |
| Sajd sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi | – | Żieda fil-provvista ta' għarfien xjentifiku u l-ġbir tad-dejta għall-ġestjoni tas-sajd sostenibbli |
| | – | Konformità akbar permezz tal-kontroll |
| L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PMI | – | L-iżvilupp ta' strumenti transsettorjali għal tfassil aħjar tal-politika (Ippjanar Spazjali Marittimu, Sorveljanza Marittima Integrata, Għarfien dwar il-Baħar) |
| | – | Il-promozzjoni ta' integrazzjoni tal-ispeċi li tippermetti l-ġestjoni sostenibbli u transkonfinali jew ibbażata fuq l-ekosistemi tal-baċini tal-baħar Ewropej. |
| It-tmexxija tal-PKS u tal-PMI | – | Il-promozzjoni ta' tmexxija integrata tal-PKS, l-affarijiet marittimi u kostali |
| | – | It-tisħiħ u s-simplifikazzjoni ulterjuri tal-involviment tal-partijiet interessati fil-ġestjoni tas-sajd u l-akkwakultura permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-Kunsilli Konsultattivi |
| | – | Appoġġ biex ikopri l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni marbuta mal-PKS u l-PMI u l-ispejjeż tal-esperti u tar-rappreżentanti tal-partijiet interessati li jipparteċipaw f'laqgħat tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-PKS u l-PMI |

Attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata/i

11 01 L-INFIQ AMMINISTRATTIV TAL-QASAM TA' POLITIKA DWAR L-'AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD'

11 02 IS-SWIEQ TAS-SAJD

11 03 IS-SAJD INTERNAZZJONALI U L-LIĠI TAL-BAĦAR (parzjalment)

11 04 IT-TMEXXIJA TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

11 06 IL-FOND EWROPEW GĦAS-SAJD (FES)

11 07 IL-KONSERVAZZJONI, IL-ĠESTJONI U L-ISFRUTTAR TAR-RIŻORSI AKKWATIĊI ĦAJJIN

11 08 IL-KONTROLL U L-INFURZAR TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

11 09 IL-POLITIKA MARITTIMA

### 4.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija taħt ġestjoni konġunta u diretta

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-proposta għal wara l-2013 ser tkun strument ta' finanzjament ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd riformata. Dan ser jinkiseb permezz tal-waqfien ta' sussidji għaljin u ineffiċjenti għall-flotot u konċentrazzjoni fuq għadd limitat ta' għanijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-Politika Komuni tas-Sajd f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020 u b'enfasi primarja fuq it-trawwim ta' sajd sostenibbli, l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni ekoloġika, l-inkoraġġiment ta' tranżizzjoni aktar malajr lejn modi ġodda ta' ġestjoni tas-sajd u l-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi f'komunitajiet dipendenti fuq is-sajd ser ikollhom irwol ewlieni f'din it-tranżizzjoni.

Ir-riżultati u l-impatt mistennija ser jiddependu fuq il-programmi operattivi li l-Istati Membri ser jissottomettu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri ser jintalbu jiffissaw miri fil-programmi tagħhom.

| **Parti interessata** | | **Deskrizzjoni tal-parti interessata** | **Interessi/effetti ewlenin** |
|---|---|---|---|
| **Benefiċjarji** | **Is-settur tal-qbid tal-ħut fl-UE** | — Sidien, operaturi u ekwipaġġ ta' bastimenti tas-sajd tal-KE. | – Il-vijabbiltà tan-negozji.<br>– Reżistenza akbar għax-xokkijiet ekonomiċi, ippjanar tan-negozju fit-tul.<br>— Ħiliet ġodda, kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni aħjar. Sajd sostenibbli b'inqas rimi. |
| | *Is-settur tal-akkwakultura fl-UE* | – Sidien, operaturi u persunal ta' negozji tal-akkwakultura | – Il-vijabbiltà tan-negozji.<br>– Żieda fl-inċentivi tas-suq għal akkwakultura sostenibbli/estensiva, inkluż fis-siti tan-NATURA 2000.<br>– L-issodisfar tal-ispejjeż tar-rekwiżiti ambjentali.<br>– Ħiliet ġodda, kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni aħjar. |
| | *Komunitajiet dipendenti fuq is-sajd* | – Komunitajiet dipendenti fuq is-sajd jew l-akkwakultura għall-għajxien tagħhom | – Komunitajiet kostali u interni vijabbli dipendenti fuq is-sajd. |
| | *Is-settur tal-ipproċessar* | – Dawk li jipproċessaw materja prima importata jew maqbuda fl-ibħra tal-KE | – Żieda fil-kompetittività u l-valur miżjud, provvisti stabbli ta' prodotti ta' kwalità. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *Is-settur tar-riċerka* | – Korpi tar-riċerka xjentifika u komunitajiet xjentifiċi li jipprovdu dejta dwar il-PKS u l-baħar. | – Il-provvista ta' dejta f'waqtha, ta' kwalità għolja, robusta u estensiva dwar is-sajd; li tagħti lok għal politika bbażata fuq l-għarfien. Żieda fl-għarfien dwar il-baħar, l-integrazzjoni tad-dejta. |
| | *Amministrazzjonijiet u korpi* | – Korpi nazzjonali, reġjonali u lokali involuti fil-ġbir tad-dejta, l-iżgurar tal-infurzar u l-kontroll tal-PKS<br>– Kunsilli Konsultattivi, RFMOs | – Appoġġ għal implimentazzjoni aktar effiċjenti, effettiva u prattika tal-kompiti tagħhom |
| | | – Korpi nazzjonali, reġjonali u lokali li jipproteġu l-kosta, jimmonitorjaw l-ambjent tal-baħar u jiżguraw il-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà marittima. | – Appoġġ għal implimentazzjoni aktar effiċjenti, effettiva u prattika tal-kompiti tagħhom.<br>– Viżibbiltà akbar għat-tħassib u l-ħtiġijiet finanzjarji tar-reġjuni kostali, inkluż koordinazzjoni aħjar u użu aktar strateġiku tal-fondi tal-UE. |
| *Oħrajn* | *Setturi Marittimi fl-UE* | – Operaturi involuti f'attivitajiet ekonomiċi kostali jew 'il barra mill-kosta (il-flotta kummerċjali, it-turiżmu, portijiet, eċċ.) | – Sikurezza u sigurtà mtejba<br>– Tnaqqis tal-piż amministrattiv fiż-żoni marittimi permezz ta' strutturi ta' tmexxija marittima stabbli u integrata (inkluż l-ippjanar spazjali).<br>– Komunikazzjoni akbar bejn l-industriji marittimi (raggruppamenti marittimi fil-baċini tal-baħar) |
| | *Konsumaturi* | – Dawk li jikkonsmaw prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura | – Id-disponibbiltà ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ta' kwalità għolja b'valuri nutrittivi għoljin. |
| | *Pajjiżi terzi* | – Is-settur tas-sajd f'kompetizzjoni mal-flotot tal-UE<br>– Produtturi tal-akkwakultura, esportaturi lejn l-UE.<br>– Amministrazzjoni. | – Aċċess għas-suq tal-UE.<br>– L-iżvilupp tal-kapaċità settorjali permezz tal-aċċess għall-appoġġ tal-UE. |
| | *NGOs, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tal-UE* | – NGOs ambjentali.<br>– Il-pubbliku usa' b'interess fi u tħassib għall-PMI u s-setturi tas-sajd, l-ambjent tal-baħar | – Il-ġestjoni sostenibbli tal-ibħra u ż-żoni kostali, inkluż il-manutenzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ħut, il-bijodiversità tal-baħar u l-valur ambjentali tal-oċeani, tax-xmajjar u tal-lagi.<br>– L-iżvilupp ta' responsabbiltà konġunta għas-sostenibbiltà ambjentali fis-setturi kollha. |

### 4.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt* ***taħt ġestjoni konġunta***

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Il-proposti jipprovdu għall-istabbiliment ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bil-għan li jitkejjel ir-rendiment tal-PKS. Dak il-qafas għandu jinkludi l-istrumenti kollha relatati mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

L-impatt ta' dawn il-miżuri tas-CFP għandu jitkejjel permezz tal-indikaturi li ġejjin (indikattivi):

– Iż-żieda fil-valur miżjud gross għal kull impjegat fil-flotta tas-sajd u fl-akkwakultura

– L-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil għall-qbid tal-ħut

– L-ispiża tal-enerġija fl-akkwakultura

– Iż-żieda fil-valur jew fil-volum tal-prodotti mgħoddija permezz tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi

– Ir-rati tar-rimi ta' speċi sfruttati kummerċjalment

– Il-livell ta' konformità mal-biċċiet tad-dejta

– L-għadd ta' ħażniet ivvalutati fir-rigward tal-ħażniet totali sfruttati

– L-ammont ta' każijiet ta' ksur serju identifikati

– L-għadd ta' impjiegi maħluqa u impjiegi miżmuma minn sħubiji lokali

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-sett ta' indikaturi speċifiċi għal dawn l-għanijiet.

### 4.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

#### *4.5.1. Ir-rekwiżit(i) li għandu jiġi ssodisfat/li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu ta' żmien qasir jew twil*

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet multiannwali tal-PKS u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti tat-Trattat, il-proposti jimmiraw li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv għall-PKS għall-perjodu wara l-2013

#### *4.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Skont it-TFUE, l-Unjoni għandu jkollha kompetenza esklussiva fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u kompetenza kondiviża għall-bqija tal-PKS. Barra minn hekk, il-PKS tiġġestixxi r-riżorsi li huma komuni għall-Istati Membri u li huma interkonnessi mill-qrib mal-ekosistemi tal-baħar li ma jirrispettawx il-fruntieri nazzjonali.

Il-kapaċità tal-UE li timxi lejn is-sajd sostenibbli – billi tikkunsidra s-suċċessi limitati tal-PKS sa issa u l-progress li sar f'dan il-qasam mill-imsieħba tal-UE – ser tkun test kritiku għall-kredibbiltà tal-UE sabiex tassumi t-tmexxija tal-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli u wieħed mill-elementi ewlenin tal-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi.

*4.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas tal-politika attwali, konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati kif ukoll analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet tal-ġejjieni, saret valutazzjoni komprensiva tal-impatt. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u l-memorandum ta' spjegazzjoni li qegħdin jakkumpanjaw il-proposti legali.

*4.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn* ***taħt ġestjoni konġunta***

Il-proposti leġiżlattivi kkonċernati minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja għandhom jitqiesu fil-kuntest usa' tal-proposta għal regolament ta' qafas uniku b'regoli komuni għall-fondi ta' qafas strateġiċi komuni (il-FEMS, il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FAEŻR). Dak ir-regolament ta' qafas ser jagħmel kontribuzzjoni importanti għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv, għall-infiq tal-fondi tal-UE b'mod effettiv u biex is-simplifikazzjoni titqiegħed fil-prattika. Dan isaħħaħ ukoll il-kunċetti ġodda tal-qafas strateġiku komuni għal dawn il-fondi kollha u l-Kuntratti ta' Sħubija li jmiss, li ser ikopru wkoll dawn il-fondi.

Il-qafas strateġiku komuni, li ser jiġi stabbilit, ser ibiddel l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 fi prijoritajiet għall-FEMS flimkien mal-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FAEŻR, li għandhom jiżguraw użu integrat tal-fondi sabiex jitwasslu l-għanijiet komuni.

Il-qafas strateġiku komuni ser jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ma' politiki u strumenti rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

### 4.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

■ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ■ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ■ L-impatt finanzjarju mill-2014 sal-2023

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita bi skala sħiħa tal-operat.

### 4.7. Il-metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[46]

■ **Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni**

☐ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:**

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet[47]

– ☐ korpi nazzjonali fis-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

■ **Ġestjoni konġunta mal-Istati Membri**

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li għandhom jiġu speċifikati)***

*Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Ġestjoni konġunta: Titolu III, IV u V<br><br>Ġestjoni diretta: Titolu VI u VII |

46 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

47 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 5. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 5.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar taħt ġestjoni konġunta

*Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet.*

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) huwa wieħed mill-Fondi li joperaw taħt il-Qafas Strateġiku Komuni (CSF). Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-infiq taħt dan l-istrument ser ikunu amministrati taħt ġestjoni konġunta, hemm ammont żgħir ta' infiq li huwa soġġett għal ġestjoni diretta mill-Kummissjoni.

**<u>I. ĠESTJONI KONĠUNTA</u>**

Il-Kumitati tal-Monitoraġġ imwaqqfa għal kull programm operazzjonali, u r-rapporti ta' implimentazzjoni annwali għal kull programm operazzjonali, ser ikunu fil-qalba tal-approċċ. Il-Kumitati tal-Monitoraġġ jiltaqgħu mill-inqas darba bis-sena. Il-laqgħat ta' reviżjoni annwali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri (SM) jikkomplimentaw is-sistema.

Minbarra r-rapporti ta' implimentazzjoni għal kull programm operazzjonali, ir-rapporti tal-progress ippreżentati mill-SM fl-2017 u fl-2019 (li jkopru l-implimentazzjoni tal-Kuntratti ta' Sħubija) ser jinġabru fil-qosor fir-rapporti strateġiċi mħejjija mill-Kummissjoni u ppreżentati lill-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2018 u fl-2020, il-Kummissjoni għandha tinkludi taqsima li tiġbor fil-qosor ir-rapport strateġiku fir-Rapport tal-Progress Annwali tagħha għal-laqgħa tar-rebbiegħa tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress li sar lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom iħejju rapport ta' evalwazzjoni *ex post* għall-programm tagħhom taħt il-FEMS. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

Is-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar ser tuża informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva. L-għodod kwantitattivi jinkludu kemm informazzjoni finanzjarja kif ukoll informazzjoni fiżika. L-informazzjoni fiżika tinkludi indikaturi tal-output u l-iżvilupp ta' indikaturi tar-riżultati. Il-Kummissjoni speċifikat sett ta' indikaturi tal-output li hija ser tuża għall-aggregazzjoni tal-informazzjoni fil-livell tal-UE. F'punti ewlenin tal-perjodu ta' implimentazzjoni (l-2017 u l-2019), rekwiżiti analitiċi addizzjonali dwar il-progress tal-programmi huma parti mir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali. Is-sistema ta' monitoraġġ u rappurtar tuża l-potenzjal sħiħ tat-trasferimenti ta' dejta elettronika.

Ta' min jinnota li l-miżuri li qabel kienu jaqgħu taħt ġestjoni diretta issa jitqiesu bħala li huma ffinanzjati taħt ġestjoni konġunta:

- miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar, kif ukoll miżuri li jappoġġjaw l-organizzazzjoni tas-swieq tas-sajd u l-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda għal prodotti tas-sajd, u

- miżuri li jappoġġjaw is-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar, kif ukoll miżuri li jappoġġjaw il-ġbir tad-dejta.

**<u>II. ĠESTJONI DIRETTA</u>**

Il-FEMS għandu jiffinanzja l-infiq li ġej taħt ġestjoni diretta:

- miżuri li jappoġġjaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata;

- miżuri li jappoġġjaw l-għarfien u l-pariri xjentifiċi, il-Kunsilli Konsultattivi, il-kontribuzzjonijiet volontarji lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri relatati mas-sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar, kif ukoll l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, u

- assistenza teknika.

Għall-ewwel żewġ skemi, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-FEMS tistabbilixxi l-informazzjoni li għandu jkollhom dawn il-programmi fir-rigward tal-għotjiet u l-akkwisti pubbliċi. Huma previsti wkoll monitoraġġ regolari u rappurtar perjodiku, bil-Kummissjoni mistennija tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

- rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2017;

- Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2018;

- rapport ta' evalwazzjoni *ex post* sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

## 5.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll taħt ġestjoni konġunta

### *5.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Mill-2008 il-Qorti Ewropea tal-Awdituri żvelat fir-rapport annwali tagħha rata ta' żbalji stmati għall-qasam ta' politika tal-Agrikoltura u r-Riżorsi Naturali b'mod ġenerali għal kull sena finanzjarja (għas-snin finanzjarji 2007-2010) fuq il-bażi ta' kampjun aleatorju annwali u indipendenti ta' tranżazzjonijiet. L-istima mill-Qorti tal-aktar rata ta' żbalji probabbli kienet ta' bejn 2 % u 5 % (għas-snin finanzjarji 2007 u 2009) u inqas minn 2 % għas-sena finanzjarja 2008. Għas-sena finanzjarja 2010 ir-rata kienet 2.3 %. Il-konklużjoni tal-Qorti hija li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll huma parzjalment effettivi fl-iżgurar tar-regolarità tal-pagamenti.

Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet tal-Qorti, fir-rigward tax-xogħol tal-verifiki annwali tagħha (DAS) huwa normalment żgħir (għas-sena finanzjarja 2010, ġew ittestjati 12-il pagament, li jkopru l-Ambjent; Affarijiet Marittimi u Sajd; u s-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur). Ġew irrapportati ftit żbalji għall-FIFG u għall-EFF. FIFG ma kienx parti mill-kampjun tal-Qorti għas-snin finanzjarji 2006 u 2007.

Sakemm huwa possibbli li jiġu evalwati t-tendenzi ta' żbalji, l-aktar żbalji frekwenti rrapportati matul l-aħħar 3 snin kellhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' rispett ta' regoli dwar il-pubbliċità (41 % - iżda fil-każijiet kollha mingħajr effett finanzjarju), u l-finanzjament ta' kategoriji ta' spejjeż ineleġibbli (30 %), li inkludew fost l-oħrajn spejjeż ta' subkuntrattar

ineleġibbli, u proġett imdewwem lil hinn mill-perjodu ta' eleġibbiltà. Kwistjonijiet ta' konformità oħrajn (mhux kwantifikabbli) jammontaw għall-bqija.

L-iżbalji kwantifikabbli kollha huma relatati mal-eliġibilità.

**I. ĠESTJONI KONĠUNTA**

**1. Perjodu ta' pprogrammar 1994-1999 (magħluq)**

Ir-rata ta' żbalji globali għal dan il-perjodu ta' programmar tista' tkun ibbażata fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi imposti sal-aħħar tal-2010 meta l-programmi kollha kienu magħluqa (EUR 99m, jew 3.88 % tal-ammont allokat).

**2. Perjodu ta' programmar 2000-2006 (SFGS)**

L-għeluq tal-programmi għadu għaddej; ir-rata ta' żbalji globali għal dan il-perjodu ta' programmar tiġi kkalkolata l-aħjar billi jiġu kkunsidrati s-snin meta l-programm kien għaddej f'veloċità moderata, jiġifieri mill-2005 'il quddiem. Abbażi ta' dan, ir-rata ta' żbalji annwali għall-SFGS (ikkalkolata bħala t-total ta' żbalji misjuba mit-testijiet dettaljati tal-proġetti, mill-ħidma ta' verifika tas-sistemi u mill-korrezzjonijiet potenzjali tar-rata fissa) tipikament kienet f'madwar 1 % tal-pagamenti magħmula f'kull sena.

Fid-dawl tal-punti kollha msemmija hawn fuq, ir-rata ta' żbalji globali għall-perjodu ta' programmar hija stmata għal madwar 2 %.

**3. Perjodu ta' programmar 2007-2013 (SFGS)**

Fuq il-bażi tal-evidenza kollha ta' verifika disponibbli bħalissa, ir-rata tal-iżbalji hija meqjusa li tinsab taħt it-2 %. Għall-2009, l-ammont massimu f'riskju mill-analiżi tar-rapporti ta' kontroll annwali (ACRs), ir-rapporti nazzjonali u rapporti oħrajn tad-Direttorati Ġenerali għall-programmi li jaqgħu taħt il-kategoriji 2b u 3 kien ta' 1.18 % tal-pagamenti totali li saru matul is-sena. Il-figura korrispondenti għall-2010 kienet ta'1.44 %.

**II. ĠESTJONI DIRETTA**

Ir-rati ta' żbalji għandhom jiġu eżaminati wkoll minn perspettiva multiannwali minħabba li, f'sena partikolari, id-DĠ MARE jivverifika bosta snin ta' infiq iddikjarat u mħallas. Meta jiġu kkunsidrati r-rati ta' żbalji tas-snin preċedenti żvelati mill-kontrolli *ex post* tal-2006, l-2007, l-2008 u l-2009, ir-rati ta' żbalji multiannwali fuq kampjuni għall-programmi ta' Ġbir tad-Dejta u għall-programmi ta' Kontroll huma 1.89 % u 4.33 % rispettivament (l-ammont ta' ammonti ineliġibbli identifikati mill-kontrolli *ex post* imqabbel mal-ammont ta' tranżazzjonijiet finanzjarji attwalment ikkontrollati *ex post*).

Għall-programm tas-Swieq u r-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda ma ġiet identifikata ebda nefqa ineliġibbli fl-2010 jew fis-snin ta' qabel.

5.2.2. *Il-metodu/i ta' kontroll previst(i)*

**I. ĠESTJONI KONĠUNTA**

Il-mekkaniżmi ta' kontroll li jsaħħu l-istrument tal-FEMS ser jinbidlu sewwa wara l-2013. L-Istati Membri (SM) ser ikunu obbligati li jaħtru tliet korpi, b'mod partikolari.

**1. Awtorità Amministrattiva (AA)**

L-AA ser tkun prinċipalment responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-programm; huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk l-ekonomiji jistgħux jinkisbu billi jużaw il-korpi li bħalissa qegħdin jassumu dan l-irwol għall-FES, jew billi jassenjaw il-kompiti lil AA minn Fond ieħor. Irrispettivament min-natura u firxa tal-verifiki u l-kontrolli li tista' twettaq (huwa f'idejn kull Stat Membru individwali li jagħmel l-arranġamenti tiegħu stess f'dan ir-rigward), l-irwol ta' kontroll prinċipali tal-AA huwa li tiżgura li l-AP (li fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli għall-pagament) tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-proċeduri mħaddma u kwalunkwe kontrolli mwettqa fir-rigward tal-operazzjonijiet magħżula għal finanzjament, qabel ikunu awtorizzati l-pagamenti.

**2. Aġenzija tal-Pagamenti (AP)**

L-AP għandha tissodisfa ċerti kriterji ta' akkreditazzjoni (l-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni 885/2006 juri l-komponenti ta' sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva). In-nuqqas ta' dan jista' jwassal biex l-akkreditazzjoni tagħha tiġi rtirata mill-SM, u b'hekk tintilef l-abbiltà tagħha li jintalbu l-fondi tal-UE mill-Kummissjoni. Tista' tiddelega l-kompiti tagħha ħlief għall-pagament, għalkemm iżżomm ir-responsabbiltà aħħarija għall-eżekuzzjoni proprja tagħhom.

L-AP hija responsabbli, għal skopijiet ta' approvazzjoni, mill-produzzjoni tal-informazzjoni dwar il-kontijiet annwali. Din għandha tinkludi d-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni mill-maniġment tal-AP dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali; il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' kontroll interni; u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti; u r-rispett tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda. Hija għandha tinkludi wkoll rapport fil-qosor tal-verifiki u l-kontrolli kollha mwettqa li huma disponibbli, inkluża analiżi tan-nuqqasijiet sistematiċi jew rikorrenti, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati.

**3. Korp taċ-Ċertifikazzjoni**

Il-Korp taċ-Ċertifikazzjoni għandu jkun operazzjonalment indipendenti mill-AP u mill-awtorità tal-akkreditazzjoni, kif ukoll teknikament kompetenti (huwa mistenni li jsegwi l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà). Kif inhuwa l-każ bħalissa għall-Politika Agrikola Komuni (PAK), huwa ser ikun responsabbli għall-verifika annwali ta' kull kont tal-AP. Il-Korp taċ-Ċertifikazzjoni huwa marbut li jħejji rapport dwar is-sejbiet tiegħu, u huwa mitlub (permezz ta' ċertifikat) li joħroġ opinjoni ta' verifika dwar il-verità, il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-kontijiet tal-AP, kif ukoll opinjoni dwar id-dikjarazzjoni tal-amministrazzjoni tal-assigurazzjoni li tkopri l-oqsma msemmija fil-paragrafu preċedenti.

L-introduzzjoni ta' approvazzjoni annwali tas-sistema ta' kontijiet għandha tkun ta' inċentiv għal awtoritajiet nazzjonali u reġjonali sabiex jagħmlu kontrolli tal-kwalità fil-ħin għall-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni annwali tal-kontijiet tal-Kummissjoni. Tikkostitwixxi rinforz tal-arranġamenti ta' ġestjoni finanzjarja u toffri assigurazzjoni aħjar li nfiq irregolari jiġi eskluż mill-kontijiet kull sena, milli fl-aħħar tal-perjodu ta' programmar.

Madankollu, din l-istima hija soġġetta għall-kapaċità tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jindirizzaw ir-riskji prinċipali deskritti hawn fuq.

**II. METODI TA' KONTROLL TAL-KUMMISSJONI APPLIKABBLI GĦALL-ĠESTJONI KONĠUNTA**

*Interruzzjoni u sospensjoni tal-pagamenti*

